L-INTRAPRIŻA U L-INDUSTRIJA

# L-Ewwel Impjegat

## Rapport tal-Grupp ta' l-Esperti

Ostakli għat-tkabbir – Reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
DIRETTORAT ĠENERALI TA' L-INTRAPRIŻA U L-INDUSTRIJA

Promozzjoni tal-kompetittività ta' l-SMEs
**Intraprenditorija**

# RAPPORT TAL-GRUPP TA' L-ESPERTI

# L-EWWEL IMPJEGAT

## OSTAKLI GĦAT-TKABBIR – REKLUTAĠĠ TA' L-EWWEL IMPJEGAT

Verżjoni finali

April 2005

**Avviż legali**

Dan il-proġett tmexxa flimkien ma' esperti nazzjonali maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE, Pajjiżi Kandidati/ta' l-Adeżjoni u pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE taħt il-Programm Multi-annwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorija.

Għalkemm ix-xogħol twettaq taħt il-gwida ta' l-uffiċjali tal-Kummissjoni, l-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Ir-riproduzzjoni ta' dan ir-rapport hi awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal aktar informazzjoni:
European Commission
Enterprise and Industry Directorate General
Unit E.1.
B-1049 Brussels, Belgium
Faks: + 32.2.29.66 27 8
Posta elettronika: Entr-Business/Support@cec.eu.int
http://europa.eu.int/comm/enterprise/entrepreneurship/support_measures/index.htm

Informazzjoni dwar Proġetti oħra

Informazzjoni dwar proġetti oħra mwettqa bi sħab bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali li qed jindirizzaw kwistjonijiet marbuta mal-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u t-titjib tal-miżuri ta' appoġġ għan-negozju tista' tinkiseb minn:

http://europa.eu.int/comm/enterprise/entrepreneurship/index.htm

## IL-WERREJ

IL-WERREJ ..... 3

GRAFFS U TABELLI ..... 5

MEMBRI TAL-GRUPP TA’ L-ESPERTI ..... 7

SOMMARJU ..... 12

1. INTRODUZZJONI ..... 16

1.1. Ġustifikazzjoni tal-proġett u struttura tar-rapport ..... 17

1.2. Metodoloġija tal-proġett ..... 18

1.3. L-istħarriġ ta’ l-*Eurobarometer* f’Intrapriżi b’persuna waħda ..... 22

2. NUMRU TA’ INTRAPRIŻI B’PERSUNA WAĦDA U R-RAĠUNIJIET TAGĦHOM GĦALIEX MA JIRREKLUTAWX L-IMPJEGATI ..... 23

2.1. Statistika dwar *OPEs* ..... 24

2.2. Raġunijiet ta’ negozju u monetarji għaliex ma jsirx reklutaġġ ..... 26

2.3. Proċeduri legali u burokratiċi bħala ostakli għar-reklutaġġ ..... 29

3. REKLUTAĠĠ U PROĊEDURI TA’ REKLUTAĠĠ ..... 31

3.1. Spejjeż diretti tal-proċeduri ta’ reklutaġġ ..... 32

3.2. Indikaturi indiretti għall-piż ta’ proċeduri għal reklutaġġ ..... 34

3.3. L-inċentivi mmirati għar-reklutaġġ għal intrapriżi b’persuna waħda huma ftit ..... 37

4. IL-PIŻ AMMINISTRATTIV BIEX TIMPJEGA L-ISTAFF ..... 39

4.1. Spejjeż amministrattivi diretti biex timpjega l-istaff ..... 39

4.2. Miżuri indiretti għall-piż amministrattiv ta’ l-impjieg ..... 40

4.3. L-għoti b’kuntratt ta’ proċeduri relatati ma’ l-impjieg ..... 44

5. IN-NUQQAS TA’ SODISFAZZJON TAL-KUMPANIJI Ż-ŻGĦAR BIL-PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI ..... 46

6. L-ISPIŻA TAX-XOGĦOL ..... 49

6.1. Pagi ..... 49

6.2. Spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi ..... 54

6.3. Ħin tax-xogħol ..... 59

7. PROBLEMI POSSIBBLI FIL-KAŻ TA’ TKEĊĊIJA TA’ L-IMPJEGATI ..... 63

8. XI EŻEMPJI TA’ PRATTIKA TAJBA ........ 67

8.1 Semplifikar tal-proċeduri għar-reklutaġġ u impjieg – l-*Enterprise Job Pass* (Franza) ........ 67

8.2. Informazzjoni komprensiva – in-“*No Nonsense Guide*” u “Starter Pack” għal min iħaddem fir-Renju Unit u l-“*Ventanilla Unica Empresarial*” (*One-stop-shop* għan-negozju) fi Spanja ........ 68

8.3. Aċċess rapidu għall-informazzjoni – Il-Linja għat-Twaqqif u l-Gwida għall-Intraprenditur ipprovduti mill-Aġenzija Svediża għall-Iżvilupp (Nutek) u l-*website* Ġermaniża www.existenzgruender.de ........ 69

8.4. Servizzi elettroniċi – is-sistema-DIMONA għad-dikjarazzjoni ta’ relazzjonijiet ta’ impjieg (Belġju) u s-servizz-*Palkka* Finlandiż ........ 71

8.5. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal min iħaddem – Spezzjoni komuni tal-kontribuzzjonijiet u l-ħlasijiet kollha relatati mal-pagi (Awstrija) ........ 71

9. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET ........ 73

ANNESSI ........ 79

Anness I: Tabelli u graffs addizzjonali ........ 79

TR 83

Anness II: Deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta’ reklutaġġ skond kull pajjiż ........ 86

Anness III: Proċeduri regolari marbuta mar-reklutaġġ ta’ l-ewwel impjegat ........ 113

IL-BELĠJU ........ 113

Anness IV: Dettalji tekniċi ta’ l-Istħarriġ *Eurobarometer* fost Intrapriżi b’persuna waħda ........ 138

Anness V: Spjegazzjoni ta’ xi termini tekniċi użati f’dan ir-rapport ........ 141

BIBLIJOGRAFIJA ........ 143

TAQSIRIET ........ 145

## GRAFFS U TABELLI


Tabella 1: Numru ta' intrapriżi b'persuna waħda u l-importanza ekonomika tagħhom ........ 25

Tabella 2: Raġunijiet għaliex ma jirreklutawx impjegati ........ 27

Tabella 3: Indikaturi diretti u indiretti ta' l-ispiża għar-reklutaġġ ........ 33

Tabella 4: Numru ta' kuntatti u proċeduri ........ 35

Graff 1: Sigħat fix-xahar għal proċeduri għall-impjieg ........ 40

Graff 2: Obbligi amministrattivi tipiċi relatati mar-reklutaġġ ........ 42

Graff 3: Spjegazzjoni potenzjali għan-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-kumpaniji firrigward tal-proċeduri ........ 47

Graff 4: Struttura ta' spejjeż tax-xogħol ........ 51

Graff 5: Spejjeż għax-xogħol fix-xahar għal kull impjegat ........ 52

Graff 6: Pagi minimi fix-xahar ........ 53

Graff 7: Importanza suġġettiva u oġġettiva ta' spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi ........ 55

Graff 8: Spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi għal min iħaddem – realtà u perċezzjoni ........ 57

Graff 9: Kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi għal min iħaddem ........ 58

Tabella 5: Stampa ġenerali tal-ħin tax-xogħol ........ 60

Graff 10: Livell medju tat-tkomplija tal-ħlas tal-pagi f'każ ta' mard ........ 61

Tabella 6: Ħarsien kontra t-tkeċċija ........ 64

Graff 11: Ħarsien kontra t-tkeċċija u r-reazzjoni tal-kumpaniji ........ 66

Graff 12: Total ta' diviżjonijiet fit-taxxa 2002 ........ 80

Tabella 7: Diviżjonijiet fit-taxxa, kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi tax-xogħol 2002 ........ 81

Graff 13: Vaganzi pubbliċi 2004 ........ 83

Graff 14: Regoli għat-tkeċċija ta' impjegati f'kumpaniji żgħar ........ 84

Tabella 8: Daqs u piż tal-kampjuni ........ 143

Tabella 9: Marġni statistiku minħabba l-proċess ta’ teħid ta’ kampjuni..........142

## MEMBRI TAL-GRUPP TA' L-ESPERTI

**Il-Belġju**
Is-Sur Tom Bevers
Attaché
SPF Emploi, Travail et Concertation sociale
Ernest Blerotstraat 1
1070 Brussel
Telefown: +32(0)2 233 46 69
Faks: +32(0)2 233 47 38
Posta Elettronika: tom.bevers@meta.fgov.be

**Il-Bulgarija**
Is-Sur Simeon Mutafchiev
Amministrattur Ewlieni
Aġenzija Statali għall-SMEs (ASME)
2, Triaditza st
1000 Sofia
Telefown: +359 2 981 6600 23
Faks: +359 2 986 1899
Posta Elettronika: s.mutafchiev@asme.bg

**Il-Ġermanja**
Is-Sinjura Ingra Freigang-Bauer
Rationalisierungs- und Innovationszentrum der Deutschen Wirtschaft e.V.
Düsseldorfer Str. 40
65760 Eschborn
Telefown: +49 6196 495 3205
Faks: +49 6196 495 205
Posta Elettronika: freigang@rkw.de

**L-Estonja**
Is-Sinjura Piret Loomets
Uffiċjal Eżekuttiv
Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni
Harju tn 11
15072 Tallinn
Telefown: +372 625 6383
Faks: +372 631 3660
Posta Elettronika: piret.loomets@mkm.ee

**Spanja**
Is-Sur Miguel Aznar Orti
Director de Programa
Ministerio de Trabajo y Asuntor Sociales
c/ Maria de Guzmán, 52
28071 Madrid
Telefown: +34 91 363 37 23

Faks: +34 91 363 38 88
Posta Elettronika: maznar@mtas.es

**Franza**
Is-Sur Jean-Jacques Nay
Ministère de l´économie, des finances et de l´industrie,
Petites et Moyennes entreprises (DECAS - affaires sociales)
3-5, rue Barbet de Jouy
75353 Pariġi 07 SP
Telefown: +33 1 43 19 36 25
Faks: +33 1 43 19 40 63
Posta Elettronika: jean-jacques.nay@decas.finances.gouv.fr

**L-Irlanda**
Is-Sinjura Maria Callinan
CEO
Laois County Enterprise Board Ltd.
IBS House, Dublin Road
Portlaoise Co. Laois
Telefown: 0502 61800
Faks: 0502 61797
Posta Elettronika: admin@laoisenterprise.com

**Ċipru**
Is-Sur Dinos Kathijotis
Uffiċjal Ewlieni għall-Produttività
Ċentru għall-Produttività ta' Ċipru
17 Karavostasiou St.
1048 Nikosia
Telefon + 357 22 806 111
Faks: + 357 22 376 872
Posta Elettronika: Kathdino@avacom.net

**Il-Latvja**
Is-Sur Edvins Lautsis
Ko-President tal-Kunsill
Konfederazzjoni ta' l-Intrapriżi Żgħar u Medji tal-Latvja
130/7 Kr. Barona street
LV-1020 Riga
Telefon/Faks: +371 731 5035
Posta Elettronika: BRC@novateka.lv

**Il-Litwanja**
Is-Sinjura Jurgita Vitkauskiene
Ministeru tas-Sigurtà Soċjali u x-Xogħol
Pamenkalnio str 18-2
LT-2600 Vilnius
Telefown: +370 5 266 42 29
Faks: +370 5 266 42 09
Posta Elettronika: jvitkauskiene@socmin.lt

**Il-Lussemburgu**
Is-Sur Charles Bassing
Conseiller économique
Chambre des Metiers
2 Circuit de la Foire Internationale
BP1604
L-1016 Luxembourg
Telefown: +352 42 67 67 251
Faks: + 352 42 67 87
Posta Elettronika: charles.bassing@cdm.lu

**L-Olanda**
Is-Sinjura Pauline Van der Kleijn
Konsulent tal-politika
Ministerie van Economische Zaken, Directie Ondernehmerschap
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
Telefown: +31 70 379 69 01
Faks: +31 70 379 75 27
Posta Elettronika: p.e.m.vanderkleijn@minez.nl

**L-Awstrija**
Is-Sinjura Elfriede Pfeffer
Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit Abt. III/10
Stubenring 1
A-1010 Wien
Telefown: +43 1 711 00-6531
Faks: +43 1 715 82 57
Posta Elettronika: elfriede.pfeffer@bmwa.gv.at

**Il-Polonja**
Is-Sinjura Elzbieta Szemplinska
Ministeru ta' l-Ekonomija, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali
ul. Nowogrodzka 1/3
00-513 Warszawa
Telefown: +48 22 661 15 58
Faks: +48 22 661 15 54
Posta Elettronika: elzbieta_szemplinska@mpips.gov.pl

**Il-Portugall**
Is-Sur Antonio Charana
Director Departamento
Instituto do Emprego e Formaçao Professional
Rua De Xabregas 52-56, 2°
1949 - 003 Lisboa
Telefown: +351 218 614 148
Faks: +351 218 614 604
Posta Elettronika: antonio.charana@iefp.pt

Is-Sinjura Sandra Ribeiro
Tecnica Superior
Instituto do Emprego e Formaçao Professional
Rua De Xabregas 52-56, 2°
1949 - 003 Lisboa
Telefown: +351 218 614 148
Faks: +351 218 614 604
Posta Elettronika: sandra.ribeiro@mtss.gov.pt

**Ir-Rumanija**
Is-Sur Florin Rosu
Direttur
Aġenzija Nazzjonali għall-SMEs u l-Kooperattivi
135 Laborator Str.
P.O. 77 Bucuresti
Telefown: +40 21 344 5317
Faks: +40 21 336 1843
Posta Elettronika: florin.rosu@mimmc.ro

**Il-Finlandja**
Is-Sinjura Päivi Kantanen
Uffiċjal Ewlieni, Affarijiet Legali
Ministeru tax-Xogħol, Politika dwar l-ambjent tax-xogħol
P.O. Box 34
Fin-00023 Government
Telefown: +358 10 60 48938
Faks: +358 9 10 60 48957
Posta Elettronika: paivi.kantanen@mol.fi

**L-Iżvezja**
Is-Sur Kent Ivarsson
Deputat Direttur
Ministeru ta’ l-Industrija, ix-Xogħol u l-Komunikazzjoni
SE-103 33 Stockholm
Telefown: +46 070 2855104
Faks: +46 8 20 45 86
Posta Elettronika: kent.ivarsson@industry.ministry.se

**It-Turkija**
Is-Sur Celal Polat
Spettur ta' l-Assigurazzjoni Soċjali
Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali
Inanu Buluari n° 42
06100 Ankara
Telefown: +90 312 212 5612
Faks: + 90 312 212 11 48
Posta Elettronika: cpolat@csgb.gov.tr u celalpolat@hotmail.com

**Ir-Renju Unit**
Is-Sur Ron Downing
Assistent Direttur: Start-Ups & Incubation
Small Business Service
Bay 604, Kingsgate House, 66-74 Victoria Street
London SW1E 6SW
Telefown: +44 20 7215 8218
Faks: +44 20 7215 8206
Posta Elettronika: ron.downing@sbs.gsi.gov.uk

Il-grupp iltaqa' ħames darbiet taħt il-presidenza tal-Kummissjoni. Dan ir-rapport hu bbażat fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-esperti u nġabar mill-Kummissjoni.

## SOMMARJU


Madwar 60% tan-negozji Ewropej huma "intrapriżi b'persuna waħda" (*OPEs*), jiġifieri intrapriżi li ma jħaddmu l-ebda staff, talanqas mhux fuq bażi regolari. Dawn l-intraprendituri individwali jikkostitwixxu kważi 9% ta' l-impjiegi totali u madwar 4% tal-popolazzjoni Ewropea. Huma primarjament attivi fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni, fis-servizzi personali u tan-negozju, fil-kummerċ u fit-trasport. Ġeneralment jaħdmu għal rashom, imma hemm ukoll xi intrapriżi inkorporati ta' persuna waħda.

Biex jifhmu aħjar ir-raġunijiet għaliex l-*OPEs* ma jirreklutawx staff regolari u biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet biex jitneħħew ostakli legali u amministrattivi possibbli għar-reklutaġġ, xi Stati Membri u pajjiżi kandidati (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja, it-Turkija u r-Renju Unit) waqqfu grupp ta' esperti biex janalizza s-sitwazzjoni ta' l-*OPEs*, jiżviluppa indikaturi dwar il-piż amministrattiv u ostakli oħrajn li jistgħu jispjegaw l-imġiba tagħhom u biex jippreżenta eżempji ta' prattika amministrattiva tajba li tnaqqas dawn il-piżijiet.

B'mod parallel max-xogħol tal-grupp ta' l-esperti, sar stħarriġ ta' l-*Eurobarometer* fost 4,000 *OPEs* fis-Sajf ta' l-2004. L-istħarriġ kopra dsatax-il pajjiż u pprova jsib ir-raġunijiet għaliex l-*OPEs* ma jirreklutawx, staqsa kif dawn jaraw ir-regoli dwar ir-reklutaġġ u l-impjieg u analizza l-livell ta' għarfien u kuxjenza tagħhom dwar dawn ir-regoli.

Skond l-istħarriġ ta' l-*Eurobarometer* il-maġġoranza (57%) ta' l-*OPEs* ma jirreklutawx staff għaliex in-negozju tagħhom mhuwiex kbir biżżejjed u/jew għax ma jarawx possibbiltà ta' tkabbir suffiċjenti. Għal dawn l-intrapriżi b'persuna waħda, ir-raġunijiet ekonomiċi bħad-daqs tas-suq u l-kompetizzjoni min-naħa ta' negozji oħrajn huma l-fatturi limitattivi ewlenin li jżommuhom milli jimpjegaw l-istaff. Numru kbir ta' sidien ta' intrapriżi (25%) jippreferu wkoll li jaħdmu weħidhom u jridu jżommu kontroll sħiħ fuq l-aspetti kollha tan-negozju tagħhom. F'ħafna każijiet id-delega tax-xogħol lil impjegat tista' ma tkunx possibbli minħabba t-tagħrif jew ħiliet speċjali li jkollu biss is-sid ta' l-intrapriża jew minħabba r-relazzjoni speċjali ta' fiduċja mal-konsumatur. Ftit aktar minn kwart ta' l-*OPEs* (27%) fil-prinċipju jkunu lesti li jirreklutaw, imma ma jistgħux isibu impjegati bi kwalifiki xierqa, jew jibżgħu li l-ispejjeż għat-taħriġ għall-persuna l-ġdida jkunu għoljin wisq.

Aktar minn terz ta' l-*OPEs* (36%) ma jirreklutawx staff minħabba spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi (b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet soċjali minn min iħaddem) u aktar minn għaxar intrapriżi minn 100 (11%) ma joffrux xogħlijiet għaliex ma jridux ikollhom x'jaqsmu mar-regoli legali u amministrattivi kumplessi marbuta mar-reklutaġġ, it-tħaddim jew it-tkeċċija. Dawn il-ħdax fil-mija ta' l-

*OPEs* huma primarjament imħassbin dwar regoli tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali kumplikati, u dwar problemi fil-każ ta' tkeċċija u spejjeż għar-reklutaġġ.[1]

Esperti stmaw li intraprenditur li jirrekluta l-ewwel impjegat ikun jeħtieġlu, medjament, aktar minn ġurnata biex jiskopri l-proċeduri neċessarji u kif jaqdihom. F'bosta pajjiżi l-ispejjeż finanzjarji għar-reklutaġġ huma kważi negliġibbli (pustaġġ eċċ.), imma xi kultant min iħaddem għall-ewwel darba jkollu jattendi u jħallas għal korsijiet speċjali dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u suġġetti simili. Barra minn hekk, ħafna drabi jkun il-każ li l-intraprenditur ikun irid iħallas lil organizzazzjoni speċjali, lil *accountant* jew lil konsulent dwar it-taxxa biex jieħu ħsieb il-proċeduri. Għandu jkun innotat li l-istima tal-ħin meħtieġ biex wieħed isir jaf dwar il-proċeduri għar-reklutaġġ u biex ikun konformi magħhom kienet evalwata, mill-*OPEs*, bħala dik ta' madwar tlett ijiem, jiġifieri tliet darbiet itwal mill-istima ta' l-esperti nazzjonali.

Hemm differenzi sostanzjali bejn pajjiżi differenti fin-numru ta' kuntatti obbligatorji ma' entitajiet pubbliċi u semi-pubbliċi fil-każ ta' reklutaġġ. F'xi pajjiżi kuntatt wieħed ma' l-awtorità tat-taxxa jew ma' l-aġenzija għas-sigurtà soċjali jkun biżżejjed, waqt li f'pajjiżi oħrajn jeħtieġu ħames jew aktar kuntatti. Fil-medja, min jimpjega l-ewwel darba jrid ikollu x'jaqsam ma' tliet aġenziji differenti, li normalment ikunu s-sigurtà soċjali, l-uffiċċju tat-taxxa u l-aġenzija għall-impjiegi. Komuni wkoll huma kuntatti obbligatorji ma' assigurazzjonijiet għall-kontra l-inċidenti u ma' ċentri mediċi jew tobba biex jiċċekkjaw saħħet l-impjegat il-ġdid qabel ma jibda x-xogħol. Fil-medja hemm bżonn li wieħed jgħaddi minn erba' proċeduri differenti meta jiġi mqabbad l-ewwel ħaddiem (ġeneralment ir-relazzjoni l-ġdida ta' impjieg tkun trid tiġi reġistrata ma' istituzzjonijiet pubbliċi differenti bil-mili ta' formola jew billi din tintbagħat bil-posta). Hawnhekk id-differenzi bejn pajjiżi differenti huma aktar evidenti, għaliex in-numru ta' proċeduri obbligatorji jvarja minn waħda għal tmienja.

Waqt li l-proċeduri għar-reklutaġġ ta' impjegat huma importanti fid-deċiżjoni dwar reklutaġġ, il-piż amministrattiv mitlub mir-regoli biex ikun impjegat xi ħadd jgħodd saħansitra aktar. Huwa pjuttost diffiċli tkejjel, b'mod li tista' toqgħod fuqu, il-piż effettiv li l-ewwel relazzjoni ta' impjieg timplika għall-intrapriża. Madankollu l-esperti ppruvaw jistmaw iż-żmien fix-xahar li min iħaddem ikollu jiddedika għall-proċeduri amministrattivi. Skond dawn l-istimi, il-ħin medju għall-pajjiżi parteċipanti jkun ta' madwar erba' sigħat fix-xahar. Siegħa u nofs tkun meħtieġa għal obbligi relatati mat-taxxa u bejn wieħed u ieħor l-istess ħin għal kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà soċjali. Siegħa oħra trid tintuża fuq obbligi differenti bħal rekwiżiti ta' dokumentazzjoni u informazzjoni u l-bqija. Bħal fil-każ ta' l-istimi dwar proċeduri għar-reklutaġġ, l-*OPEs* Ewropej ħasbu li jkun meħtieġ aktar ħin biex huma jikkonformaw mal-proċeduri għall-impjieg (aktar minn disa' sigħat fix-xahar).

[1] Innota li l-intrapriżi setgħu jsemmu aktar minn raġuni waħda għaliex ma jirreklutawx, u għalhekk il-punti perċentwali meta tgħoddhom jammontaw għal aktar minn 100%.

Raġuni waħda għaliex huwa relattivament diffiċli li jitkejjel il-piż amministrattiv marbut ma' l-impjiegi hija għaliex f'bosta pajjiżi anke kumpaniji żgħar jagħtu dan ix-xogħol lil ħaddieħor, jiġifieri jitolbu lil konsulenti tat-taxxa, kontabilisti jew aġenziji speċjalizzati bħalma huma s-segretarjati soċjali biex jieħdu ħsieb il-kalkoli u l-ħlas ta' taxxi relatati mal-paga u l-kontribuzzjonijiet soċjali, iż-żamma tar-reġistri u l-bqija.

Riżultat importanti mill-istħarriġ ta' l-*Eurobarometer* huwa li l-maġġoranza l-kbira ta' l-*OPEs* ma jaħsbux li r-regoli u r-regolamenti amministrattivi huma xierqa għal kumpaniji żgħar bħalhom. Aktar minn hekk, dan in-nuqqas ta' sodisfazzjon jidher li għandu effetti li jistgħu jitkejlu fuq l-imġiba tar-reklutaġġ tal-kumpaniji. F'bosta pajjiżi fejn in-nuqqas ta' sodisfazzjon dwar l-ambjent regolatorju kien partikolarment qawwi, bħall-Ġermanja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, Franza u l-Awstrija, parti mdaqqsa mill-*OPEs* iddikjaraw ukoll li dawn ir-regoli effettivament żammewhom milli jirreklutaw staff. Huwa madankollu diffiċli ħafna li jinsabu fatturi ewlenin li jispjegaw in-nuqqas ta' sodisfazzjon ta' kumpaniji żgħar għaliex dawn is-sentimenti ta' nuqqas ta' sodisfazzjon jidhru li huma pjuttost ġenerali u mhux speċifiċi.

Jekk tikkunsidra li l-pagi, f'medja, jirrappreżentaw tliet kwarti ta' l-ispiża tax-xogħol huwa kemmxejn sorprendenti li 18% biss ta' l-*OPEs* iwaħħlu fil-livell tal-pagi f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni tagħhom li jaħdmu weħidhom (mhux sorpriża li dawn in-negozji jinsabu l-aktar f'pajjiżi fejn il-pagi komparattivament jikkostitwixxu sehem kbir mill-ispiża tax-xogħol). Deterrent ferm akbar għar-reklutaġġ huma l-ispejjeż li m' humiex pagi, partikolarment il-kontribuzzjonijiet soċjali minn min iħaddem. 36% tal-kumpaniji intervistati iddikjarawhom bħala waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex ma jistgħux jifilħu għall-istaff. Skond informazzjoni ta' l-*OECD* il-kontribuzzjonijiet u taxxi relatati mal-paga ta' dawk li jħaddmu jikkostitwixxu bejn 11% u 40% tal-qligħ gross ta' min jaħdem fil-pajjiżi parteċipanti fil-proġett. Mill-ġdid, f'pajjiżi fejn dan is-sehem huwa pjuttost għoli, l-kumpaniji x'aktarx isemmuhom bħala raġuni għaliex ma jirreklutawx.

Barra minn piżijiet amministrattivi u spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi, it-tielet sors ta' tħassib għal intrapriżi b'persuna waħda huma r-regoli eżistenti dwar it-tkeċċija ta' l-impjegati. Ir-rigorożità tal-liġi dwar l-impjieg u dwar il-ħarsien tal-ħaddiema minn tkeċċija kif imkejlin minn indikatur żviluppat mill-*OECD* hija pożittivament korrelatata man-numru ta' kumpaniji li jiddikjaraw li ma jirreklutawx minħabba dan il-ħarsien. Madankollu, speċjalment għal kumpaniji żgħar, hemm numru ta' eżenzjonijiet mil-leġiżlazzjoni ġenerali, tant li l-esperti fil-medja tagħhom huma ta' l-opinjoni li jkun relattivament faċli għal negozju żgħir li jkeċċi impjegat li ma jkollux aktar xogħol għalih. Aktar minn hekk, barra li huwa daqsxejn aktar diffiċli li tkeċċi impjegat għal raġunijiet personali, din ma tidhirx li hija problema li ma tistax tingħeleb meta titqies oġġettivament. Għalhekk jista' jkun il-każ li t-tħassib tal-kumpaniji dwar problemi ta' tkeċċija huwa sa ċertu punt esaġerat jew ibbażat fuq informazzjoni żbaljata.

L-esperti identifikaw bosta prattiċi tajbin f'ħafna mill-pajjiżi parteċipanti li jistgħu, wara xi modifikazzjonijiet u aġġustamenti għall-kondizzjonijiet differenti tal-qafas

nazzjonali, ikunu imitati minn Stati oħra u li jkunu jistgħu jgħinu biex joħolqu ambjent regolatorju b'inqas piż u aħjar għall-intrapriżi fl-Ewropa.

Wieħed minn dawn l-eżempji huwa l-*job pass* għall-intrapriża Franċiża: skema li taħtha organizzazzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ċentri speċjalizzati iserrħu lil min iħaddem (u li jkun żgħir) minn proċeduri dwar impjieg u formalitajiet għal reklutaġġ bħad-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjonijiet soċjali u t-tfassil tal-listi tal-ħlas għall-impjegati. Eżempji tajbin ta' komunikazzjoni ċara u ta' malajr tar-regoli dwar l-impjiegi lill-intraprendituri huma "*No nonsense guide*" u "*Starter's pack*" tar-Renju Unit kif ukoll il-linja tat-telefon għall-għajnuna operata mill-Aġenzija għall-Iżvilupp Svediża (Nutek) u s-sit elettroniku Ġermaniż "Existenzgruender.de". Eżempji prattiċi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv regolari għall-impjieg huma s-sistema-DIMONA Belġjana li permezz tagħha d-dikjarazzjonijiet kollha relatati ma' l-impjieg huma operati elettronikament, is-sistema-Palkka Finlandiża jew il-prattika amministrattiva Awstrijaka ta' spezzjoni komuni tal-kontribuzzjonijiet u l-ħlasijiet relatati max-xogħol li tnaqqas il-frekwenza ta' l-awditjar għal min jimpjega u twassal, bħala effett sekondarju, għal armonizzazzjoni ikbar tar-regoli.

Finalment, l-esperti fformulaw numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif pajjiżi parteċipanti jistgħu jtejbu r-regoli regolatorji għal intrapriżi b'persuna waħda u għal intrapriżi żgħar ħafna u li għalhekk jagħmluha aktar faċli għalihom li jirreklutaw l-istaff. L-ewwel pass, imma li huwa importanti ħafna, biex jitneħħew l-ostakli għar-reklutaġġ ikun il-ħolqien ta' sistema ta' "*one-stop-shops*" (postijiet li jaqdu kwalunkwe ħtieġa) għall-affarijiet kollha relatati mas-sigurtà soċjali u t-taxxa. Għal min ikun se jimpjega l-ewwel darba sistema bħal din għandha żewġ vantaġġi importanti. L-ewwelnett, tevita l-eżerċizzju frustranti ta' l-għoti ta' l-istess informazzjoni jew ta' informazzjoni simili lil diversi aġenziji governattivi. It-tieni, iżżid is-sens tas-sigurtà ta' min se jimpjega fis-sens li huwa jkun kiseb l-informazzjoni kollha neċessarja biex jikkonforma ma' l-obbligi amministrattivi u legali.

Barra mit-titjib fl-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi għar-reklutaġġ bil-ħolqien ta' *one-stop-shops*, il-pajjiżi għandhom ukoll ikomplu u jwessgħu l-inizjattivi tagħhom biex jipprovdu aktar possibbiltajiet fuq l-Internet għal reġistrazzjoni u proċeduri simili. Iktar importanti, għandu jkun ikkunsidrat it-tnaqqis tan-numru u tal-kobor tal-proċeduri obbligatorji. Test mediku, ngħidu aħna, mhux bilfors ikun meħtieġ għal kull tip ta' impjieg u assigurazzjoni obbligatorja għall-kontra l-inċidenti tista' tkun inkluża fis-sistema ta' l-*one-stop-shops*. Barra minn hekk, il-proċeduri differenti jistgħu jkunu simplifikati billi jitqassru l-formoli, isiru aktar faċli biex tużahom u billi dawn ikunu akkumpanjati b'materjal li jispjegahom.

Kif juru r-riżultati tal-*Eurobarometer* l-*OPEs* mhumiex infurmati biżżejjed dwar bosta aspetti ta' dmirijiet amministrattivi. Komunikazzjoni li ssir b'mod ċar u li jiftiehem ta' l-obbligi ta' min iħaddem tkun ukoll ta' għajnuna biex il-kompitu tar-reklutaġġ u t-tħaddim tal-istaff tidher inqas ta' qtigħ il-qalb.

L-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex paga huma deterrent importanti għar-reklutaġġ ta' staff f'kumpaniji żgħar ħafna. Għal kull 100 Ewro li jħallas min jimpjega lill-impjegat bħala pagi gross, f'medja, jeħtieġ li jitħallas ammont addizzjonali ta' 23 Ewro f'taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali relatati mal-paga. Dawn l-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex paga ivarjaw b'mod sinifikanti bejn pajjiżi differenti. Pajjiżi fejn l-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi huma akbar mill-medja għandhom speċjalment jikkunsidraw it-tnaqqis ta' dawn l-ispejjeż jew b'mod ġenerali jew fl-għamla ta' tnaqqis u eżenzjonijiet għal kumpaniji żgħar ħafna.

## 1. INTRODUZZJONI

### 1.1. Ġustifikazzjoni tal-proġett u struttura tar-rapport

Il-maġġoranza l-kbira tan-negozji kollha fl-Ewropa huma "intrapriżi b'persuna waħda" (*OPEs*), jiġifieri negozji li ma jimpjegawx staff u li fihom jaħdmu biss is-sidien. Ħafna drabi dawn l-intrapriżi huma persuni li jaħdmu għal rashom imma hemm ukoll negozji inkorporati li ma jimpjegawx. In-numru kbir ta' dawn l-intrapriżi hi waħda mir-raġunijiet għaliex għandhom ikunu s-suġġett ta' importanza kbira għall-politika dwar l-intrapriżi u l-impjiegi (numerikament, jekk kull intrapriża minn dawn tħaddem impjegat wieħed il-problema tal-qgħad tkun solvuta f'diversi pajjiżi).

Fil-Kunsill Ewropew ta' Liżbona ta' Marzu ta' l-2000 l-Istati Membri stabbilixxew l-għan li jagħmlu lill-Ewropa l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għarfien.[2] Il-promozzjoni ta' l-intrapriżi se tkun fattur importanti f'dan il-proġett ambizzjuż kif kien enfażizzat fil-programm multi-annwali (*MAP*) għall-intrapriża u l-intraprenditorja.[3] Intrapriżi żgħar, inklużi l-*OPEs*, huma element importanti u forza dinamika attiva għall-intraprenditorija.

F'Jannar ta' l-2002 id-Direttorat għall-Intrapriża nieda Karta Ħadra intitolata "L-Intraprenditorija fl-Ewropa" li bdiet konsultazzjoni pubblika dwar il-problemi ewlenin ta' l-intraprenditorija fl-Unjoni Ewropea.[4] Wieħed mill-ostakli għal soċjetà aktar intraprendenti li kien ripetutament imsemmi fil-konsutazzjoni pubblika kienu r-regoli burokratiċi inflessibbli u r-regoli dwar l-impjieg. Minkejja l-fatt li ġieli jkun hemm eżenzjonijiet speċjali għall-SMEs il-piż li dawn ir-regoli jpoġġu fuq il-kumpaniji huwa ħafna drabi proporzjonalment oppost għad-daqs tal-kumpanija. Għalhekk il-kumpaniji ż-żgħar huma dawk li x'aktarx se jkunu effettwati l-aktar.

Il-problemi tar-regoli burokratiċi dwar l-impjieg kienu wkoll rikonoxxuti mil-Linji ta' Gwida għall-Impjiegi fl-Ewropa. Il-linja ta' gwida dwar l-impjiegi nru. 2 dwar il-ħolqien ta' xogħol u intrapriżi tgħid:

"L-Istati Membri se jinkoraġixxu l-ħolqien ta' aktar xogħol ta' kwalità billi jinkoraġixxu l-intraprenditorija, l-innovazzjoni, il-kapaċità ta' l-investiment

---

2 Kunsill Ewropew Straordinarju, Liżbona, 23 u 24 ta' Marzu ta' l-2000, Konklużjonijiet tal-Presidenza.

3 Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multi-annwali għall-intrapriżi u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005), Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L333, 29.12.2000, pġ. 84-91.

4 Il-*Green Paper* u r-riżultati tal-konsultazzjoni jinsabu fi: http://europa.eu.int/comm/enterprise/entrepreneurship/green_paper.

u ambjent favorevoli għan-negozju għall-intrapriżi kollha… L-inizjattivi politiċi, megħjunin mill-proċess ta' tqabbil tal-politika għall-intrapriża u l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar, se jiffokaw fuq:

- l-issemplifikar u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv u regolatorju għall-bidu ta' negozji u SMEs u
- **reklutaġġ ta' staff,** bl-iffaċilitar ta' aċċess għall-kapital għall-bidu ta' negozji, SMEs ġodda u eżistenti u intrapriżi b'potenzjal ta' tkabbir għoli u għall-ħolqien tax-xogħol…" (enfażi miżjuda)

Il-proġett "Ostakli għat-tkabbir – ir-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat" tfassal biex janalizza liema raġunijiet iżommu lill-intrapriżi b'persuna waħda milli jirreklutaw l-istaff, jekk il-proċeduri ta' reklutaġġ u/jew ir-regolamenti għall-impjieg għandhomx rwol importanti fid-deċiżjonijiet tas-sidien ta' dawn in-negozji biex jaħdmu weħidhom u, jekk huwa hekk, x'jista' jsir biex ikun imħeġġeġ aktar tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi f'dawn l-intrapriżi.

Il-kumplament ta' dan l-ewwel kapitlu se jippreżenta l-metodoloġija li ntużat fil-proġett. It-tieni kapitlu jipprovdi analiżi tar-raġunijiet għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx staff u jidentifika l-aktar ostakli ekonomiċi u legali-burokratiċi importanti għar-reklutaġġ f'negozji bħal dawn. It-tielet kapitlu jindirizza r-rekwiżiti legali u amministrattivi marbuta mar-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat u jkejjel il-piż amministrattiv li jġibu magħhom dawn ir-rekwiżiti. Ir-raba' kapitlu jħares lejn l-obbligi burokratiċi regolari li huma konsegwenza ta' l-impjegar ta' staff. Il-ħames kapitlu jiddiskuti r-raġunijiet possibbli għan-nuqqas ta' sodisfazzjon li stqarru l-SMEs fir-rigward tar-regoli u regolamenti. Kapitlu sitta jippreżenta l-ispejjeż diretti tat-tħaddim, speċjalment tagħrif għar-remunerazzjoni ta' impjegati u spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi bħalma huma l-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi għal min iħaddem u, bħala kontroparti għall-figuri ta' l-ispejjeż, jagħti xi figuri dwar il-ħin tax-xogħol. Is-seba' kapitlu jiddiskuti r-regoli għat-tkeċċija ta' impjegati u r-riskji involuti għal min iħaddem. Fit-tmien kapitlu huma ppreżentati xi eżempji ta' prattiċi tajbin fil-pajjiżi parteċipanti. Kapitlu disgħa jikkonkludi l-parti ewlenija tar-rapport b'xi proposti għal titjib. Fl-annessi huma pprovduti aktar dettalji li ma setgħux ikunu inklużi fil-parti ewlenija tat-test.

### 1.2. Metodoloġija tal-proġett

Ir-rapport preżenti kien kompilat mid-Direttorat tal-Kummissjoni Ewropea għall-Intrapriża u l-Industrija b'kooperazzjoni mill-qrib ma' grupp ta' esperti maħtura mill-pajjiżi parteċipanti (ara l-lista ta' esperti). Il-grupp kien stabbilit fuq il-bażi ta' mandat tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni tal-Politika ta' l-Intrapriżi (EPMC) skond l-artikolu 4 tal-programm multi-annwali għall-intrapriżi u l-intraprenditorija.

L-ewwel xogħol tal-grupp kien li jistabbilixxi d-daqs tal-fenomenu, eż. in-numru u l-importanza relattiva ta' intrapriżi b'persuna waħda. It-tieni, huwa analizza r-raġunijiet l-aktar importanti għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx staff. Il-grupp imbagħad ikkonċentra fuq l-aktar ostakli legali, burokratiċi u ekonomiċi importanti għar-reklutaġġ u identifika u ġabar indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi għal dawn l-ostakli li jistgħu jitqabblu b'mod li jagħmel sens bejn pajjiżi differenti.

Skond il-mandat u wara l-analiżi tar-raġunijiet għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx (kapitlu 2), il-grupp ikkonċentra fuq dawn l-erba' oqsma li ġejjin:

1. Piż amministrattiv fuq ir-reklutaġġ;

2. Piż amministrattiv fuq l-impjiegi;

3. Pagi, spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi, ħin tax-xogħol;

4. Problemi possibbli fil-każ li ma jibqax bżonn tal-ħaddiema (regoli għat-tkeċċija ta' impjegati)

Fejn kien possibbli, il-grupp uża statistika internazzjonali li kienet disponibbli pubblikament (speċjalment mill-Eurostat u mill-*OECD*) fl-għażla tiegħu ta' l-indikaturi. Sfortunatament, iċ-ċirku ta' pajjiżi koperti minn sorsi internazzjonali u l-għażla tal-pajjiżi fil-grupp ma kinux identiċi. F'xi każi d-data nieqsa fl-istatistika internazzjonali kienet ipprovduta minn esperti nazzjonali. Għal xi indikaturi ma kien hemm l-ebda statistika disponibbli u l-indikaturi kellhom ikunu pprovduti esklussivament mill-esperti. Minħabba din il-varjetà ta' sorsi ta' l-istatistika l-għażla ta' pajjiżi fil-graffs u t-tabelli differenti ta' dan ir-rapport mhijiex identika.[5]

Rigward it-tipi differenti ta' indikaturi u s-sorsi ta' l-istatistika jridu jissemmew żewġ affarijiet. L-ewwelnett, data minn statistika internazzjonali hi bosta drabi data tal-medja li ma tapplikax għall-ekonomija b'mod sħiħ. Din id-data tirrifletti biss parzjalment is-sitwazzjoni ta' negozji żgħar ħafna u s-sitwazzjoni ta' intrapriżi b'persuna waħda. It-tieninett, id-data pprovduta minn esperti nazzjonali, waqt li hija stabbilita skond is-sitwazzjoni tan-negozji l-aktar żgħar, tista' ma tkunx komparabbli għal kollox. Ħafna minn dawn l-indikaturi huma bbażati fuq stimi mill-esperti u għalhekk ċertu ammont ta' suġġettività ma kienx possibbli li jkun evitat. Dan huwa l-aktar minnu għal data dwar il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi. Barra minn hekk, f'xi każi l-esperti ħassew li ma kienx possibbli li tiġi kkalkulata stima li

[5] F'bosta każi dan ir-rapport jipprovdi data għal pajjiżi li ma kinux rappreżentati fil-grupp ta' esperti sabiex ir-rapport ikun jinteressa udjenza usa'. Madankollu, dawn il-pajjiżi ma kinux inklużi f'xi tqabbil.

tagħmel sens. Għalhekk, il-figuri mhux dejjem huma disponibbli għall-pajjiżi kollha.

Il-ġbir ta' data dwar il-piżijiet amministrattivi li l-liġijiet u l-burokraziji ipoġġu fuq l-ekonomija mhux dejjem huwa kompitu faċli. Barra minn problemi konċettwali serji (speċjalment il-problema tad-definizzjoni proprja ta' "piż amministrattiv") hemm ukoll bosta problemi prattiċi. Idealment, indikaturi dwar piżijiet amministrattivi għandhom ikunu stabbiliti direttament, eż. bl-osservazzjoni ta' kampjun rappreżentattiv ta' negozji waqt ċertu perjodu jew waqt ċerti attivitajiet u bl-irrekordjar tal-ħin u spejjeż oħrajn b'mod oġġettiv.[6] Madankollu, minħabba r-raġunijiet ta' baġit u minħabba restrizzjonijiet ta' ħin, ġbir ta' data ta' dan it-tip ġeneralment ma jkunx possibbli. Fejn in-negozji huma osservati direttament, dawn l-osservazzjonijiet ħafna drabi ma jkunux rappreżentattivi għall-aħħar jew isiru biss fuq livell nazzjonali.

B'mod alternattiv, servejs fost in-negozji ħafna drabi jintużaw biex tinġabar data dwar il-piżijiet amministrattivi. Dan l-istrument għandu l-vantaġġ kbir li jista' jkun imfassal biex jagħti riżultati statistikament rappreżentattivi li wieħed jista' joħroġ minnhom stimi makro-ekonomiċi ta' piżijiet amministrattivi. Dawn is-servejs dwar in-negozju isiru regolarment minn istituzzjonijiet nazzjonali[7], minn organizzazzjonijiet intra- u sopranazzjonali (eż. il-Bank Dinji[8] u l-*OECD*[9]), minn organizzazzjonijiet ta' negozju u minn gruppi li jipprovaw jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet eċċ.

Kif imsemmi hawn fuq, għall-proġett preżenti, id-data dwar il-piż amministrattiv kienet, fil-prinċipju, stmata minn esperti. Sabiex ikun ikkontrollat l-ammont ta' suġġettività ta' l-istimi ma ġewx ikkalkulati biss l-indikaturi diretti imma wkoll diversi indikaturi indiretti (indikaturi awżiljarji). **L-indikaturi diretti** jirrappreżentaw dawk il-fatturi li hu mistenni li jkollhom influwenza fuq id-deċiżjoni ta' l-intraprenditur, eż. il-ħin meħtieġ biex tintlaħaq konformità ma' ċerti proċeduri u l-ispejjeż implikati. **L-indikaturi indiretti** min-naħa l-oħra huma fatturi li aktarx ma

6 Metodi simili li jirrappreżentaw il-metodu "minn fuq għal isfel" fil-kejl ta' piżijiet amministrattivi huma intervisti fil-fond u djarji dettaljati ta' sidien u maniġers ta' kumpaniji (jiġifieri awto-osservazzjoni).

7 Bħala eżempju wieħed minflok ħafna, ara l-kalkoli mill-*Institut fuer Mittelstandsforschung* (*IfM*) Bonn.

8 Brunetti, A.; Kisunko, G.; Weder, B. (1998), How Business Sees Government: Responses from Private Sector Surveys in 69 Countries, World Bank Paper, International Finance Corporation Discussion Paper No. 33, Washington. (Kif in-negozju jara lill-Gvern: Risposti minn Stħarriġ tas-Settur Privat f'69 Pajjiż, Karta tal-Bank Dinji, Karta ta' Diskussjoni tal-Korporazzjoni Internazzjonali għall-Finanzi Nru. 33, Washington.)

9 Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, OECD (2001), L-opinjoni tan-negozji dwar il-burokrazija. Piżijiet amministrattivi u regolatorji fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, Pariġi.

jinfluwenzawx direttament id-deċiżjoni ta’ l-intraprenditur biex jirrekluta (jew biex ma jirreklutax) imma li huma meqjusa bħala marbutin mill-qrib ma’ fatturi deċisivi. Il-fatturi indiretti kienu definiti b’mod li huwa relattivament faċli biex tiġborhom. Eżempju tipiku ta’ indikatur bħal dan huwa n-numru ta’ kuntatti obbligatorji li min jimpjega għall-ewwel darba jkun obbligat li jagħmel meta jħaddem l-ewwel impjegat (eż. ma’ l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-uffiċċji ta’ l-ispezzjoni tax-xogħol eċċ.). Waqt li min ikun potenzjalment se jimpjega probabbilment ikun indifferenti dwar kemm istituzzjonijiet iridu jiġu kkuntattjati, in-numru ta’ kuntatti obbligatorji huwa probabbilment marbut mal-fattur importanti dwar kemm ħin l-intraprenditur irid iqatta’ fil-proċeduri ta’ reklutaġġ.[10]

Metodu simili li juża indikaturi indiretti għall-piż amministrattiv fuq deċiżjonijiet għar-reklutaġġ intagħżel mill-Osservatorju Ewropew għall-SMEs fl-2002.[11] Dwar ir-reklutaġġ ta’ impjegati r-rapport ta’ l-Osservatorju ikkonċentra fuq żewġ indikaturi, jiġifieri n-numru ta’ istituzzjonijiet pubbliċi li kellhom ikunu kkuntattjati meta jiġi reklutat ħaddiem u n-numru ta’ proċeduri amministrattivi li kienu neċessarji.

Wieħed mill-iskopijiet tal-proġett preżenti huwa li jsib jekk sarux bidliet fil-piż amministrattiv fuq deċiżjonijiet ta’ reklutaġġ mill-2002. Barra minn hekk, il-proġett preżenti jinkludi xi pajjiżi li ma kinux koperti mir-rapport ta’ l-Osservatorju ta’ sentejn ilu. Ukoll, kienu kkoreġuti xi żbalji fl-Osservatorju.

Il-valur miżjud prinċipali tal-proġett preżenti meta mqabbel ma’ l-Osservatorju ta’ l-2002 huwa, ovvjament, li l-ambitu ta’ l-analiżi huwa ferm usa’. Waqt li l-Osservatorju kien ristrett għall-piż amministrattiv rappreżentat minn proċeduri ta’ reklutaġġ obbligatorju, il-proġett preżenti bi ħsiebu jindirizza wkoll fatturi oħrajn li jinfluwenzaw id-deċiżjoni ta’ reklutaġġ.

Għal indikaturi numeriċi kienu kkalkolati l-medji. Barra minn hekk, fejn huwa possibbli u fejn jagħmel sens kienu stabbiliti **punti ta’ referenza**. Il-punti ta’ referenza kienu stipulati bħala ugwali għall-valur tal-pajjiż bl-agħar valur għal indikatur li kien għadu fil-grupp ta’ 33% tal-pajjiżi bl-aħjar riżultati. Innota li huma biss il-pajjiżi li pparteċipaw fil-proġett li kienu inklużi fil-kalkolazzjoni tal-punti ta’ referenza. Għalhekk il-livell tal-punti

10 Għal spjegazzjoni aktar dettaljata tat-termini tekniċi ara wkoll anness V.

11 Osservatorju ta’ SMEs Ewropej, 2002/Nru 7, Reklutaġġ ta’ impjegati: piż amministrattiv fuq SMEs fl-Ewropa.

ta' referenza huwa influwenzat mill-kompożizzjoni tal-pajjiżi li pparteċipaw fil-proġett u m' huwiex validu għall-UE globalment.[12]

Ix-xogħol tal-grupp ikkonċentra fuq il-proċeduri ta' reklutaġġ u impjieg li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjoni standard ta' xogħol *full-time*. Naturalment, jidher li huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-ewwel relazzjoni ta' impjieg li l-OPE tibda bih jista' jkollha fatturi speċjali (eż. għal terminu fiss). Il-piżijiet amministrattivi fuq ir-reklutaġġ u l-impjieg identifikati f'dan ir-rapport jistgħu għalhekk biss parzjalment iżommu kumpaniji milli jimpjegaw peress li dawn jistgħu jiġu evitati jew imnaqqsa. Ir-restrizzjoni tar-rapport għal relazzjonijiet ta' impjieg normali jew standard kienet primarjament neċessarja għaliex il-ħin disponibbli għax-xogħol kien pjuttost ristrett. Il-konċentrazzjoni fuq relazzjonijiet normali ta' xogħol hija madankollu ġustifikabbli wkoll għaliex diversi studji jindikaw li n-negozji ma jużawx, talanqas sistematikament, kuntratti ta' xogħol speċjali biex jevitaw regolamenti dwar reklutaġġ u impjieg marbuta ma' relazzjonijiet normali ta' impjieg.[13] Ġeneralment, relazzjonijiet mhux standard tax-xogħol jidhru li jintgħażlu prinċipalment għal raġunijiet ta' negozju, jiġifieri li n-natura preċiża tar-relazzjoni tiddependi fuq l-ambjent ekonomiku tan-negozju (eż. bidliet fid-domanda), fuq il-kumplessità tal-kompitu u l-ispejjeż għat-taħriġ li jirriżultaw u, naturalment, anke fuq il-preferenzi ta' min iħaddem.

### 1.3. L-istħarriġ ta' l-*Eurobarometer* f'Intrapriżi b'persuna waħda

B'mod parallel max-xogħol tal-grupp ta' esperti sar ukoll stħarriġ fost intrapriżi b'persuna waħda matul Ġunju/Lulju u Settembru ta' l-2004 mill-*EOS Gallup Europe*.[14] L-istħarriġ kopra kważi 4,000 intrapriża b'persuna waħda f'19-il pajjiż (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit).

---

12 Skond id-definizzjoni punt ta' referenza jimplika rakkomandazzjoni għal dawk il-pajjiżi li jonqsu li jilħquh sabiex itejbu l-imġiba tagħhom. Minħabba li l-parteċipazzjoni fil-proġetti-MAP hija strettament volontarja dawn ir-rakkomandazzjonijiet impliċiti jistgħu jsiru biss għall-pajjiżi parteċipanti. Barra minn hekk, għal raġunijiet statistika, il-kalkolazzjoni ta' punti ta' referenza li jkopru l-UE globalment ikunu diffiċli f'kull każ.

13 Ara r-rapport dettaljat skond il-pajjiż ippreparat mill-Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej 2002, Nru. 7 (Reklutaġġ ta' impjegati: piż amministrattiv fuq l-SMEs fl-Ewropa).

14 L-istħarriġ sar fl-istruttura tal-*Flash-Eurobarometer*.

L-istħarriġ ġabar data dwar ir-raġunijiet għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx kif ukoll data dwar il-perċezzjoni tagħhom ta' ostakli legali u amministrattivi għal reklutaġġ. L-istħarriġ kien imfassal b'mod li diversi indikaturi stabbiliti mill-grupp ta' esperti kienu jkunu jistgħu jitqabblu mar-riżultati ta' l-istħarriġ. Ir-raġunijiet għal dan il-metodu kienu tnejn: Min-naħa l-waħda r-rispons għall-istħarriġ ippermetta ċertu kontroll ta' l-istimi tal-piż burokratiku min-naħa ta' l-esperti. Min-naħa l-oħra, ir-riżultati ta' l-istħarriġ setgħu ikunu interpretati fid-dawl ta' l-informazzjoni oġġettiva pprovduta mill-esperti. Dan l-aħħar aspett deher speċjalment importanti għaliex hemm indikazzjonijiet li kumpaniji żgħar għandhom it-tendenza li jkabbru l-istimi tal-piżijiet amministrattivi li jaqgħu fuqhom b'riżultat tal-liġijiet u l-burokraziji.[15] Għalhekk deher li kien hemm ir-riskju li r-riżultati ta' l-istħarriġ mingħajr analiżi informata min-naħa ta' l-esperti kienu jkunu ta' ftit interess jew saħansitra jwasslu għal riżultati ħżiena.

Sfortunatament, għal raġunijiet tekniċi ta' l-istatistika, mhux il-pajjiżi kollha rappreżentati fil-grupp ta' esperti setgħu jkunu koperti fl-istħarriġ (il-Bulgarija, ir-Rumanija, it-Turkija). Barra minn hekk, minħabba li l-paragun bejn ir-riżultati ta' l-istħarriġ u l-indikaturi stabbiliti mill-esperti deher bħala l-parti integrali tal-proġett kollu, il-pajjiżi li kienu ħatru delegat għall-grupp ta' esperti biss kienu koperti mill-istħarriġ.[16]

It-tweġibiet għall-20 mistoqsija ta' l-istħarriġ kienu miksuba permezz ta' intervisti bit-telefon mas-sidien tan-negozji, ix-xogħol fuq il-post sar bejn Ġunju/Lulju u Settembru ta' l-2004. It-teħid ta' kampjuni irregolari għall-intervisti sar skond żewġ kriterji: Pajjiż u settur (Kostruzzjoni, industrija, servizzi u negozju, is-setturi ta' l-agrikoltura u l-amministrazzjoni pubblika kienu esklużi). Skond id-daqs tal-pajjiżi, kienu intervistati bejn 92 u 300 persuna għal kull pajjiż. Il-kejl mill-ġdid tal-piż tar-riżultati ta l-garanzija li d-data kienet rappreżentattiva għall-pajjiżi u għas-setturi.[17]

Ir-rapport sħiħ ta' l-istħarriġ huwa disponibbli minn:

http://europa.eu.int/comm/enterprise/entrepreneurship/support_measures/first_emp/index.htm

---

[15] Ara eż. it-taqsira ta' studji għal pajjiżi differenti fl-Osservatorju ta' SMEs Ewropej 2002/Nru.7, pp.19-20.

[16] Mhux il-pajjiżi kollha li ħatru (jew ħabbru li se jaħtru) espert fil-grupp, fl-aħħar mill-aħħar għamlu dak li qalu. Minħabba li l-istħarriġ kellu jkun ippjanat ferm qabel il-grupp ta' esperti kien qiegħed jaħdem, hemm xi pajjiżi koperti mill-istħarriġ li mhumiex rappreżenetati fil-grupp ta' esperti.

[17] Għal aktar dettalji tekniċi ara l-Anness IV.

## 2. NUMRU TA' INTRAPRIŻI B'PERSUNA WAĦDA U R-RAĠUNIJIET TAGĦHOM GĦALIEX MA JIRREKLUTAWX L-IMPJEGATI

F'dan il-kapitlu se tingħata ħarsa ġenerali lejn in-numru u l-importanza relattiva ta' intrapriżi b'persuna waħda. Barra minn hekk se tkun rappreżentata analiżi tar-raġunijiet ewlenin għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx staff. L-analiżi hija parzjalment ibbażata fuq l-opinjonijiet ta' l-esperti fil-grupp u d-diskussjoni li dawn kellhom ma' esperti oħrajn fil-pajjiżi li ġejjin minnhom. Barra minn hekk, intużaw ukoll riżultati mill-istħarriġ ta' l-*EOS Gallup* f'19-il Stat Membru. L-analiżi tiddistingwi bejn raġunijiet ta' negozju u raġunijiet marbuta ma' obbligi legali u amministrattivi għal min iħaddem li jista' jkollhom influwenza negattiva fuq deċiżjonijiet ta' reklutaġġ.

### 2.1. Statistika dwar *OPEs*

In-numru ta' intrapriżi b'persuna waħda ma jistax ikun determinat bl-eżatt. Statistika dwar intrapriżi tiddifferenzja biss bejn mikro-intrapriżi (inqas minn 10 impjegati), intrapriżi żgħar (bejn 10 u 49 impjegat), intrapriżi ta' daqs medju (bejn 50 u 250 impjegat) u intrapriżi kbar (aktar minn 250 impjegat). Bħala medja madwar 99% tal-kumpaniji fl-Ewropa huma SMEs u madwar 92% huma mikro-intrapriżi.

L-istatistika għal dawk li jaħdmu għal rashom hija aktar dettaljata mill-istatistika ta' intrapriżi imma sfortunatament ma tinkludix intrapriżi b'persuna waħda inkorporati. L-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol fl-Ewropa jippermetti li jkunu differenzjati l-persuni li jaħdmu għal rashom minn dawk li għandhom l-impjegati (wieħed jew aktar) u dawk mingħajr impjegati. Il-medja turi li inqas minn terz ta' dawk li jaħdmu għal rashom għandhom xi ħaddiema. Hemm madankollu differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Fl-Italja, id-Danimarka u l-Ġermanja l-ammont ta' dawk li jaħdmu għal rashom u għandhom xi ħaddiema huwa 'l fuq jew qrib il-50%, waqt li fil-Latvja, il-Lussemburgu u l-Polonja l-ammont huwa ta' inqas minn wieħed minn kull ħamsa.

Għall-iskop tal-proġett preżenti l-esperti ġabru data minn diversi sorsi (eż. statistika tat-taxxa, kmamar tal-kummerċ, ċensimenti tal-popolazzjoni eċċ.). Minkejja li dawn is-sorsi mhumiex komparabbli għal kollox u jistgħu ma jirriflettux il-fenomenu b'mod adegwat għall-aħħar, mhemm l-ebda dubju li l-*OPEs* jirrappreżentaw negozji importanti, jekk mhux l-aktar importanti fil-pajjiżi Ewropej. Jidher li aktar minn nofs tan-negozju huma magħmul minn intrapriżi b'persuna waħda. Dawn l-intrapriżi huma responsabbli għal aktar minn 8% ta' l-impjiegi u jirrappreżentaw bejn 3 u 4% tal-popolazzjoni tal-pajjiżi parteċipanti (ara tabella 1).

## Tabella 1: Numru ta' intrapriżi'b'persuna-waħda u l-importanza ekonomika tagħhom

| | Intrapriżi-b'persuna waħda (OPEs) numru assolut | | | L-aktar data riċenti bħala % ta' | | | Setturi ewlenin |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2003 | 2002 | 2001 | Impjieg | Intrapriżi | Popolazzjoni | |
| Il-Belġju | | 499,376 | | 12.1 | 72.7 | 4.8 | Agrikotura, kostruzzjoni, bl-imnut, negozju u servizzi personali |
| Ir-Rep. Ċeka | | 720,775 | | 15.1 | 89.0 | 7.1 | Trasport, kostruzzjoni, servizzi (snajja') |
| Il-Ġermanja | 1,960,000 | 1,858,000 | 1,821,000 | 5.1 | 64.9 | 2.4 | Servizzi, negozju, agrikoltura |
| L-Estonja | n.a. | 44,485 | 43,811 | 7.6 | 42.5 | 3.2 | |
| Spanja | 1,805,700 | 1,827,200 | 1,932,000 | 10.8 | 67.4 | 4.5 | Kummerċ, agrikoltura, kostruzzjoni, servizzi, trasp. |
| Franza b) | | 1,389,000 | | 8.9 | 58.0 | 2.3 | Servizzi personali, servizzi tan-negozju, bejgħ bl-imnut, saħħa |
| L-Irlanda | | 174,000 | | 9.9 | n.a. | 4.4 | Agrikoltura |
| Ċipru b) | 37,227 | | | 11.8 | 57.3 | 4.9 | Bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa, servizzi ta' tiswija, djar privati |
| Il-Latvja | 6,121 | 6,351 | 6,751 | 0.6 | 13.5 | 0.2 | Transport negozju, servizzi tan- |
| Il-Lussemburgu | 10,847 | 10,331 | | 3.7 | 46.8 | 2.4 | Kostruzzjoni, bejgħ bl-imnut, negozju |
| L-Olanda a) | 340,015 | | | 4.1 | 59.4 | 2.1 | Kostruzzjoni, bejgħ bl-imnut, servizzi personali |
| L-Awstrija a) | | | 285,000 | 7.0 | 88.7 | 3.5 | Agrikoltura, negozju, turiżmu, snajja', aġenti kummerċjali, servizzi |
| Il-Polonja b) | 1,013,706 | | | 7.4 | 29.2 | 2.6 | Negozju, tiswija, trasport, kostruzzjoni |
| Il-Portugall | 907,500 | | | 17.9 | n.a. | 8.8 | Bejgħ bl-imnut, tiswija, servizzi, kostruzzjoni, lukandi, ristoranti |
| Ir-Rumanija b) | 121,504 | | | 1.6 | 36.9 | 0.6 | |
| Il-Finlandja | 124,000 | 122,000 | 123,000 | 5.3 | 55.9 | 2.4 | Is-setturi kollha, speċjalment servizzi |
| L-Iżvezja | 641,820 | 628,033 | 613,428 | 15.2 | 74.9 | 7.2 | Agrikoltura |
| It-Turkija b) | | 1,198,967 | | 6.0 | 63.7 | 1.8 | Negozju, manifattura, servizzi |
| Ir-Renju Unit | 2,900,000 | 2,630,000 | | 9.7 | 71.3 | 4.8 | Kostruzzjoni, trasport, servizzi lil negozji |
| Medja | | | | 8.4 | 58.4 | 3.7 | |

a) L-Olanda: Figuri għall-2004, l-Awstrija għall-1999.
b) Agrikoltura mhux inkluża

Sorsi:Esperti nazzjonali, Eurostat.

Intrapriżi b'persuna waħda mhumiex komuni bl-istess mod fis-setturi ekonomiċi kollha. Jistgħu ta' spiss jinstabu fil-kostruzzjoni u fin-negozju tat-tiswija, fil-bejgħ bl-imnut u t-trasport. Barra minn hekk, bosta minn dawn l-intrapriżi joffru servizzi privati u ta' negozju. Finalment, l-*OPEs* jidhru li huma frekwenti ħafna fis-settur agrikolu. Sfortunatament, mhux id-data nazzjonali kollha tinkludi l-*OPEs* fis-settur agrikolu (ara tabella 1). Imma fuq il-bażi tad-data disponibbli jista' jkun stmat li bejn wieħed u ieħor kwart ta' l-*OPEs* jaħdmu fl-agrikoltura.

## 2.2. Raġunijiet ta' negozju u monetarji għaliex ma jsirx reklutaġġ

L-analiżi li ġejja hija parzjalment ibbażata fuq diskussjonijiet ta' l-esperti u parzjalment fuq il-*Eurobarometer* ta' l-2004 fl-istħarriġ fost 4,000 intrapriżi b'persuna waħda. Irriżulta li l-analiżi preliminari ta' l-esperti li saret qabel ma' l-istħarriġ kien disponibbli, kienet ikkonfermata sew bir-riżultati ta' dan l-istħarriġ.

Qabel ma jiġi impjegat l-istaff in-negozju jrid jilħaq ċertu volum u tkabbir. Skond l-osservatorju għall-SMEs[18] ir-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat ħafna drabi jitlob li l-qligħ tan-negozju jirdoppja. Għal xi negozji dan jista' jkun sempliċiment impossibbli għaliex is-suq mhuwiex kbir biżżejjed u/jew għaliex hemm bosta kompetizzjoni minn kumpaniji oħrajn. 40% ta' intrapriżi b'persuna waħda intervistati għall-*Eurobarometer* qalu li d-daqs tan-negozju tagħhom kien wieħed mir-raġunijiet ewlenin għaliex ma jħaddmux staff u 17% raw fattur limitattiv fil-prospetti ta' tkabbir ta' l-intrapriża tagħhom (ara tabella 2).[19] Ħsibijiet dwar id-daqs attwali tan-negozju kienu relattivament b'saħħithom fl-Iżvezja, l-Estonja, il-Portugall u l-Olanda. Prospetti futuri mhux suffiċjenti kienu r-raġuni dominanti għaliex intrapriżi Ġermaniżi ma jirreklutawx.

Naturalment, is-sitwazzjoni tas-suq trid tiġi kkunsidrata flimkien mas-sitwazzjoni ta' l-ispejjeż. Il-pagi u l-ispejjeż li mhumiex pagi kif ukoll spejjeż amministrattivi ta' l-impjieg jistgħu jkunu tant għoljin li żieda kompetittiva fil-produzzjoni ma tkunx possibbli għalkemm fil-prinċipju jkun hemm id-domanda. Barra l-ispejjeż rikorrenti bħal pagi eċċ. ir-reklutaġġ ta' impjegat jista' jitlob xi spejjeż ta' investiment eż. għal aktar tagħmir,

18 Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej 2002/Nru.5, Demografija tan-Negozju fl-Ewropa, pġ.43.

19 Għal aktar dettalji dwar dan u r-riżultati ta' l-istħarriġ li ġejjin ara Eurobarometer pġ.29 u l-anness pp.6-11.

kmamar akbar għax-xogħol, it-tieni karozza eċċ. li jmorru lilhinn mill-kapaċità tan-negozju. 36% ta' l-4,000 intrapriża intervistati mill-*Eurobarometer* semmew l-ispejjeż li mhumiex pagi bħala r-raġuni għaliex ma jirreklutawx, bosta minnhom minn Franza u mill-Polonja. Għal 18% il-pagi kienu r-raġuni għaliex ma jirreklutawx (speċ. fi Spanja, f'Ċipru, fl-Irlanda, fil-Lussemburgu u fil-Finlandja).

Anke jekk sid ta' negozju jiddeċiedi li jista' jiflaħ li jħaddem l-istaff, dan jista' ma jsibx il-ħaddiem adattat. Skond l-*Eurobarometer* bosta tentattivi biex ikun reklutat staff ifallu għaliex ma tinstab l-ebda persuna bit-taħriġ meħtieġ (18%) – problema li ssemmiet ta' spiss b'mod partikolari minn *OPEs* fi Spanja, l-Irlanda u Ċipru u/jew għaliex l-ispejjeż għal taħriġ għal impjegat ġdid huma meqjusa bħala għoljin wisq (9% mid-19 ta' l-UE).

**Tabella 2: Raġunijiet għaliex ma jirreklutawx impjegati**

| | In-negozju mhux kbir biżżejjed | M'hemmx biżżejjed prosepetti | Jixtiequ jżommu kontroll sħiħ | It-taħriġ għali wisq | Mhux possibbli jsibu impjegat | Il-pagi għolja wisq | L-ispej-jeż tax-xogħol barra l-pagi | Piż amministrattiv | Oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 44 | 16 | 21 | 12 | 15 | 18 | 39 | 6 | 14 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 42 | 9 | 16 | 12 | 18 | 16 | 37 | 12 | 15 |
| Id-Danimarka | 51 | 17 | 15 | 6 | 13 | 16 | 14 | 24 | 3 |
| Il-Ġermanja | 35 | 41 | 14 | 7 | 17 | 15 | 36 | 18 | 10 |
| l-Estonja | 68 | 35 | 13 | 4 | 11 | 11 | 18 | 1 | 16 |
| Spanja | 50 | 14 | 12 | 8 | 26 | 29 | 25 | 4 | 9 |
| Franza | 52 | 14 | 17 | 7 | 19 | 10 | 56 | 6 | 10 |
| L-Irlanda | 43 | 13 | 26 | 7 | 24 | 26 | 26 | 19 | 1 |
| L-Italja | 35 | 19 | 19 | 10 | 19 | 22 | 35 | 3 | 8 |
| Ċipru | 40 | 25 | 21 | 15 | 22 | 27 | 16 | 6 | 5 |
| Il-Litwnaja | 62 | 36 | 7 | 5 | 10 | 19 | 26 | 9 | 2 |
| Il-Lussemburgu | 44 | 18 | 26 | 4 | 19 | 24 | 16 | 9 | 11 |
| L-Olanda | 58 | 12 | 41 | 8 | 5 | 14 | 10 | 11 | 21 |
| L-Awstrija | 51 | 18 | 19 | 12 | 12 | 21 | 15 | 17 | 16 |
| Il-Polonja | 24 | 20 | 7 | 5 | 11 | 16 | 75 | 18 | 14 |
| Il-Portugall | 64 | 25 | 8 | 18 | 20 | 15 | 18 | 5 | 10 |
| Il-Finlandja | 48 | 15 | 19 | 3 | 17 | 27 | 27 | 11 | 15 |
| l-Iżvezja | 69 | 15 | 15 | 2 | 8 | 17 | 22 | 12 | 12 |
| Ir-Renju Unit | 38 | 10 | 25 | 10 | 17 | 15 | 14 | 18 | 22 |
| UE 19 | 40 | 17 | 17 | 9 | 18 | 18 | 36 | 11 | 13 |

Sors: *Eurobarometer* (Innota li aktar minn tweġiba waħda kienet possibbli u għaldaqstant l-persentaġġ ma jammontax għal 100).

Ikun hemm każi oħrajn fejn id-domanda u s-sitwazzjoni ta' l-ispiża mhumiex il-fatturi limitattivi imma fejn is-sid jista' jkun imwaqqaf milli

jkompli jespandi minħabba raġunijiet li huma inerenti fin-natura tan-negozju. Xi xogħlijiet huma direttament relatati mal-persuna li tagħmilhom u għalhekk sid in-negozju ma jistax jiddelegahom. Ir-raġuni għal din ir-rabta tista' tkun tagħrif speċjali u ħiliet li għandu biss l-intraprenditur. Eżempju tipiku ieħor ikun dak ta' servizzi personali li jitolbu relazzjoni speċjali ta' fiduċja bejn l-intraprenditur u l-konsumatur (eż. servizzi fid-djar).

Raġuni oħra importanti għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx staff (talanqas mhux fuq bażi permanenti) hija li s-sid/maniġer sempliċiment ma jridx li jagħmel dan. F'bosta aspetti r-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat (speċ. *full-time*) jimplika bidla fundamentali fin-natura tan-negozju u bosta drabi s-sid ma jkunx lest li jaċċetta dawn il-bidliet anke jekk ikun jista' jżid id-dħul jew profitt. 17% ta' l-intraprendituri intervistati jridu jaħdmu b'mod indipendenti għal kollox, ma jridux jgħallmu, jieħdu ħsieb jew jikkontrollaw persuna oħra. Xi kultant l-Intraprenditur jista' wkoll ma jkunx irid iġorr ir-responsabbiltà personali ta' l-impjegat. F'każijiet oħrajn is-sid ma jkunx irid jaqsam it-tagħrif. Sid ta' negozju jista', ngħidu aħna, jibża' jagħti informazzjoni dwar il-klijenti, swieq u tekniċi għaliex hemm il-possibbiltà li l-impjegat isir kompetitur tiegħu fil-futur. Barra minn hekk hemm ukoll il-possibbiltà li l-intraprenditur jibża' li impjegat jitgħallem iżżejjed dwar ċerti aspetti tan-negozju li s-sid innifsu jkun jixtieq li jżomm sigrieti (eż. rigward xogħol mhux dikjarat).

Raġunijiet oħrajn simili li jinsabu fl-istatistika dwar għaliex intrapriżi b'persuna waħda ma jimpjegawx, jistgħu jkunu dawk li dawn in-negozji jkunu mwettqa b'mod parallel ma' impjieg dipendenti (jiġifieri l-intraprenditur ma jkunx jista jirrekluta ħaddiem *full-time* għaliex huwa nnifsu ma jkunx intraprenditur *full-time*) jew għaliex in-negozju ma jkunx ġenwin, jiġifieri l-intraprenditur, fir-realtà, jkun huwa nnifsu impjegat u n-negozju jsir biss biex jiġu ffrankati l-kontribuzzjonijiet soċjali.

Huwa interessanti li jkun osservat li r-raġunijiet tas-sidien tan-negozju għaliex ma jirreklutawx staff huma marbutin maż-żmien li għandu n-negozju. Għal 60% ta' intrapriżi żgħar fl-età (jiġifieri li ilhom joperaw għal sena jew inqas) id-daqs tan-negozju tagħhom huwa wieħed miż-żewġ raġunijiet l-aktar importanti għaliex ma jimpjegawx staff. Kwart biss minn dawn l-intrapriżi jgħidu li aktar spejjeż assoċjati max-xogħol iżommuhom milli jirreklutaw l-impjegati. Iżda għal kumpaniji li ilhom fin-negozju għal ħames snin jew aktar, id-daqs tan-negozju tagħhom u spejjeż oħrajn tax-xogħol li mhumiex pagi saru ugwalment importanti: madwar terz ta' dawn il-kumpaniji isemmu dawn iż-żewġ raġunijiet biex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tagħhom li ma jirreklutawx.

Għandu jkun innotat li anke jekk is-sid ta' OPE għandu bżonn ta' servizzi addizzjonali ta' xogħol, ir-raġunijiet tan-negozju ħafna drabi jiddettaw li dawn is-servizzi jinkisbu f'forma oħra differenti barra minn dik ta'

relazzjoni standard ta’ impjieg. Speċjalment fejn il-bżonn ikun temporanju, l-intraprenditur ħafna drabi jagħżel soluzzjonijiet alternattivi bħal għajnuna minn membri familjari, l-ikkuntrattar ’il barra mis-servizzi jew relazzjonijiet ta’ impjieg għal terminu fiss. (Xi wħud iduru wkoll għal xogħol mhux iddikjarat).

Skond l-istħarriġ ta’ l-*Eurobarometer* madwar wieħed minn kull ħamsa mill-intrapriżi b’persuna waħda ħafna drabi jew talanqas xi drabi jirreklutaw ħaddiema għal perjodu qasir ta’ żmien (jiġifieri billi jużaw kuntratti speċjali). Dan il-mod ta’ kif jinkisbu servizzi addizzjonali waqt żminijiet ta’ ħafna attività huwa relattivament użat ħafna minn negozji fl-Irlanda u fl-Estonja, imma anke fir-Renju Unit, fil-Finlandja u fil-Ġermanja, u speċjalment mill-*OPEs* fil-qasam tal-kostruzzjoni. L-akbar sors ta’ għajnuna addizzjonali għal kumpaniji mingħajr impjegati huwa, naturalment, il-membri tal-familja u l-ħbieb. F’medja, aktar minn nofs ta’ l-*OPEs* isibu l-għajnuna fil-familja jew fost il-ħbieb, partikolarment fl-Estonja, il-Finlandja u l-Litwanja. Anke fi Franza, il-Belġju u Spanja l-ammont ta’ dawk il-kumpaniji li okkażjonalment iserrħu fuq l-għajnuna tal-familji/ħbieb, huwa ta’ iktar minn terz. [20]

## 2.3. Proċeduri legali u burokratiċi bħala ostakli għar-reklutaġġ

Piżijiet amministrattivi u burokratiċi b’mod ġenerali, u liġijiet u regolamenti relatati ma’ l-impjieg b’mod partikolari, huma raġuni waħda għaliex bosta kumpaniji ma jirreklutawx ħaddiema. Dawn ir-regoli jistgħu jew ikunu bbażati fuq liġijiet u dokumenti legali oħrajn jew fuq ftehimiet kollettivi. 11% mill-4,000 *OPEs* intervistati mill-*Eurobarometer* semmew proċeduri legali u amministrattivi bħala raġuni importanti għaliex ma jirreklutawx (ara tabella 2).

Dawn is-sejbiet jistgħu jkunu kkonfermati minn studji oħrajn. Skond studju Finlandiż kwart ta’ dawk impjegati għal rashom lesti li jkabbru n-negozju tagħhom imma mhux li jimpjegaw.[21] Stħarriġ mis-*Small Business Research Trust* tar-Renju Unit (2003) sab li ’l fuq minn 50% tan-negozji ż-żgħar jammettu li jew inqassu n-numru ta’ nies li jimpjegaw, jew jevitaw li jimpjegaw aktar nies minħabba ż-żieda ta’ l-inkwiet relatat max-xogħol tal-mili ta’ karti. Madankollu, is-sitwazzjoni mhix l-istess fil-pajjiżi Ewropej kollha. L-Osservatorju għall-SMEs Ewropej ta’ l-2002 sab, pereżempju, li fl-Irlanda, minkejja ż-żieda fir-regolamentazzjoni, il-piż amministrattiv għat-

---

[20] *Eurobarometer*, kapitlu 1.1.

[21] Mäki, K.; Pukkinen, T. (2001), Taqsira eżekuttiva, p. 2.

tħaddim ta' staff ma kienx fattur ta' restrizzjoni għar-reklutaġġ (instab li d-daqs tas-suq u l-ispejjeż tax-xogħol kienu ferm aktar importanti).

Sfortunatament, in-numru ta' studji li jħarsu lejn il-kuntest partikolari bejn ir-regolamenti għall-impjieg u l-imġiba tal-kumpaniji fir-reklutaġġ huma relattivament limitati. Il-maġġoranza tar-rapporti jħarsu lejn il-piż amministrattiv ġenerali fuq l-ekonomija u ma jidentifikawx fergħat partikolari ta' regolamenti fid-dettall sew.

L-esperti sabu li huwa improbabbli li xi regolament wieħed dwar l-impjieg għandu effett importanti fuq deċiżjonijiet ta' reklutaġġ[22] (li jfisser ukoll li l-modifikazzjoni ta' regoli individwali x'aktarx ikollha effett limitat); pjuttost jidher li hi l-liġi tax-xogħol kollha kemm hi u regoli oħrajn dwar kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi li huma l-problema. Il-kumplessità tar-regolamenti tax-xogħol toħloq inċertezza dwar id-drittijiet u d-dmirijiet ta' min iħaddem u ta' l-impjegat. Din l-inċertezza jista' jkollha influwenza sinifikattiva fuq id-deċiżjoni ta' l-intraprenditur biex ma jimpjegax. Il-problema tkun aggravata jekk ma jkunx hemm interlokuturi li tista' tafdahom li jkunu jistgħu jispjegaw ir-regoli kumplessi, jiġifieri ħafna drabi ma hemm l-ebda sors wieħed li toqgħod fuqu li minnu min potenzjalment jista' jħaddem jista' jġib l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar ir-regoli tax-xogħol.

Waqt li ġeneralment ma tkunx regola jew liġi waħda li żżomm intrapriża milli tirrekluta, jistgħu jkunu identifikati ċerti oqsma amministrattivi li huma potenzjalment problematiċi għad-deċiżjoni ta' reklutaġġ. Skond il-grupp ta' esperti l-ispiża rikorrenti implikata mid-diversi dmirijiet amministrattivi relatati ma' l-impjieg bħalma huma l-kalkolu tat-taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn, il-kontribuzzjonijiet soċjali, l-informazzjoni speċjali u d-dmirijiet ta' dokumentazzjoni eċċ. huma l-problema ewlenija. Ta' importanza kbira huwa wkoll li bosta nies li jħaddmu jibżgħu li ma jkunux jistgħu jisseparaw ruħhom mill-impjegat jekk ma jkunx hemm aktar xogħol li jiġġustifika r-relazzjoni tax-xogħol. L-investimenti fis-saħħa u s-sikurezza li jsiru meħtieġa meta jkun impjegat l-istaff, huma meqjusa bħala fattur ieħor deterrenti għad-deċiżjoni ta' reklutaġġ. Finalment, il-ħtieġa kostanti għal min iħaddem biex jibqa' informat dwar bidliet fir-regoli u obbligi li hu jrid ikun konformi magħhom, kienet imsemmija mill-esperti bħala raġuni għaliex bosta kumpaniji jibqgħu ma jimpjegawx.

Sa ċertu punt l-analiżi ta' l-esperti kienet imsaħħa mill-istħarriġ fost intrapriżi b'persuna waħda. Żewġ terzi tal-kumpaniji li jsemmu l-kumplessità tal-proċeduri legali u amministrattivi bħala r-raġuni għaliex ma jirreklutawx ħaddiema huma speċjalment imħassba dwar l-obbligi rigward

[22] Jista' jkun hemm eżenzjonijiet minn din l-istqarrija ġenerali. Fil-Ġermanja, pereżempju, ir-reklutaġġ tal-21 impjegat ifisser li l-kunsill tax-xogħol jikber minn 1 għal 3 delegati li tfisser spiża sinifikanti għal min iħaddem.

kwistjonijiet ta' taxxa u sigurtà soċjali. (Innota li kumpaniji fil-pajjiżi "antiki" ta' l-UE huma mħassba kważi bl-istess mod dwar kwistjonijiet tat-taxxa (30%) kif ukoll dwar mistoqsijiet marbuta mas-sigurtà soċjali (37%). Fil-pajjiżi l-"ġodda", il-problemi tat-taxxa huma kwistjoni relattivament minuri (16%). F'dawn il-pajjiżi l-kumpaniji huma ferm aktar imħassba dwar obbligi ta' sigurtà soċjali (50%).

Ta' importanza bejn wieħed u ieħor identika huma r-regolamenti dwar saħħa u sikurezza (28%), il-problemi previsti fil-każ ta' tkeċċija (31%) u l-ispejjeż marbutin mar-reklutaġġ tal-ħaddiema (32%).[23]

[23] L-aħħar punt jista' jkun kemmxejn sorprendenti għaliex jikkonċerna spiża ta' darba. Madankollu, huwa possibbli li l-proċeduri ta' reklutaġġ u spejjeż relatati jkunu interpretati bħala sinjal dwar x'għandu jkun mistenni mill-proċeduri ta' l-impjieg, jiġifieri jekk ir-reklutaġġ diġà huwa kkumplikat, l-impjieg proprja jista' jkun agħar.

## 3. REKLUTAĠĠ U PROĊEDURI TA' REKLUTAĠĠ

### 3.1. Spejjeż diretti tal-proċeduri ta' reklutaġġ

L-esperti stmaw li l-proċeduri burokratiċi li huma implikati għar-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat huma relattivament ħfief u lil min iħaddem ma jeħdulux aktar minn ġurnata bħala medja. Fid-dawl tal-bosta fatturi importanti oħrajn li jinfluwenzaw id-deċiżjoni dwar jekk ikunx reklutat staff jew le, l-importanza relattiva ta' l-ostaklu għall-impjieg preżentata mill-proċeduri ta' reklutaġġ kienet għalhekk ikkunsidrata bħala pjuttost baxxa (ara tabella 3, it-tieni kolonna).[24]

L-istimi mill-esperti jinkludu l-ħin neċessarju biex jinstab liema huma l-obbligi eżistenti għar-reklutaġġ u, it-tieni, biex dawn jitwettqu. Ġeneralment, l-esperti stmaw li l-OPE tieħu aktar ħin biex issib liema huma l-proċeduri neċessarji milli biex taqdihom. Mhux inklużi fl-istimi huma, pereżempju, il-ħin imqatta' f'tiftix għal kandidat adattat, l-intervisti għax-xogħol u n-negozjar tat-termini tal-kuntratt tax-xogħol. L-esperti għamlu l-istimi tagħhom fuq il-bażi li jassumu li r-reklutaġġ isir minn intrapriża b'persuna waħda li qatt ma tkun impjegat qabel u li l-ewwel tkun trid tinforma ruħha dwar l-obbligi amministrattivi u legali. Barra minn hekk, kien meqjus li l-intrapriża ma tkunx attiva f'settur li għalih japplikaw kondizzjonijiet speċjali (eż. rigward sikurezza u standards ta' saħħa) u li l-ebda kondizzjonijiet speċjali ma japplikaw għall-persuna reklutata (eż. ma jkunx barrani, ma jkunx b'diżabbiltà eċċ.).

L-ispejjeż għal min jimpjega li jirrekluta l-ewwel impjegat huma ġeneralment telf ta' ħin tax-xogħol. Skond l-esperti l-ispejjeż monetarji diretti huma negliġibbli (pustaġġ, telefonati eċċ.). Hemm madankollu eċċezzjonijiet għal din ir-regola. F'xi pajjiżi hemm spejjeż addizzjonali, speċjalment għal korsijiet ta' taħriġ dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u suġġetti relatati li huma obbligatorji għal min iħaddem għall-ewwel darba u li għalihom irid iħallas eż. fl-Estonja jew il-Polonja (ara tabella 3, it-tielet kolonna). Fil-Belġju reklutaġġ ġeneralment jimplika li min jimpjega jissieħeb ma' segretarjat soċjali li jieħu ħsieb il-proċeduri ta' l-impjieg (ara isfel). Din is-sħubija timplika ċertu spiża.

Meta mqabblin mal-paraguni magħmulin mill-esperti, l-*OPEs* fil-medja jemmnu li huwa neċessarju aktar ħin (madwar tlett ijiem) biex tinforma ruħek dwar proċeduri ta' reklutaġġ u tikkonforma magħhom. Kwart biss mill-intrapriżi intervistati ikkunsidraw li ġurnata waħda tkun biżżejjed, kwart ieħor qiesu li tnejn jew tliet ijiem ikunu meħtieġa u terz ħasbu li l-

[24] Innota li f'paragun ma' l-indikaturi indiretti (ara tabella 3 u kapitlu 3.2) l-istimi għall-Ġermanja, l-Irlanda, Ċipru, l-Awstrija u l-Portugall huma relattivament baxxi waqt li għall-Olanda u l-Portugall l-indikaturi indiretti jissuġġerixxu li l-istimi tal-ħin neċessarju jistgħu jkunu eżaġerati.

proċeduri jeħdulhom ġimgħa jew aktar. Dawn id-diskrepanzi estremi jitfgħu dubju dwar il-komparabbiltà u dwar kemm tista' toqgħod fuq l-istimi. Barra mill-fatt li t-tweġbiet mill-*OPEs* varjaw sostanzjalment bejn pajjiż u ieħor, huwa interessanti wkoll li wieħed jinnota li numru kbir ta' kumpaniji (kważi waħda minn kull ħamsa) ma kienx kapaċi jasal għall-istimi ta' ħin li probabbilment jieħdu d-dmirijiet amministrattivi kieku riedu jikru lil xi ħadd.[25]

**Tabella 3: Indikaturi diretti u indiretti ta' spiża għal reklutaġġ**

| | Sigħat (total) [a)] | Spejjeż oħra (EUR) | Numru ta' Kuntatti | Proċeduri | Formoli | Mili (ta' formoli) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju [b)] | 0 | 130 | 5 | 6 | n.a. | n.a. |
| Il-Ġermanja | 4 | 0 | 3 | 4 | 3 | 89 |
| L-Estonja | 8 | ca. 130 | 2 | 4 | 2 | 41 |
| Spanja | 6 | 85 | 3 | 4 | 4 | n.a. |
| Franza | 4 | 100 | 3 | 4 | 1 | 46 |
| L-Irlanda | 0.5 | 0 | 1 | 2 | 1 | 28 |
| Ċipru | 2 | 50 | 2 | 3 | 2 | 71 |
| Il-Latvja | n.a. | n.a. | 3 | 3 | n.a. | n.a. |
| Il-Litwanja | n.a. | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 |
| Il-Lussemburgu | 3 | 0 | 3 | 4 | 3 | 66 |
| L-Olanda | 33 | 0 | 4 | 6 | 0 | 0 |
| L-Awstrija | 1 | 0 | 2 | 4 | 2 | 55 |
| Il-Polonja | 20 | 135 | 3 | 3 | 3 | 136 |
| Il-Portugall | 1.8 | 0 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija | 16 | 0 | 3 | 4 | 3 | n.a. |
| Il-Finlandja | 20 | 0 | 4 | 4 | 4 | 300 |
| L-Iżvezja | 7.5 | 0 | 2 | 2 | 1 | 74 |
| It-Turkija | 20 | 0 | 6 | 8 | 5 | 294 |
| Ir-Renju Unit | 16 | 0 | 2 | 2 | 6 | 110 |
| Medja | 9.6 | 45.5 | 2.9 | 3.7 | 2.9 | 109.2 |
| Valur ta' referenza | 3.0 | - | 2.0 | 3.0 | 1.0 | 41 |

a) Valuri medji (ħafna drabi l-esperti taw firxiet +/- 50% tal-valuri medji).

b) Issir is-supożii li segretarjat soċjali jieħu ħsieb il-proċeduri.

Sors: Esperti Nazzjonali

[25] *Eurobarometer*, kapitolu 2.

### 3.2. Indikaturi indiretti għall-piż ta' proċeduri għal reklutaġġ

Minkejja l-fehma komuni implikata fl-istimi ta' l-esperti (ara fuq) l-istimi tagħhom huma neċessarjament suġġettivi sa ċertu punt. Għalhekk kienu stabbiliti indikaturi indiretti, jiġifieri in-numru ta' kuntatti obbligatorji, in-numru ta' proċeduri obbligatorji, in-numru ta' formoli li jridu jimtlew mill-intraprenditur ġdid u n-numru ta' entraturi f'dawn il-formoli (ara tabella 3, kolonni 4-7). L-ewwel tnejn minn dawn l-indikaturi kienu diġà ntużaw mill-Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej ta' l-2002 li analizza l-piż amministrattiv fuq l-SMEs fl-Ewropa fir-rigward tar-reklutaġġ ta' impjegati.[26]

Skond l-esperti rappreżentati fil-grupp ta' ħidma, l-intraprenditur li għall-ewwel darba jirrekluta impjegat għandu jikkuntatta medja ta' tliet istituzzjonijiet (2.9) u għandu jwettaq medja ta' erba' (3.7) proċeduri obbligatorji. [27] Id-data stabbilita għall-Osservatorju ta' l-2002 kienet bażikament l-istess (3.1 kuntatti obbligatorji u 3.9 proċeduri obbligatorji). Raġuni waħda għad-differenzi żgħar hija l-metodi differenti għall-għadd jew l-iżbalji fl-għadd għal pajjiżi individwali.[28] Raġuni oħra aktar importanti qiegħda fil-fatt li l-Osservatorju u r-rapport preżenti jkopru żewġ settijiet differenti ta' pajjiżi. B'mod partikolari, l-Osservatorju ta' l-2002 inkluda biss l-Istati Membri ta' l-UE (UE 15) ta' l-2002 imma mhux lill-Estonja, lil Ċipru, lil-Litwanja, lill-Polonja, lir-Rumanija u lit-Turkija. Għandu jkun innotat li bejn l-2002 u l-2004 ma kien hemm l-ebda riforma maġġuri fi proċeduri amministrattivi u/jew legali li tista' tispjega d-differenza.

---

26 Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej, 2002, Nru.7, Reklutaġġ ta' impjegati: piż amministrattiv fuq l-SMEs fl-Ewropa.

27 Id-Direttiva 91/522 tal-KE tintitola lill-impjegati li jirċievu dokumentazzjoni miktuba tal-kondizzjonjiet ewlenin tax-xogħol li japplikaw għalihom. Id-direttiva kienet implimentata f'diversi forom fil-liġi nazzjonali u għalhekk għal kull pajjiż żdied, fil-prinċipju, pass ieħor "li jipprovdi stqarrija miktuba tal-kondizzjonijiet ewlenin ta' l-impjieg lill-impjegat", li jiżdied mal-proċeduri obbligatorji murija fit-tabella 3. In-numru medju korrett ta' proċeduri huwa għalhekk madwar 4.7. Madankollu, biex ikun faċilitat il-paragun ma' l-Osservatorju ta' l-2002 din il-proċedura obbligatorja speċjali ma kinitx inkluża fit-tabella ta' fuq. Barra minn hekk il-piż amministrattiv rappreżentat minn dan il-pass ġeneralment mhuwiex kbir. Bosta kuntratti tax-xogħol xorta jkunu bil-miktub u jistipulaw preċiż il-kondizzjonijiet tax-xogħol b'mod li f'bosta każi dokument speċjali jkun żejjed.

28 Għal Franza, l-Osservatorju inkluda s-sħubija f'fond komplimentari tal-pensjoni. Minħabba li dan il-pass amministrattiv huwa neċessarju biss għal kumpaniji maħluqin ġodda ma kienx inkluż mill-esperti għal dan il-proġett. Għall-Ġermanja l-Osservatorju ma inkludiex taħriġ fis-sigurtà fuq ix-xogħol li min jimpjega għall-ewwel darba jista' jakkwista, ngħidu aħna, mill-assoċjazzjoni tas-sengħa tiegħu. Fil-każ ta' l-Olanda l-Osservatorju jidher li jinkludi proċeduri li għandhom ikunu meqjusa li jappartjenu għal amministrazzjoni regolari ta' l-impjieg u mhux għal proċeduri ta' reklutaġġ. Għall-Awstrija l-Osservatorju ma inkludiex kuntatti ma' l-amministrazzjoni lokali ta' min iħaddem għall-iskop ta' taxxi komunitarji. Fil-każ tal-Finlandja l-Osservatorju ma inkludiex l-organizzazzjoni obbligatorja ta' kura għas-saħħa fix-xogħol. Għall-Iżvezja*Iżvezja* l-Osservatorju ma inkludiex in-notifika obbligatorja lill-uffiċji ta' l-impjiegi dwar il-post vojt tax-xogħol.

F’ħafna każijiet l-obbligi legali u amministrattivi ta’ min iħaddem għall-ewwel darba jikkonsistu f’li jinfurmaw lill-awtoritajiet bir-relazzjoni l-ġdida tax-xogħol bħala l-ewwel pass u preparazzjoni għal aktar proċeduri regolari (eż. li jkun infurmat l-uffiċċju tat-taxxa biex ikunu rranġati proċeduri għat-taxxi mnaqqsa f’ras il-għajn). Ħafna drabi l-obbligu ta’ min iħaddem jikkonsisti wkoll fl-arranġamenti għal assigurazzjoni soċjali li tkopri lill-impjegat.[29]

**Tabella 4: Numru ta’ kuntatti u proċeduri**

| | Aġenzija ta' l-Impjieg | Uffiċċju tat-taxxa | Sigurtà soċjali | Assigurazzjoni kontra l-inċidenti | Ċentru mediku, tabib | Kamra jew Assoċjazzjoni tal-Kummerċ | Awtorità ta' kontroll ta' kundizzjonijiet tas-saħħa/ xogħol | Kuntatti/ proċeduri oħra (a) | Total ta' proċeduri esterni | Proċeduri Interni | Total ta' Proċeduri |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | | | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 5 | 1 | 6 |
| Il-Ġermanja | 1 | | 1 | 1 | | | | | 3 | | 3 |
| L-Estonja | | | 1 | | | | 1 | | 2 | 2 | 4 |
| Spanja | 1 | | 2 | 1 | | | | | 4 | | 4 |
| Franza | 1 | | 1 | | 1 | | | | 3 | 1 | 4 |
| L-Irlanda | | 2 | | | | | | | 2 | | 2 |
| Ċipru | | | 2 | 1 | | | | | 3 | | 3 |
| Il-Latvja | | 1 | 1 | | 1 | | | | 3 | | 3 |
| Il-Litwanja | | | 1 | | | | | | 1 | | 1 |
| Il-Lussemburgu | 2 | | 1 | | 1 | | | | 4 | | 4 |
| L-Olanda | | 2 | 3 | | | | 1 | | 6 | | 6 |
| L-Awstrija | | 1 | 3 | | | | | | 4 | | 4 |
| Il-Polonja | | | 1 | | | | 2 | | 3 | | 3 |
| Il-Portugall | | | 1 | 1 | 1 | | | | 3 | | 3 |
| Ir-Rumanija | 1 | | 1 | | 1 | | | | 3 | 1 | 4 |
| Il-Finlandja | | 1 | 2 | 1 | | | | | 4 | | 4 |
| L-Iżvezja | 1 | 1 | | | | | | | 2 | | 2 |
| It-Turkija | | | 2 | | | 1 | | 5 | 8 | | 8 |
| Ir-Renju Unit | | 1 | 1 | | | | | | 2 | | 2 |
| Total | 7 | 9 | 25 | 6 | 6 | 1 | 5 | 6 | 65 | | 65 |

a) Eż. Assoċjazzjoni ma’ fond għas-sussidju għat-tfal f’B, kisba tad-dokumenti u ċertifikati f’TR, ara Anness II għal aktar dettalji.

Sors: Esperti nazzjonali

Ġeneralment dawn il-proċeduri huma standardizzati, f’bosta każi min iħaddem irid jimla’ formola. Ħafna drabi telefonata jew faks ikunu biżżejjed. Ġeneralment l-informazzjoni mitluba mill-awtoritajiet pubbliċi tkun faċilment disponibbli għal min iħaddem għall-ewwel darba u bosta mill-formoli jidhru li huma faċli biex tifhimhom. Hemm madankollu eżempju ta’ każi fejn min iħaddem irid ifittex l-informazzjoni (eż. dwar regoli mgħoddijin mis-sħab soċjali) jew fejn il-formoli ma tantx ikunu faċli biex tużahom (eż. minħabba bosta taqsiriet legali).

[29] Għal deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta’ reklutaġġ fil-pajjiżi differenti ara l-anness II.

Waqt li informazzjoni u formoli standard ħafna drabi jkunu disponibbli fuq l-internet, jidher li bosta proċeduri għadhom jitolbu l-formola miktuba. Huwa dibattibbli jekk dan huwiex ta' piż żejjed fuq min iħaddem, b'mod speċjali peress li negozji żgħar u żgħar ħafna bħalissa jużaw il-kompjuters u t-teknoloġija ta' l-internet inqas minn ditti akbar[30]. Din is-sitwazzjoni tista' madankollu tinbidel fil-futur qarib. Jekk aktar ditti żgħar ikollhom aċċess għall-internet u jużawh għal skopijiet ta' negozju, l-possibbiltà li l-proċeduri amministrattivi jsiru onlajn issir aktar importanti. Għalhekk l-użu, relattivament baxx, preżenti ta' l-internet minn mikrointrapriżi m'għandux jaqta' qalb l-amministraturi milli jiżviluppaw offerti bħal dawn.

Kważi fil-pajjiżi kollha, min iħaddem irid jikkuntattja lill-istituzzjonijet tas-sigurtà soċjali jew xi fergħa ta' dawn l-istituzzjonijiet (ara tabella 4). Ħafna drabi waħda minn dawn il-fergħat taqdi l-funzjoni ta' *one-stop-shop* għall-oqsma kollha tas-sigurtà soċjali. F'xi każi huwa neċessarju li aġenzija uffiċjali ta' l-impjiegi (uffiċċju tax-xogħol) tkun infurmata bil-post għax-xogħol battal biex il-post għax-xogħol ikun jista' jiġi statistikament reġistrat u jkun jista' jiġi offrut lil kandidati potenzjali li huma bla xogħol. F'bosta pajjiżi madankolu min jimpjega irid xi darba jew oħra jkollu x'jaqsam ma' l-awtoritajiet tat-taxxa, speċjalment fir-rigward tat-taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn, imma dan il-kuntatt mhuwiex obbligatorju immedjatament mar-reklutaġġ fil-pajjiżi kollha.

Kuntatti ma' spetturi għas-servizzi tax-xogħol u/jew servizzi għal ispezzjonijiet sanitarji, f'xi pajjiżi, huma obbligatorji hekk kif isir ir-reklutaġġ. Fil-pajjiżi kollha min iħaddem irid jikkonforma ma' regolamenti dwar ix-xogħol u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol imma f'bosta każi ma hemm l-ebda ispezzjonijiet speċjali. Madankollu, fil-pajjiżi kollha miżuri ta' taħriġ għal min iħaddem għall-ewwel darba huma rakkomandati u f'xi każi xi miżuri huma obbligatorji. F'xi każi saħħet il-ħaddiema trid tkun ivverifikata minn tabib, ċentru mediku jew istituzzjoni simili qabel jew relattivament kmieni wara li l-impjegat jibda jaħdem.

Fil-prinċipju xi wħud mill-proċeduri amministrattivi hemm bżonn li jkunu ttrattati qabel ma' l-impjegat il-ġdid jibda jaħdem imma fil-prattika l-awtoritajiet jaċċettaw ċertu dewmien[31]. Dan imma ġeneralment mhuwiex il-każ. Fil-Belġju, pereżempju, huwa assolutament neċessarju li min jimpjega jagħmel assigurazzjoni kontra l-inċidenti qabel ma' l-impjegat jibda x-

---

30 Ara, pereżempju, id-diversi indikaturi ta' l-*e-business* fuq: http://www.ebusiness-watch.org. Barra minn hekk, data ta' l-*Eurostat* tindika li aċċess għall-internet minn mikro-intrapriżi huwa sinifikattivament aktar baxx minn dak ta' intrapriżi ġenerali jew *SMEs*. Madankollu, data tal-*Eurostat* hija disponibbli biss għal ftit pajjiżi u għalhekk huwa diffiċli biex wieħed jasal għal konklużjonijiet ġenerali.

31 Osservatorju ta' l-*SMEs* Ewropej 2002, Nru. 7, p. 22.

xogħol, inkella min iħaddem ikun totalment responsabbli f'każ li l-impjegat ikollu inċident fil-mument li jasal fuq il-post tax-xogħol.

Fl-istħarriġ ta' l-*Eurobarometer* intrapriżi b'persuna waħda kienu mistqosija dwar kemm-il kuntatt amministrattiv jaħsbu li kien neċessarju biex jirreklutaw. Ir-riżultat wera li l-kumpaniji kienu pjuttost inċerti dwar dan l-aspett importanti tar-reklutaġġ. Madwar 20% biss kienu jafu r-riżultat korrett, kważi terz ma setgħux iwieġbu l-mistoqsija u kważi nofs il-kumpaniji kollha stmaw iżżejjed jew in-nieqes tan-numru ta' kuntatti amministrattivi neċessarji.[32]

### 3.3. L-inċentivi mmirati għar-reklutaġġ għal intrapriżi b'persuna waħda huma ftit

Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri m'għandhom l-ebda inċentivi speċjali għal intrapriżi b'persuna waħda jew għal kumpaniji żgħar biex dawn jirreklutaw il-ħaddiema. Eċċezzjoni waħda għal din it-tendenza ġenerali huwa l-Belġju, fejn min iħaddem jingħata tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali meta dan iħaddem għall-ewwel darba.[33] Eżempju ieħor huwa l-Iżvezja fejn min jimpjega jgawdi minn tnaqqis speċjali ta' 5% fuq ir-rata bażika għal spejjeż ta' sigurtà soċjali (imma mhux aktar minn SEK 3090 fix-xahar). Madankollu, f'bosta pajjiżi, hemm regoli inqas stretti dwar aspetti differenti tal-liġi tax-xogħol eċċ. għal bosta kumpaniji żgħar li jistgħu jidhru bħala inċentiv indirett.

F'ħafna pajjiżi l-istrateġiji politiċi tas-suq tax-xogħol jippromwovu r-reklutaġġ tal-ħaddiema u l-*OPEs* jistgħu jibbenefikaw minnhom meta jħaddmu l-ewwel impjegat tagħhom. Madankollu, kundizzjoni biex tiġi miksuba din l-għajnuna ġeneralment tkun li l-persuna reklutata tiġi minn ċertu grupp żvantaġġjat, ikollha ċertu żmien jew preċedentement kienet bla xogħol eċċ. Strateġiji politiċi bħal dawn jipprovdu biss għajnuna indiretta lill-kumpaniji żgħar. Sa ċertu punt intrapriżi b'persuna waħda jgawdu wkoll minn strateġiji politiċi li b'mod ġenerali jimmiraw għall-promozzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi u għall-bidu ta' negozji u li xi kultant jinkludu vantaġġi speċjali għar-reklutaġġ (eż. l-att għall-promozzjoni ta' negozji ġodda, in-"*Neugründungsförderungsgesetz*", fl-Awstrija). Madankollu,

---

[32] *Eurobaromter*, kapitlu 2.1.2.

[33] Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kienu mnaqqsin b'EUR 1 000 għall-ewwel ħames kwarti ta' l-impjieg u b'EUR 400 għat-tmien kwarti ta' wara. Għat-tieni impjegat il-kontribuzzjonijiet kienu mnaqqsin b'EUR 400 għall-ewwel tlettax-il kwart, għat-tielet impjegat jingħata tnaqqis ta' EUR 400 għall-ewwel 9 kwarti. Sa dan l-aħħar Franza eżentat lil min iħaddem milli jħallas spejjeż soċjali għal sentejn meta dan kien jirrekluta l-ewwel impjegat tiegħu. Fl-2003 din ir-regola speċjali ġiet mibdula bi tnaqqis ġenerali ta' l-ispejjeż fuq salarji baxxi.

minħabba l-intenzjonijiet ekonomiċi differenti ta' dawn il-liġijiet, l-effett tagħhom fuq l-impjieg huwa probabbilment limitat.

Madankollu hemm ukoll il-possibbiltà li jingħaqdu flimkien l-għanijiet differenti ta' l-istrateġiji politiċi, bħal pereżempju fi Spanja. Spanja tippromwovi r-reklutaġġ ta' ċerti persuni li jista' jkollhom problemi biex isibu impjieg regolari (speċjalment dawk li jkunu ilhom bla xogħol u dawk imdaħħlin fiż-żmien) billi tnaqqas il-kontribuzzjonijiet soċjali lil min iħaddem. Jekk madankollu persuna bħal din tiġi reklutata minn intrapriża b'persuna waħda, it-tnaqqis għal min iħaddem jikber b'ħames punti perċentwali. Miżura reġjonali reċenti fil-Portugall (*Vale do Ave*) approvata fit-28 ta' Jannar (Portaria Nru. 113/2005) tipprovdi inċentiv immirat għall-intrapriżi ż-żgħar mingħajr impjegati. Jekk negozju bħal dan jirrekluta impjegat talanqas għal 12-il xahar ikun jista' japplika għal sussidju ta' tnax-il darba l-paga minima (bħalissa EUR 416 fix-xahar) bil-kondizzjoni li l-ħaddiem ikun ilu bla xogħol għal ħafna żmien, ikun bla xogħol u jkollu 'l fuq minn 45 sena jew ikun żagħżugħ. Is-sussidju ma jitħallasx lura. Jekk l-impjegat ikun reklutat għal perjodu indefinit is-sussidju jista' saħansitra jiżdied.

Riżultat importanti mill-istħarriġ fost l-*OPEs* huwa li bejn 60 u 70% ta' dawn il-kumpaniji mhumiex konxji minn regoli u eżenzjonijiet speċjali mid-diversi liġijiet (rigward reklutaġġ, tassazzjoni, impjieg u tkeċċija eċċ.) għal kumpaniji żgħar. Dan parzjalment jista' jispjega l-opinjoni ta' l-intrapriżi li r-regoli eżistenti mhumiex adattati għall-ħtiġiet tagħhom. Imma hawnhekk mill-ġdid ma hemm l-ebda differenzi sistematiċi bejn pajjiżi fejn l-*OPEs* jemmnu li l-proċeduri ta' reklutaġġ huma ġeneralment tajbin u dawk il-pajjiżi fejn l-*OPEs* huma aktar kritiċi.

## 4. IL-PIŻ AMMINISTRATTIV BIEX TIMPJEGA L-ISTAFF

### 4.1. Spejjeż amministrattivi diretti biex timpjega l-istaff

Kif diġà msemmi f'kapitlu tnejn il-piż amministrattiv li min potenzjalment se jimpjega jistenna bħala riżultat ta' għoti tax-xogħol lil staff, jista' jkun raġuni għaliex ma jimpjegax nies. Għandna niftakru madankollu li raġunijiet ekonomiċi u personali huma relattivament aktar importanti, speċjalment għal kumpaniji żgħar ħafna.

Kumpaniji żgħar ġeneralment ma jkollhomx problemi b'aspetti speċjali tar-regolamentazzjoni tax-xogħol imma bir-regolamentazzjoni tax-xogħol fis-sħuħija tagħha.[34] Sa ċertu punt, min iħaddem jara wkoll il-vantaġġi ta' ċertu regoli għall-impjieg, speċjalment dawk li huma marbuta mal-prevenzjoni tar-riskji u l-inċidenti. Min-naħa l-waħda dawn ir-regoli jipprovdu ħarsien kontra talbiet għal ħlasijiet għad-danni min-naħa ta' l-impjegat f'każ ta' inċident. Minħabba li japplikaw għal dawk kollha li jħaddmu, dawn jevitaw il-kompetizzjoni minn kumpaniji oħrajn li jistgħu jnaqqsu l-prezzijiet għaliex ma jinvestux fis-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, ikun hemm ċertu xogħlijiet li huma obbligatorji għal raġunijiet amministrattivi imma li min iħaddem jkollu jagħmilhom xorta waħda, eż. minħabba għanijiet marbuta mal-kontroll intern. Minħabba dan "l-użu doppju" ta' ċertu data eċċ. mhux kull obbligu ta' min iħaddem jista' jitqies bħala toqol jew piż amministrattiv.

Minkejja d-diffikultajiet inerenti ta' eżerċizzju bħal dan, l-esperti stmaw il-ħin (sigħat) li min jimpjega ħaddiem *full-time* ikollu, f'ċirkostanzi normali, iqatta' fuq proċeduri amministrattivi bħal huma dawk li jikkalkula t-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn, iħallas taxxi relatati max-xogħol u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iżomm rekords tax-xogħol eċċ. Skond dawn l-istimi tentativi intraprenditur medju b'impjegat wieħed ikun irid madwar erba' sigħat fix-xahar għal xogħol amministrattiv relatat ma' l-impjieg. Jekk dan jitqies flimkien mal-medja ta' l-ispejjeż tax-xogħol ta' l-SMEs, dan jiġi bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal EUR 40. Dawn ir-riżultati għandhom ikunu interpretati b'attenzjoni kbira. Id-differenza bejn l-istimi kienet relattivament għolja (l-istimi varjaw minn 30 minuta għal ġurnata u nofs), għalkemm ma kienx hemm differenzi ovvji fl-obbligi amministrattivi li setgħu jispjegaw dawn il-varjazzjonijiet. Għal dawn ir-raġunijiet ma kien kkalkulat l-ebda valur ta' referenza għal dan l-indikatur.

---

[34] Dan kien ikkonfermat ukoll mill-istħarriġ għan-Negozji Żgħar fir-Renju Unit ta' l-2003. Għalkemm il-figuri jikkorrispondu għal sett relattivament żgħir ta' dawk li wieġbu, jindikaw li b'mod ġenerali "x-xogħol ta' kitba u l-burokrazija" huma definiti bħala ostakli imma mhux bħala regoli konkretament definiti.

**Graff 1: Sigħat fix-xahar għal proċeduri għall-impjieg**




Sors: Esperti nazzjonali (stimi)

Bħal fil-każ tal-ħin neċessarju għall-proċeduri ta' reklutaġġ (ara fuq) l-istimi mill-*OPEs* huma, fil-medja madwar darbtejn ogħla mill-istimi ta' l-esperti, jiġifieri li kumpaniji żgħar jistmaw il-ħin fix-xahar bħala disa' sigħat jew aktar. Madwar 40% tal-kumpaniji jemmnu li ftit sigħat ikunu biżżejjed (speċjalment fl-Irlanda u fil-Lussemburgu l-istimi kienu relattivament baxxi). Żewġ terzi ta' l-*OPEs* jaħsbu li tkun meħtieġa madwar ġurnata filwaqt li wieħed minn kull ħamsa ma setax jagħti risposta. ma hemmx differenzi kbar f'dawn l-istimi li jistgħu jiġu spjegati skond is-settur jew skond kemm ilha mwaqqfa l-kumpanija. Madankollu, intrapriżi bi dħul għoli jistmaw il-ħin neċessarju bħala baxx. Għandu wkoll ikun innotat li l-istħarriġ juri differenzi ferm iżgħar bejn il-pajjiżi milli fl-istimi ta' l-esperti. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda rabta bejn l-istimi ta' l-esperti u l-istimi ta' l-*OPEs*.

## 4.2. Miżuri indiretti għall-piż amministrattiv ta' l-impjieg

Indikaturi awżiljarji jew indiretti għall-piż amministrattiv li jkunu relatati mar-reklutaġġ huma pjuttost diffiċli biex tiddefinihom. Kultant il-volum kbir tal-liġi dwar ix-xogħol jintuża biex juri l-problemi li min iħaddem ikollu jħabbat wiċċu magħhom. Id-data miġbura minn xi esperti tindika li f'medja

jeżistu żewġ tużżani liġijiet, li jimlew diversi paġni f'ġurnali legali, li jirregolaw ir-relazzjoni tax-xogħol. Iżda naturalment bosta minn dawn il-liġijiet ma japplikawx għal kumpaniji żgħar jew jinvolvu biss każi speċjali ta' impjieg li jistgħu ma jkunux rilevanti għal numru kbir ta' kumpaniji.

Minħabba limitazzjonijiet ta' ħin u baġit ma kienx possibbli li jkunu żviluppati indikaturi indiretti li jagħmlu sens għal dan ir-rapport fir-rigward tal-piż amministrattiv marbut mar-reklutaġġ tal-ħaddiema. Madankollu, bħala punt tat-tluq għal xogħol futur dwar din il-kwistjoni, l-esperti elenkaw 23 obbligu singolu tipiku li huma komuni f'ħafna pajjiżi (ara l-graff 2 isfel). Din il-lista naturalment mhix sħiħa. Imma diġà sservi bħala eżempju ta' l-ambitu u d-diversità ta' l-obbligi amministrattivi li min iħaddem irid josserva anke f'kumpaniji żgħar. Naturalment, mhux id-dmirijiet kollha elenkati jeżistu fil-pajjiżi kollha. F'medja, 13 mix-xogħlijiet elenkati (kważi 60%) iridu jitwettqu minn min iħaddem f'negozju żgħir fil-pajjiżi parteċipanti.

Kważi fil-pajjiżi kollha l-intrapriżi huma obbligati li jaqtgħu taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali u hemm obbligi relatati li jkunu informati bordijiet għad-dħul u awtoritajiet tas-sigurtà soċjali. Pjuttost komuni huma l-obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni. L-istess importanza għandu l-obbligu li tkun osservata l-paga minima legali jew paga minima bbażata fuq ftehim kollettiv.[35]

Mifruxin sewwa huma obbligi dwar l-abbozz u l-aġġornament regolari ta' analiżi tar-riskji fuq il-post tax-xogħol kif ukoll obbligi li jinżammu reġistri speċjali għall-ħin tax-xogħol u vaganzi. Dawn ir-reġistri jmorru lilhinn minn dawk li min iħaddem ikun xorta waħda jixtieq iżomm sabiex jikkontrolla l-ħaddiema tiegħu.

Inqas komuni huma obbligi relatati mat-taħriġ tal-ħaddiema fuq bażi regolari, li dawn jkollhom kontrolli mediċi regolari jew dmirijiet ta' rappurtaġġ statistiku marbuta b'mod speċjali mar-reklutaġġ.

[35] Waqt li dan l-obbligu fih innifsu mhuwiex ta' natura amministrattiva fis-sens dejjaq ġeneralment jitlob li min iħaddem iżomm lilu nnifsu informat dwar il-paga minima li tapplika fil-każ tiegħu u li jbiddel regolarment il-ħlasijiet tal-paga u l-kalkolu tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali.

**Graff 2: Obbligi amministrattivi tipiċi relatati mar-reklutaġġ**

**Obbligi li għandhom x'jaqsmu mat-taxxa**

- Żamma (fix-xahar) ta' taxxa tad-dħul mill-pagi ta' l-impjegat
- Amministrazzjoni (kalkoli, ħlas eċċ) ta' taxxi oħrajn relatati max-xogħol
- Rapport rikorrenti dwar pagi/taxxi ta' l-impjegat lill-bord għad-dħul jew istituzzjoni simili

**Obbligi relatati mas-sigurtà soċjali**

- Żamma ta' kontribuzzjonijiet (fix-xahar) għal assigurazzjonijiet soċjali mill-pagi ta' l-impjegat
- Min iħaddem huwa obbligat li jaġixxi bħala aġent tal-ħlas għal kwistjonijiet oħrajn trasferiti minn amministrazzjonijiet pubbliċi (eż. sussidji għat-tfal)
- Dmir rikkorenti ta' rappurtaġġ tal-kontribuzzjonijiet soċjali ta' l-impjegat.

**Obbligi dwar rappurtaġġ u dokumentazzjoni**

- Dmirijiet ta' rappurtaġġ statistiku regolari relatati ma' l-impjieg
- Obbligu speċjali dwar informazzjoni u dokumentazzjoni
- Obbligu li jinżamm reġistru personali
- Obbligu li jkunu informati l-ħaddiema dwar il-kondizzjonijiet applikabbli għar-relazzjoni kuntrattwali jew tax-xogħol

**Obbligi relatati ma' saħħa u sikurezza fuq ix-xogħol**

- Ispezzjonijiet mediċi obbligatorji rikorrenti li jridu jiġu organizzati (standard f'ċerti setturi bħall-preparazzjoni ta' l-ikel imma komuni wkoll f'bosta oħrajn)
- Obbligu li jkun imħejji (regolarment aġġornat) dokument dwar l-assessjar tar-riskji
- Obbligu li tkun maħtura (u mħarrġa) persuna responsabbli mis-sikurezza fuq ix-xogħol
- Ispezzjonijiet regolari dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, prevenzjoni ta' inċidenti

**Obbligi relatati ma' kalkolazzjoni tal-pagi**

- Paga minima legali jew arranġament simili
- It-tpoġġija tal-pagi skond indiċi (monitoraġġ ta' indiċi u aġġustament tal-pagi eċċ.)

**Obbligi oħrajn fil-każ ta' tkeċċija**

- Obbligu regolari biex tkun ġustifikata t-tkeċċija
- Obbligu li jitħallas kumpens fil-każ ta' tkeċċija għal raġunijiet ekonomiċi
- Osservazzjoni ta' perjodu speċifiku għan-notifika għat-tkeċċija waqt il-perjodu ta' prova

**Obbligi relatati mat-taħriġ**

- Obbligu li jkun organizzat taħriġ professjonali għall-impjegat

**Obbligi oħrajn**

- Obbligi speċjali dwar il-kalkolu u r-reġistrazzjoni tal-ħin maħdum (barra dak li huwa neċessarju għal raġunijiet ta’ negozju)
- Obbligi speċjali dwar kalkolu u reġistrazzjoni ta’ vaganzi
- Obbligu li tingħaqad ma’ ċertu organizzazzjoni/assoċjazzjoni meta tibda timpjega.

### 4.3. L-għoti b'kuntratt ta' proċeduri relatati ma' l-impjieg

Waħda mir-raġunijiet għaliex huwa diffiċli li tistima l-piż li r-regoli u l-proċeduri amministrattivi jġibu fuq l-intrapriżi ż-żgħar hija li bosta kumpaniji jagħtu dan ix-xogħol lil ħaddieħor 'il barra mill-kumpanija. Fil-Belġju madwar 90% ta' dawk kollha li jħaddmu (li jimpjegaw aktar minn 50% ta' min jaħdem u hu dipendenti) huma affiljati ma' "segretarjat soċjali liċenzjat". [36] Dawn l-organizzazzjonijiet privati (li ma jagħmlux profitt) jieħdu ħsieb tal-biċċa l-kbira ta' l-amministrazzjoni ta' l-affarijiet relatati ma' l-istaff għal min iħaddem, bħal ma huma l-ħlas ta' pagi, iż-żamma ta' kontribuzzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet ta' taxxa eċċ. Huma għandhom ir-responsabbiltà legali għall-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet u ħlasijiet li jagħmlu f'isem min iħaddem u huma kkontrollati mill-qrib u spezzjonati regolarment mill-Aġenzija għas-Sigurtà Soċjali u mill-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali.

Minħabba li hemm segretarjati soċjali differenti, il-proċeduri amministrattivi u l-ispejjeż li jaffaċċja min iħaddem meta jkollu x'jaqsam magħhom, se jvarjaw. Il-ħlasijiet huma ġeneralment ikkalkolati skond in-numru ta' impjegati jew bħala persentaġġ tat-total tal-pagi. Għal negozju b'impjegat wieħed l-ispiża tkun ta' madwar 20 Ewro. Il-ħlas medju għall-impjegati huwa inqas għal kumpaniji kbar.

Fl-Olanda madwar 80% tal-kumpaniji jagħtu x-xogħol ta' l-amministrazzjoni tal-paga lil ħaddieħor fuq barra.[37] Skond studju tal-kamra tas-snajja' (*Chambre des Mètiers*) tal-Lussemburgu, li kopra intrapriżi ta' daqs differenti, kważi l-intrapriżi kollha jħallsu espert barrani għall-amministrazzjoni ta' l-impjiegi tagħhom, speċjalment għall-kalkolazzjoni ta' pagi, taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali. Madwar 15% ta' l-ispiża dovuta għall-piż amministrattiv hija delegata lil barranin (eż. *accountant*). [38]

L-"*Institut für Mittelstandsforschung*" (IfM, Bonn) tal-Ġermanja sab, fl-analiżi tiegħu tal-piż amministrattiv, tendenza dejjem tiżdied fost il-kumpaniji ż-żgħar (sa disa' impjegati) li jagħtu x-xogħol amministrativ lil xi ħadd fuq barra. Bejn l-1994 u l-2004 l-ammont ta' kumpaniji bħal dawn li użaw konsulenti barranin biex jieħdu ħsieb l-obbligi amministrattivi kiber minn 33% għal 42%[39] tal-kumpaniji ż-żgħar. Fi Spanja madwar 98% ta' l-

---

[36] L-ewwel segretarjati soċjali twaqqfu bħala servizz ta' l-*unions* ta' min iħaddem għall-membri tagħhom fil-bidu tas-seklu 20. In-numru u d-daqs tas-segretarjati soċjali żdied maż-żieda fil-kumplessità tal-liġi tax-xogħol, u fir-regoli dwar it-taxxi u s-sigurtà soċjali. OPE li tikkunsidra li tirrekluta personàl kważi ċertament tikkuntattja segretarjat bħal dan biex jieħu ħsieb il-proċeduri ta' reklutaġġ u l-amministrazzjoni sussegwenti tal-personàl.

[37] Osservatorju, Suppliment għall-Olanda, paġna 9.

[38] *Chambre des Métiers* (2004), p. 16.

[39] *Institut für Mittelstandsforschung* (2004), p. 126.

intrapriżi b'persuna waħda probabbilment jikkuntattjaw ditta li tispeċjalizza fi proċeduri legali u amministrattivi meta jiġu biex jirreklutaw impjegat.

Data dwar l-għoti fuq barra ta' dmirijiet amministrattivi hija diffiċli biex tinterpretaha fil-kuntest tal-piż amministrattiv. Min-naħa l-waħda l-possibbiltà tar-reklutaġġ ta' speċjalisti professjonali biex jieħdu ħsieb il-kalkoli tal-pagi, iż-żamma tat-taxxi u s-sigurtà soċjali u xogħol simili jippermettu lill-intraprenditur li jikkonċentra fuq in-negozju u l-konsumaturi u tnaqqas ir-riskju ta' żbalji amministrattivi li jistgħu jiġu jiswew ħafna flus. Min-naħa l-oħra l-fatt li bosta intraprendituri jużaw għajnuna speċjalizzata jista' jindika wkoll li r-regoli amministrattivi laħqu livell ta' kumplessità li jżomm lill-intraprendituri milli jieħdu ħsieb huma nfushom ta' dan l-aspett tan-negozju. Barra minn hekk, l-ispeċjalist amministrattiv ikollu interess dirett f'regolamenti kumplessi u kkumplikati. Dan l-interess jista' jwassal għas-semplifikazzjoni ta' regoli politikament diffiċli.

## 5. IN-NUQQAS TA' SODISFAZZJON TAL-KUMPANIJI Ż-ŻGĦAR BIL-PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Kemm huma xierqa l-proċeduri għar-reklutaġġ u dawk amministrattivi huwa ġġudikat pjuttost b'mod kritiku minn intrapriżi b'persuna waħda: Aktar min-nofs in-negozji intervistati qalu li l-proċeduri ma kinux xierqa għall-kumpanija tad-daqs tagħhom. Partikolarment kritiċi kienu intrapriżi fil-Ġermanja, il-Polonja, l-Awstrija u Franza. Anqas minn 30% ta' l-intrapriżi b'persuna waħda dehru li huma ferm sodisfatti bil-proċeduri. Dawn l-*OPEs* kienu jinsabu l-aktar fl-Estonja, fil-Lussemburgu, f'Ċipru u fil-Finlandja fejn l-ammont ta' intrapriżi kuntenti kien ikbar mill-ammont ta' kumpaniji mhux sodisfatti.[40] Numru relattivament kbir ta' kumpaniji (madwar waħda minn ħamsa) ma kienx kapaċi jesprimi opinjoni rigward jekk ir-regoli humiex xierqa (speċjalment fl-Olanda, fl-Iżvezja u f'Ċipru fejn l-ammont ta' kumpaniji li ma setgħux iwieġbu din il-mistoqsija kien pjuttost għoli).[41]

Dan in-nuqqas ta' sodisfazzjon iddikjarat jidher li għandu xi ftit effett fuq l-imġiba tar-reklutaġġ tal-kumpaniji. F'pajjiżi fejn in-nuqqas ta' sodisfazzjon bir-regoli eżistenti huwa relattivament għoli (eż. il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka) hemm ukoll relattivament numru kbir ta' *OPEs* li jitfgħu it-tort fuq il-proċeduri amministrattivi għad-deċiżjoni tagħhom li ma jirreklutawx.[42] Min-naħa l-oħra, f'pajjiżi fejn il-livell ta' sodisfazzjon huwa ogħla mill-medja (Estonja, Lussemburgu u Ċipru) ġeneralment hemm raġunijiet oħrajn responsabbli għaliex ma jkunx reklutat staff (speċjalment id-daqs tan-negozju). Barra minn hekk, hemm xi pajjiżi, b'mod partikolari Franza u l-Belġju, fejn in-nuqqas ta' sodisfazzjon bir-regoli huwa relattivament għoli u fejn l-ispejjeż addizzjonali tax-xogħol, jiġifieri aspett relatat mill-qrib mar-regoli amministrattivi, kien wieħed mir-raġunijiet ewlenin għaliex ma jsirx reklutaġġ.[43]

---

[40] L-istess jgħodd għall-Olanda imma mbagħad l-ammont ta' kumpaniji li ma tawx opinjoni huwa 'l fuq minn 50% fl-Olanda u għalhekk dan ir-riżultat huwa diffiċli biex tinterpretah.

[41] *Flash Eurobarometer*, kapitlu 2.2.

[42] *Flash Eurobarometer*, anness tabella Q3.

[43] Bħala stat ta' fatt il-korrelazzjoni bejn in-nuqqas ta' sodisfazzjon bir-regoli u l-fatt li ma jsirx reklutaġġ minħabba spejjeż li mhumiex pagi hija saħansitra ogħla mill-korrelazzjoni bejn in-nuqqas ta' sodisfazzjon u l-fatt li ma jsirx reklutaġġ minħabba l-proċeduri u l-piż amministrattiv tagħhom.

Madankollu, mhux faċli li ssib spjegazzjoni ċara u mhux ambigwa għan-nuqqas ta' sodisfazzjon li kien espress. ma hemm pereżempju kważi l-ebda korrelazzjoni bejn is-sodisfazzjon jew in-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-kumpaniji mal-proċeduri u l-ħin li huma jistmaw li huwa neċessarju biex ikunu konformi magħhom. L-anqas mhuwa possibbli li tispjega d-differenzi kbar fil-livell ta' sodisfazzjon bi strateġiji differenti ta' informazzjoni: Il-maġġoranza l-kbira ta' *OPEs* isaqsu lill-kontabilisti tagħhom, lil min jagħtihom pariri legali/finanzjarji jew lil persuna simili dwar x'iridu jagħmlu fil-każ ta' reklutaġġ. Numru relattivament kbir fl-Istati Membri l-antiki jikkonsultaw kamra tal-kummerċ, waqt li kumpaniji fil-pajjiżi l-ġodda joqogħdu aktar fuq l-awtoritajiet nazzjonali.[44] ma hemm ukoll l-ebda rabta ċara bejn il-mod kif l-*OPEs* iħarsu lejn ir-regoli eżistenti u l-mod kif dawn ir-regoli inbidlu fil-passat. F'pajjiżi fejn il-livell ta' sodisfazzjon huwa pjuttost għoli (Lussemburgu, Finlandja) ma seħħew l-ebda bidliet maġġuri fir-regoli u l-proċeduri fil-passat riċenti. Barra minn hekk, għandu jkun innotat li fejn jidħol il-ġudizzju dwar il-kwalità tal-proċeduri amministrattivi għar-reklutaġġ ma hemm kważi l-ebda differenza bejn kumpaniji li diġà rreklutaw fil-passat u dawk li qatt ma għamlu hekk.

**Graff 3: Spjegazzjoni potenzjali għan-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-kumpaniji fir-rigward tal-proċeduri**




---

[44] *Eurobarometer*, kapitolu 2.1.

L-uniku fattur ta' spjegazzjoni għal-livell għoli ta' nuqqas ta' sodisfazzjon li seta' jkun identifikat kien ir-relazzjoni bejn il-livell ta' sodisfazzjon mill-kumpaniji u l-istima tagħhom tan-numru ta' kuntatti neċessarji fil-każ ta' reklutaġġ. Aktar ma kien għoli in-numru ta' intrapriżi b'persuna waħda li jemmnu li aktar minn tliet kuntatti kienu neċessarji, akbar kien in-numru ta' kumpaniji mhux sodisfatti (ara graff 3). Waqt li n-numru ta' kuntatti fih innifsu m'għandux jinfluwenza ħafna d-deċiżjonijiet tal-kumpaniji, hemm bosta raġunijiet għaliex dan l-indikatur sempliċi u ċar huwa madankollu utli ħafna. Min-naħa l-waħda, huwa probabbli li n-numru ta' kuntatti u l-ħin li jridu biex jirreklutaw staff huma pożittivament korrelatati.[45] Barra minn hekk, kuntatti numerużi, speċjalment jekk dawk ikunu kollha ma' l-amministrazzjoni pubblika, se jfissru li min iħaddem għandu, talanqas parzjalment, jagħti l-istess informazzjoni lil istituzzjonijiet differenti. Dan jista' jkun eżerċizzju pjuttost frustranti. Finalment, jekk in-numru ta' kuntatti obbligatorji jkun relattivament għoli x'aktarx li min jimpjega jkollu jiġbor informazzjoni dwar ir-reklutaġġ u l-impjieg minn diversi sorsi u għalhekk qatt ma jista' jkun ċert sa l-aħħar li kiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa u li ssodisfa l-proċeduri kollha neċessarji. Sa ċertu punt il-proċeduri ta' reklutaġġ jirrappreżentaw is-sistema kollha tar-regolamentazzjoni ta' l-impjiegi. Jekk l-eżerċizzju tar-reklutaġġ ta' impjegat huwa diġà kumplikat, bosta minn dawk li potenzjalment jistgħu jħaddmu se jistennew li effettivament ir-regoli biex jimpjegaw il-ħaddiema jkunu agħar. Naturalment, dan jimplika wkoll li bosta *OPEs* jistgħu ma jkunux infurmati tajjeb ħafna dwar l-obbligi attwali li jridu jiffaċċjaw jekk jimpjegaw. Ma jistax ma jkunx meqjus il-fatt li sa ċertu punt in-nuqqas ta' sodisfazzjon pjuttost mifrux fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri jista' jkun il-konsegwenza ta' informazzjoni nieqsa jew perċezzjoni żbilanċjata.

---

[45] Madankollu għandu jingħad li l-istimi ta' l-esperti tal-ħin neċessarju jew tar-reklutaġġ u n-numru ta' kuntatti mhumiex relatati mill-qrib. Dan madankollu jista' jidher bħala indikazzjoni tad-diffikultajiet biex wieħed jistma l-ħin neċessarju għall-proċeduri.

## 6. L-ISPIŻA TAX-XOGĦOL

### 6.1. Pagi

Fil-medja l-pagi jirrappreżentaw tliet kwarti ta' l-ispiża totali tax-xogħol u għalhekk huma l-parti monetarja l-aktar importanti fil-kunsiderazzjoni ta' min jimpjega meta jiġi biex jirrekluta jew le. Hemm madankollu differenzi ċari bejn il-pajjiżi Ewropej fl-istruttura ta' l-ispejjeż tax-xogħol u għalhekk fl-importanza relattiva tal-pagi. Għall-Irlanda, Ċipru, il-Lussemburgu u r-Renju Unit il-parti tal-pagi fl-ispiża totali tax-xogħol hija aktar minn 80% waqt li fi Franza, il-Belġju, l-Iżvezja u t-Turkija hija biss ta' madwar żewġ terzi (ara l-graff 4).

Rigward spejjeż totali għax-xogħol f'ammonti assoluti hemm, bħala riżultat ta' l-istadji differenti ta' l-iżvilupp ekonomiku, varjazzjonijiet kbar bejn pajjiżi Ewropej, b'mod speċjali bejn il-Membri l-antiki ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-ġodda jew il-pajjiżi kandidati. Spejjeż għax-xogħol ta' kull xahar għal kull impjegat *full-time* ivarjaw minn 3,500 Ewro fl-Iżvezja għal madwar 200 Ewro fil-Bulgarija u r-Rumanija. Il-medja hija ta' madwar 1,700 Ewro (ara graff 5).

Sfortunatament, data sħiħa hija biss disponibbli għas-sena 2000. Għal xi pajjiżi hemm disponibbli data għal snin aktar reċenti u figuri aġġornati huma disponibbli fuq bażi informali. Dawn jindikaw li l-ispejjeż għax-xogħol għall-oqsma ekonomiċi kollha, bħala medja, żdiedu b'9% kull sena bejn l-2000 u l-2002. L-akbar żidiet saru fl-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE.

Graff 5 tippreżenta figuri medji għal dawk is-setturi li fihom intrapriżi b'persuna waħda huma l-aktar komuni, jiġifieri għall-kostruzzjoni, bejgħ bl-ingrossa, tiswija, lukandi, ristoranti u trasport (klassifikazzjoni NACE F, G, H u I). Dawn is-setturi ma jirriflettux is-sitwazzjoni ta' l-ekonomija b'mod sħiħ. L-ispejjeż għax-xogħol fis-setturi li huma preżentati fil-graff huma aktar minn 10 punti perċentwali aktar baxxi mill-medja tas-setturi ekonomiċi kollha, u għal xi pajjiżi (il-Ġermanja, il-Lussemburgu) id-differenza hija ogħla (jiġifieri sa 25 punt).

L-istħarriġ dwar l-ispiża għax-xogħol jirrappreżenta figuri medji għal kull settur. Għal negozji żgħar ħafna l-ispejjeż tal-paga minima jistgħu wkoll ikunu interessanti. F'21 pajjiż Ewropew jeżistu l-pagi minimi legali. Dawn ivarjaw bejn l-1,400 Ewro (u fuqhom) fil-Lussemburgu (Jannar 2004) għall-61 Ewro fil-Bulgarija. Il-medja tal-pagi minimi hija madwar 980 Ewro fil-Membri l-antiki ta' l-UE u madwar 230 Ewro għall-pajjiżi l-ġodda (ara graff 6)

Il-pagi huma ovvjament ta' importanza kbira meta negozju jiġi biex jirrekluta xi ħaddiema. Imma l-livell tal-pagi mhuwiex ostaklu ewlieni għar-reklutaġġ. Anqas minn waħda minn kull ħamsa ta' l-4,000 intrapriża

b’persuna waħda li kienu intervistati fl-2004 qalu li huma ma rreklutawx minħabba l-ispejjeż tal-pagi.

Hemm xi differenzi bejn il-pajjiżi imma l-ebda valuri estremi. L-inqas valur instab fl-Estonja, l-Olanda u Franza fejn inqas minn 5% ta’ l-*OPEs* iddikjaraw li r-raġuni ewlenija għaliex ma rreklutawx kienet l-ispejjeż tal-pagi. L-ogħla valur kien rekordjat fl-*OPEs* ta’ Spanja u l-Irlanda, fejn 14% qalu li prinċipalment kienu l-ispejjeż tal-pagi li żammewhom milli jirreklutaw. Hemm ċertu korrelazzjoni bejn l-importanza li l-*OPEs* jagħtu lill-pagi għad-deċiżjonijiet tagħhom dwar jekk jimpjegawx u s-sehem ta’ pagi fit-total ta’ l-ispejjeż għax-xogħol, imma ġeneralment din il-korrelazzjoni hija dgħajfa. Fi Franza u l-Estonja, żewġ pajjiżi fejn is-sehem tal-pagi fit-total ta’ l-ispejjeż tax-xogħol huwa relattivament baxx, numru relattivament żgħir ta’ intrapriżi biss iddikjara li ma jirreklutax ħaddiema minħabba l-pagi. Fl-Irlanda u Ċipru fejn il-pagi huma relattivament iktar importanti, numru ikbar ta’ kumpaniji semmew il-pagi bħala raġuni għaliex ma jirreklutawx staff. F’bosta pajjiżi madankollu, jidher li ma hemm l-ebda rabta bejn l-importanza oġġettiva tal-pagi (imkejla skond is-sehem fl-ispejjeż totali għax-xogħol) u n-numru ta’ kumpaniji li jiddikjaraw il-pagi bħala raġuni importanti għaliex ma jirreklutawx, bħal, pereżempju, fi Spanja u fl-Olanda. Jista’ jkun li r-riżultati kienu jkunu iktar sinifikanti kieku kien possibbli li wieħed jgħaqqad il-figuri tal-pagi mal-figuri tal-produttività imma dawn ta’ l-aħħar mhumiex disponibbli għal kumpaniji żgħar ħafna.

## Graff 4: Struttura ta' spejjeż tax-xogħol




**Iswed:** Pagi; **Griż:** Kontribuzzjonijiet Soċjali ta' min iħaddem; **Abjad:** Spejjeż oħra (bis-sussidji mneħħija)

Sorsi: Stħarriġ dwar l-Ispejjeż għax-Xogħol; għal xi pajjiżi:esperti nazzjonali.

**Graff 5: Spejjeż għax-xogħol fix-xahar għal kull impjegat**




Sorsi: Eurostat, Stħarriġ dwar l-Ispejjeż għax-Xogħol, stima għall-Belġju

**Graff 6: Pagi minimi fix-xahar**




Sorsi: 2001 – 2003, Eurostat; 2004 Federazzjoni Ewropea ta' min iħaddem, esperti nazzjonali.

### 6.2. Spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi

Skond l-istħarriġ Ewropew ta’ l-ispejjeż għax-xogħol, il-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi mħallsin minn min iħaddem fuq ix-xogħol jirrappreżentaw aktar minn 20% ta’ l-ispiża totali għax-xogħol. Mill-ġdid hemm differenzi sostanzjali bejn il-pajjiżi, li jiddependu fuq il-kobor tal-ħarsien soċjali u fuq il-mod kif dan hu ffinanzjat. Fid-Danimarka u n-Norveġja pereżempju, fejn l-ispejjeż tal-ħarsien soċjali huma fil-maġġoranza tagħhom koperti mit-taxxa fuq dħul, il-kontribuzzjonijiet soċjali jirrappreżentaw inqas minn 10% ta’ l-ispejjeż totali għax-xogħol. Fil-Belġju, Franza, l-Italja, l-Iżvezja u t-Turkija l-ammont huwa qrib jew anke ’l fuq minn 30% (ara graff 4).

Stampa aktar dettaljata ta’ spejjeż għax-xogħol indiretti hija provduta mill-istatistika ta’ l-*OECD* “L-Intaxxar tal-Pagi” li tippreżenta kalkoli fuq mudell mikro-ekonomiku minflok is-solitu data makro li tkun aggregata. Skond l-*OECD*, il-kontribuzzjonijiet soċjali (u, fil-każijiet ta’ l-Awstrija u l-Iżvezja, it-taxxi fuq ix-xogħol) li min jimpjega għandu jħallas lilhinn mis-salarju gross ivarjaw minn 9% fir-Renju Unit għal madwar 11% fl-Olanda u l-Irlanda (għad-Danimarka u l-Islanda l-figuri huma kważi negliġibbli) għal aktar minn 40% fi Franza. F’medja, għal kull 100 Ewro li min iħaddem iħallas lill-impjegat f’pagi, hemm ammont addizzjonali ta’ 23 Ewro li jrid jitħallas f’kontribuzzjonijiet soċjali (ara graff 9). [46] Il-figuri rappurtati hawnhekk kienu kkalkolati għal impjegat bi dħul medju. Għal bosta pajjiżi varjazzjonijiet fil-livell assolut tal-pagi ma jbiddlux ir-riżultati b’mod sinifikattiv (talanqas jekk ma jintgħażlux valuri estremi għall-pagi) għaliex il-kontribuzzjonijiet soċjali ta’ min iħaddem ġeneralment jinqatgħu skond rata fissa. Għal xi pajjiżi madankollu, ir-riżultati jkunu differenti. [47]

Skond l-istħarriġ ta’ l-2004 fost 4,000 intrapriża b’persuna waħda l-ispejjeż addizzjonali għax-xogħol li jridu jitħallsu barra l-pagi huma waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex dawn l-intrapriżi ma jimpjegawx staff. Kważi terz min-negozji intervistati fil-pajjiżi antiki ta’ l-UE u nofs l-intrapriżi fil-pajjiżi l-ġodda iddikjaraw li l-ispejjeż li mhumiex pagi huma waħda miż- żewġ raġunijiet l-aktar importanti għaliex ma jirreklutawx.

---

[46] Innota li l-valuri li jidhru fi graff 9 ma jirriflettux it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali kollha għax-xogħol imma l-ispejjeż diretti ta’ min iħaddem biss. Biex tistima l-piż totali tat-taxxa fuq ix-xogħol tintuża t-“*tax wedge*” (diviżjonijiet fit-taxxa). Din hija r-relazzjoni ta’ bejn il-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi ta’ min iħaddem u ta’ l-impjegat bħala persentaġġ ta’ l-ispiża totali għax-xogħol (pagi gross flimkien mal-kontribuzzjonijiet soċjali u t-taxxi ta’ min iħaddem). Għat-*tax wedge* totali, hemm disponibbli data storika mill-OECD. F’bosta pajjiżi (l-eċċezzjonijiet huma r-Repubblika Ċeka u Spanja fejn kien hemm żjieda minuri) it-*tax wedge* totali naqset bejn wieħed u ieħor b’punt perċentwali sa mill-2000. Partikolarment b’saħħithom kienu r-riduzzjonijiet fl-Irlanda u fl-Olanda (ara graff 12 u tabella 7 fl-anness).

[47] Għal Franza l-livell l-iktar baxx fil-paga jirriżulta fi tnaqqis ta’ terz fil-kontribuzzjonijiet soċjali u fit-taxxi ta’ min iħaddem, għar-Renju Unit u għall-Irlanda t-tnaqqis ikun ta’ madwar 15% sa 20%. Għall-Olanda u d-Danimarka l-piż relattiv ta’ l-ispejjeż għal min iħaddem saħansitra jiżdied.

Jidher li hemm ċertu korrelazzjoni bejn data oġġettiva u raġunijiet suġġettivi għaliex ma jsirx reklutaġġ. F'bosta pajjiżi fejn id-data statistika oġġettiva tindika spejjeż għax-xogħol, li mhumiex pagi, li jkunu relattivament għoljin (eż. fi Franza u l-Belġju) relattivament bosta *OPEs* isemmu l-ispejjeż li mhumiex pagi bħala r-raġuni għaliex ma jirreklutawx. Bil-maqlub, f'pajjiżi fejn statistikament l-ispejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi huma taħt il-medja, l-*OPEs* jidhru inqas inkwetati dwar dawn l-ispejjeż (eż. l-Irlanda, Ċipru u r-Renju Unit). Il-korrelazzjoni madankollu mhix perfetta. Fil-Polonja tliet kwarti ta' l-*OPEs* jgħidu li ma jirreklutawx minħabba spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi waqt li d-data statistika tindika valuri inqas mill-medja. (Minħabba li r-riżultati Pollakki huma pjuttost estremi mhumiex inklużi fil-graff 7).

**Graff 7: Importanza suġġettiva u oġġettiva ta' spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi**




nwlc = Proporzjon ta' *OPEs* li ma jimpjegawx minħabba *nwlc*

(Il-graff jeskludi data mill-Polonja, fejn is-sehem ta' kontribuzzjonijiet ta' dawk li jħaddmu huwa ta' 16.2%, u s-sehem ta' *OPEs* li ma jirreklutawx minħabba spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi huwa ta' 55%)

Sorsi: *OECD*, L-Intaxxar tal-Pagi, *Eurobarometer*.

Fl-istħarriġ tal-*Eurobarometer* l-*OPEs* kienu mitluba jistmaw l-ispejjeż addizzjonali tax-xogħol (speċjalment il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min

iħaddem) għal paga gross ta' 100 Ewro. Kien hemm tendenza, fil-pajjiżi kollha, li dan il-piż jiġi stmat iżżejjed – talanqas meta mqabbel mad-data mikro mill-*OECD* (ara graff 8). F'medja (u mingħajr ma jitqies il-każ estrem tad-Danimarka li għaliha l-istimi ta' l-*OPEs* kienu aktar minn sittin darba ogħla minn dawk tad-data ta' l-*OECD*) is-sidien ta' intrapriża b'persuna waħda jaħsbu li l-ispejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi għal min iħaddem huma madwar 65% tal-pagi gross, valur tliet darbiet ogħla mid-data ta' l-*OECD* li turi l-ispejjeż addizzjonali mal-paga bħala 23%. (Kieku l-istimi ta' l-*OPEs* kienu korretti kienu jkunu iktar qrib il-"funzjoni tal-perċezzjoni korretta" fi graff 8).

It-tendenza li min iħaddem jistima żżejjed il-kontribuzzjonijiet soċjali tista' parzjalment tkun ir-riżultat ta' definizzjonijiet differenti ta' spejjeż addizzjonali għax-xogħol. Waqt li d-data ta' l-*OECD* tista' tinkludi l-kontribuzzjonijiet (u f'xi każi t-taxxi għax-xogħol) li min iħaddem ikollu effettivament iħallas lill-fondi soċjali, l-*OPEs* intervistati setgħu fehmu t-terminu b'mod aktar wiesa', b'tali mod li jinkludi, pereżempju, il-vaganzi mħallsin, il-ħlas għall-mard, eċċ. Din l-ipoteżi hija msaħħa wkoll mill-fatt li hemm ċerta korrelazzjoni bejn l-istimi għal spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi stmati mill-*OPEs* u r-riżultati ta' l-*OECD*.

**Graff 8: Spejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi għal min iħaddem – realtà u perċezzjoni**




Sorsi: *OECD*, L-Intaxxar tal-Pagi, *Eurobarometer*.

**Graff 9: Kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi għal min iħaddem**




Sorsi: *OECD* (2003), L-Intaxxar tal-Pagi, l-istimi ta' l-Estonja u Ċipru magħmula minn esperti, kalkoli tagħhom.

## 6.3. Ħin tax-xogħol

Arranġamenti għal ħin tax-xogħol jista' jkollhom rwol indirett fid-deċiżjoni jekk isirx reklutaġġ jew le. L-ewwelnett, dan huwa, flimkien mal-pagi u l-ispejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi, fattur li jiddetermina kemm jiswa x-xogħol (jiġifieri kemm jaħdem l-impjegat għall-pagi li jħallas min jimpjegah). It-tieni, restrizzjonijiet dwar arranġamenti ta' ħin għax-xogħol bejn min jaħdem u min iħaddem jillimitaw il-flessibbiltà ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol. Dan jista' jkun ta' interess speċjali għal intrapriżi żgħar fejn il-flessibbiltà hija fattur kompetittiv ċentrali.

Tabella 5 turi li, f'medja, min iħaddem kważi jħallas 168 siegħa fix-xahar li huwa l-ammont ta' xogħol li jista' fil-prinċipju jistenna li jirċievi mill-impjegat (bejn wieħed u ieħor 34 siegħa fil-ġimgħa). Madankollu, madwar 20 siegħa fix-xahar fir-realtà mhumiex maħduma minħabba waqfien għall-mistrieħ, mard, eċċ.

Is-sigħat attwali tax-xogħol għandhom jidhru f'konnessjoni mar-regolamenti legali għall-ħin maħdum, jiġifieri regoli dwar lîf annwali u ħin massimu ta' xogħol u n-numru ta' vaganzi pubbliċi. Dawn il-figuri huma sikwit użati f'paraguni internazzjonali, kultant bl-intenzjoni li jkunu ġustifikati t-talbiet għal inqas jew iktar ħin għax-xogħol. Speċjalment fil-kuntest preżenti dawn il-figuri għandhom jintużaw b'attenzjoni kbira. Aritmetikament, tnaqqis fil-vaganzi jew titwil tas-sigħat tax-xogħol inaqqsu l-ispejjeż għax-xogħol. Madankollu mhuwiex ċar, jekk u sakemm tnaqqis bħal dan effettivament iżidx id-domanda għax-xogħol u partikolarment jekk dan iwassalx lill-intrapriżi b'persuna waħda biex jirreklutaw l-istaff.

L-interpretazzjoni tat-tabelli hija aktar kumplikata mill-fatt li ma hemmx korrelazzjonijiet ċari bejn il-varjabbli differenti. Għalhekk huwa diffiċli li wieħed jidentifika pajjiżi fejn ir-regolamenti tal-ħin għax-xogħol huma b'mod ġenerali vantaġġużi jew żvantaġġużi għal min iħaddem.

Jidher għalhekk li huwa diffiċli li wieħed jiġbed konklużjonijiet mill-figuri dwar il-ħin tax-xogħol għal kumpaniji żgħar. Jista' jkun li l-figuri dwar il-ħin tax-xogħol huma ta' importanza ikbar f'kuntesti industrijali fejn il-kumpaniji għandhom sistema ta' kontabbiltà żviluppata u dettaljata għall-ispejjeż li tippermettilhom li jikkalkulaw l-ispiża ta' vaganza addizzjonali b'mod eżatt.

## Tabella 5: Stampa ġenerali tal-ħin tax-xogħol

| | Sigħat imħallsa fix-xahar | | | F'% ta'sigħat totali | | Jiem ta' vaganza | | Ħin massimu tax-xogħol 2003 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Totali | Maħduma | Mhux maħduma | Maħduma | Mhux maħduma | Lîf Annwali | Vaganzi Pubbliċi 2004 | Sigħat kull ġimgħa | Sigħat kull ġurnata |
| Il-Belġju | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | 20 | 10 | 38 | 8 |
| Il-Bulgarija | n.a. | 145 | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | 13 | n.a. | 8 |
| Ir-Rep. Ċeka | 174 | 151 | 23 | 87 | 13.1 | 20 | 12 | 48 | n.a. |
| Id-Danimarka | 155 | 139 | 16 | 89 | 10.6 | 25 | 12 | 48 | 13 |
| Il-Ġermanja | 165 | 135 | 30 | 82 | 18.1 | 20 | 11 | 48 | 10 |
| L-Estonja | 163 | 150 | 13 | 92 | 8.0 | 28 | 9 | 40 | 8 |
| Il-Greċja | 168 | 151 | 17 | 90 | 10.1 | 25 | n.a. | 48 | 13 |
| Spanja | 171 | 143 | 28 | 83 | 16.6 | 22 | 14 | 40 | 9 |
| Franza | 158 | 134 | 24 | 85 | 15.2 | 25 | 11 | 48 | 10 |
| L-Ungerija | n.a. | 148 | n.a. | n.a. | n.a. | 20 | n.a. | 48 | 12 |
| L-Irlanda | 168 | 160 | 8 | 95 | 4.9 | 20 | 9 | 48 | 13 |
| L-Italja | 169 | 146 | 23 | 86 | 13.7 | 20 | 11 | 48 | 13 |
| Ċipru | 174 | 153 | 21 | 88 | 12.1 | 28 | 15 | 48 | 13 |
| Il-Latvja | 166 | 154 | 12 | 93 | 7.3 | 25 | 9 | 40 | 8 |
| Il-Litwanja | 161 | 149 | 12 | 92 | 7.6 | 20 | 9 | n.a. | n.a. |
| Il-Lussemburgu | 177 | 143 | 34 | 81 | 19.4 | 25 | 10 | 48 | 10 |
| L-Olanda | 169 | 137 | 32 | 81 | 18.7 | 18 | 7 | 48 | 9 |
| L-Awstrija | 175 | 146 | 29 | 83 | 16.5 | 22 | 13 | 40 | 10 |
| Il-Polonja | n.a. | 150 | n.a. | n.a. | n.a. | 20 | 10 | 40 | 8 |
| Il-Portugall | 166 | 146 | 20 | 88 | 11.9 | 25 | 12 | 48 | 10 |
| Ir-Rumanija | 174 | 152 | 22 | 87 | 12.8 | 25 | 6 | 48 | 8 |
| Ir-Rep. Slovakka | 165 | 145 | 20 | 88 | 12.3 | n.a. | n.a. | 40 | 9 |
| Slovenja | 176 | 144 | 32 | 82 | 17.9 | 20 | n.a. | 40 | 10 |
| Il-Finlandja | 158 | 138 | 20 | 87 | 12.5 | 25 | 11 | 40 | 8 |
| L-Iżvezja | 163 | 142 | 21 | 87 | 12.8 | 25 | 11 | 40 | 8 |
| It-Turkija | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | 10 | 45 | 7.5 |
| Ir-Renju Unit | 178 | 155 | 23 | 87 | 12.7 | 20 | 9 | 48 | 13 |
| Medja | 167.9 | 146.2 | 21.8 | 87.1 | 12.9 | 22.6 | 10.6 | 45.1 | 10.3 |

Sorsi: Sigħat imħallsin: Eurostat; lîf annwali: www.IrishJobs.ie; vaganzi pubbliċi: esperti nazzjonali; Ħin għax-xogħol: EIRO.

Fattur importanti ieħor għall-ispiża huwa l-obbligu ta' min iħaddem fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-ħlasijiet tal-paga f'każ ta' mard min-naħa ta' l-impjegat. Graff 10 turi l-livell ta' paga li min iħaddem irid iħallas f'każ bħal dan. L-indikatur kien kalkulat għal mard ta' ġurnata, ta' ġimgħa jew ta' xahar.[48] Huwa bbażat fuq obbligi legali, ħafna drabi l-figuri jkunu differenti minħabba ftehimiet kollettivi. Interessanti kif, il-maġġoranza tal-pajjiżi ma jġarrbu l-ebda tnaqqis fil-livell ta' ħlasijiet kontinwi ta' pagi, jiġifieri min iħaddem irid jibqa' jħallas 100% tal-pagi irrispettivament jekk il-ħaddiem huwiex marid għal ġurnata jew għal xahar.

**Graff 10: Livell medju tat-tkomplija tal-ħlas tal-pagi f'każ ta' mard**




48 Eżempju jista' jkun ta' għajnuna biex jinftiehem il-kalkolu: Jekk f'pajjiż A min iħaddem hu obbligat li jħallas 100% tal-paga normali u l-kontribuzzjonijiet soċjali matul l-ewwel tlett ijiem tal-mard u 80% matul l-erbat ijiem ta' wara, l-indikatur ikun: (3 * 100% + 4* 80%) / 7 = 88.6%.

Noti:

Fl-Estonja l-ħlasijiet għal min jaħdem jiġu mill-assigurazzjoni fuq is-saħħa. Fil-Lussemburgu l-paga titħallas mill-assigurazzjoni fuq is-saħħa imma min iħaddem jibqa' jħallas l-ispejjeż soċjali.

Fil-Portugall il-benefiċċji tal-mard jitħallsu mis-sigurtà soċjali, min iħaddem mhux obbligat li jkompli l-ħlas tal-paga.

Fil-Finlandja l-ftehimiet kollettivi ikopru madwar 90% ta' l-impjegati kollha. Il-ftehimiet kollettivi ġeneralment jipprevedu drittijiet aktar ġenerużi minn dawk tal-liġi għall-impjegati, fir-rigward tal-ħlasijiet ta' pagi waqt mard. Konsegwentament, madwar 90% tal-ħaddiema huma intitolati li jirċievu l-ħlas sħiħ għal xahar sħiħ fil-każ ta' mard. Għandu jkun innotat ukoll li fil-Finlandja min iħaddem huwa parzjalment rimborżat għall-ħlasijiet kontinwi ta' pagi mill-Assigurazzjoni Soċjali. Il-ħlasijiet li jingħataw lura jvarjaw imma huma, f'medja, ta' madwar 60%.

L-obbligu ta' min iħaddem huwa li jħallas is-salarju sħiħ sa disat ijiem fil-każ ta' mard skond l-Att tal-Kuntratti għall-Impjieg (ħlas statutorju għall-mard). Fir-relazzjonijiet ta' impjieg li jkunu ilhom inqas minn xahar l-impjegati huma intitolati għal 50 fil-mija tal-ħlas. Ftehimiet kollettivi jinkludu ftehim dwar il-ħlas ta' salarju għal perjodi itwal ukoll. Skond il-ftehimiet kollettivi madwar 90% ta' l-impjegati huma intitolati għal pagament sħiħ għal xahar u l-ftehimiet kollettivi ikopru madwar 90% tal-ħaddiema fil-Finlandja. Wara li jispiċċa l-obbligu ta' min iħaddem li jħallas is-salarju għall-perjodu ta' lîf minħabba mard ta' l-impjegat, dawk kollha li jgħixu b'mod permanenti fil-Finlandja huma intitolati għal għajnuna finanzjarja fuq il-bażi ta' l-assigurazzjoni nazzjonali għall-mard.

Fir-Renju Unit il-ħlas statutorju għall-mard huwa mħallas bir-rata ta' £13.23 kuljum. Ir-relazzjoni ta' hawn fuq tirreferi għall-paga minima legali.

## 7. PROBLEMI POSSIBBLI FIL-KAŻ TA' TKEĊĊIJA TA' L-IMPJEGATI

Il-biża' potenzjali ta' min iħaddem li ma jkunx jista' jkċċi ħaddiem li għalih ma għandux iktar xogħol bi qligħ jew li ma jkunx tajjeb għan-negozju, hi meqjusa minn bosta esperti bħala raġuni importanti għaliex intrapriża b'persuna waħda ma tirreklutawx staff regolari mill-ewwel. Din l-opinjoni kienet konfermata mir-riżultati ta' l-istħarriġ ta' l-2004 fost 4,000 intrapriża b'persuna waħda. Madwar 11% ta' l-*OPEs* qalu li r-raġunijiet legali u amministrattivi jżommuhom milli jirreklutaw. Meta kienu mitluba biex ikunu aktar preċiżi dwar din ir-raġuni kważi terz ta' dawn l-intrapriżi semmew diffikultajiet marbuta mat-tkeċċija ta' impjegat bħala waħda miż-żewġ raġunijiet għaliex ma jirreklutawx. Għal kumpaniji f'diversi pajjiżi dan il-fatt għandu iktar piż mix-xogħol amministrattiv marbut mat-taxxi għall-impjieg u kważi l-istess piż daqs id-dmirijiet amministrattivi relatati mas-sigurtà soċjali ta' l-impjegati.[49]

Id-diffikulatjiet previsti fil-każ ta' tkeċċija huma partikolarment ta' tħassib għal *OPEs* fil-Portugall, l-Olanda u l-Finlandja. Sostanzjalment inqas inkwetati huma kumpaniji żgħar fl-Italja, l-Awstrija u l-Estonja. Jidher li ma hemm l-ebda konnessjoni bejn is-settur tal-kumpanija u l-mod kif huma perċepiti r-regoli dwar it-tkeċċija, imma ditti akbar bi dħul ogħla huma b'mod ċar aktar imħassba minn intrapriżi żgħar. Hemm ukoll rabta bejn l-edukazzjoni tas-sid ta' l-intrapriża u x-xettiċiżmu tiegħu/tagħha dwar ir-regoli tat-tkeċċija: aktar ma huwa għoli l-livell edukattiv akbar hija l-biża' li ma jkunx jista' jkeċċi impjegat.

Minflok jirreklutaw impjegat f'relazzjoni standard ta' impjieg bosta *OPEs* iduru għal sorsi oħrajn ta' xogħol u għajnuna addizzjonali. Aktar minn terz ta' l-intrapriżi intervistati għall-*Eurobarometer* qalu li xi drabi rċevew għajnuna minn membri tal-familja tagħhom (17% ta' l-intrapriżi irċevew din l-għajnuna b'mod pjuttost regolari). L-għoti b'sotto-kuntratt jew ix-xiri ta' servizzi minn kumpaniji oħrajn kienu riżorsa ta' xogħol għal kwart tal-kumpaniji. B'mod speċjali fil-pajjiżi l-ġodda ta' l-UE, ix-xogħol mogħti barra mill-kumpanija u l-għajnuna minn ħbieb u familjari jidher li huwa fenomenu frekwenti. Possibbiltà oħra li ntużat minn 17% ta' l-intrapriżi intervistati sabiex jegħlbu ħtieġa temporanja għal aktar xogħol, kienet dik ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal perjodu qasir ta' żmien permezz ta' kuntratti speċjali.

Minkejja l-fatt li bosta OPE jidhru li ma jirreklutawx minħabba problemi potenzjali f'każ ta' tkeċċija neċessarja, l-esperti, b'mod ġenerali, ma kinux ta' l-opinjoni li r-regoli rigward it-tkeċċija ta' impjegati f'ditti żgħar għandhom jikkostitwixxu tfixkil reali għar-reklutaġġ ta' staff. Bosta esperti qiesu t-tkeċċija ta' impjegati għal raġunijiet ekonomiċi bħala faċli jew saħansitra faċli ħafna, bl-eċċezzjonijiet ikunu l-Olanda (fejn tkeċċija hija possibbli biss jekk entità pubblika, is-*Centrale Organisatie Werk en Inkomen*, ikun tat l-approvazzjoni tagħha), il-Lussemburgu, il-Polonja u t-Turkija. Aktar diffiċli hija t-tkeċċija għal raġunijiet

---

[49] *Flash Eurobarometer*, it-tabella Q4 fl-anness.

personali, eż. jekk l-impjegat juri li ma jkunx tajjeb għall-intrapriża jew f'każijiet ta' imġiba ħażina, imma anke hawnhekk ir-regoli eżistenti m'għandhomx ikunu meqjusa bħala ostaklu li ma jistax jingħeleb f'bosta pajjiżi (ara t-tabella 6).

**Tabella 6: Ħarsien kontra t-tkeċċija**

**Strettezza tal-protezzjoni kontra t-tkeċċija u l-effett fuq l-azjendi**

| | Opinjoni ta' l-esperti [a)] | | | Indikatur [b)] | Sondaġġ [c)] |
|---|---|---|---|---|---|
| | Ekonomika | Persunali | Medja | *OECD* | |
| Il-Belġju | 2 | 2 | 2 | 1.7 | 17 |
| Il-Bulgarija | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. |
| Ir-Rep. Ċeka | n.a. | n.a. | n.a. | 3.3. | 21 |
| Id-Danimarka | n.a. | n.a. | n.a. | 1.5 | 17 |
| Il-Ġermanja | 2 | 3 | 2.5 | 2.7 | 19 |
| L-Estonja | 3 | 4 | 3.5 | n.a. | 0 |
| Spanja | 2 | 2 | 2 | 2.6 | 22 |
| Franza | n.a. | n.a. | n.a. | 2.5 | 26 |
| L-Irlanda | 2 | 4 | 3 | 1.6 | 11 |
| L-Italja | n.a. | n.a. | n.a. | 1.8 | 16 |
| Ċipru | 2 | 2 | 2 | n.a. | 0 |
| Il-Litwanja | n.a. | n.a. | n.a. | n.a. | 14 |
| Il-Lussemburgu | 3 | 3 | 3 | n.a. | 18 |
| L-Olanda | 3 | 3 | 3 | 3.1 | 47 |
| L-Awstrija | 1 | 1 | 1 | 2.4 | 5 |
| Il-Polonja | 3 | 4 | 3.5 | 2.2 | 17 |
| Il-Portugall | n.a. | n.a. | n.a. | 4.3 | 55 |
| Ir-Rumanija | 2 | 3 | 2.5 | n.a. | n.a. |
| Il-Finlandja | 2 | 4 | 3 | 2.2 | 47 |
| L-Iżvezja | 1 | 3 | 2 | 2.9 | 36 |
| It-Turkija | 3 | 3 | 3 | 2.6 | n.a. |
| Ir-Renju Unit | 1 | 3 | 2 | 1.1 | 9 |
| Medja | 2.1 | 2.9 | 2.5 | 2.3 | 20.9 |

(mingħajr koeffiċjenti ta' korrezzjoni)

a) 1 - it-tkeċċija faċli ħafna, 2 - faċli, 3 - mhux daqstant faċli, 4 - pjuttost diffiċli.

b) Indikatur ta' l-*OECD* ta' l-istrettezza globali tal-protezzjoni kontra t-tkeċċija (2003).

c) Prpoporzjon ta' *OPEs* li ma rreklutawx minħabba li beżgħu minn problemi fil-każ ta' tkeċċija.

Il-perjodu obbligatorju fil-każ ta' notifikazzjoni ta' tkeċċija għal raġunijiet ekonomiċi ġeneralment jiddependi fuq iż-żmien li l-impjegat ikun ilu jaħdem għal kumpanija.[50] Għal impjegat li ilu sena dan ivarja minn ġimgħa sa tmien ġimgħat. Il-perjodu medju huwa ta' madwar xahar. F'xi pajjiżi ġustifikazzjoni f'każ ta' tkeċċija lanqas hija neċessarja, f'bosta pajjiżi tkeċċija għal raġuni ġustifikata (jiġifieri minħabba negozju batut, l-impjegat ma jħallix qligħ) hija neċessarja u biżżejjed. Fil-każ ta' kumpaniji żgħar ġeneralment ma jkun hemm l-ebda għażla

[50] Ara Graff 14 fl-anness.

soċjali ta' l-impjegati li għandhom jitkeċċew (fil-każ ta' l-ewwel impjegat il-mistoqsija lanqas biss tista' ssir) u l-perjodi ta' prova huma sikwit twal ix-xhur u biżżejjed biex min jimpjega jkollu ż-żmien jifforma opinjoni dwar il-kapaċità ta' l-impjegat il-ġdid. Tħassib aktar serju fil-każ ta' tkeċċija huwa dwar il-kumpens li jrid jitħallas f'bosta pajjiżi u li ħafna drabi dan ikun daqs salarju ta' xahar.

Kif enfasizzat hawn fuq, l-esperti ma kinux ta' l-opinjoni li l-ħarsien eżistenti kontra t-tkeċċija huwa qawwi biżżejjed li jikkostitwixxi ostaklu reali għall-*OPEs* biex jirreklutaw. Madankollu l-esperti ħasbu li l-perċezzjoni tal-ħarsien kontra tkeċċija min-naħa ta' l-*OPEs* tista' tikkostitwixxi raġuni għaliex ma jimpjegawx staff – ħsieb li kien konfermat min-numru relattivament għoli ta' intrapriżi li qalu li ma jirreklutawx minħabba problemi possibbli fil-każ ta' tkeċċija. Barra minn hekk, hemm ċertu korrelazzjoni bejn l-ammont ta' rigorożità tal-ħarsien kontra t-tkeċċija perċepit mill-esperti u s-sehem tal-kumpaniji li ma jirreklutawx għaliex jibżgħu minn problemi jekk ikollhom ikeċċu impjegat: Fl-Awstrija, pereżempju, it-tkeċċija ta' l-impjegati hija meqjusa bħala relattivament ħafifa u 5% biss ta' l-*OPEs* fl-Awstrija jsemmu l-problemi possibbli fil-każ ta' tkeċċija bħala l-aktar raġuni importanti għaliex ma jirreklutawx. Fl-Olanda, fejn it-tkeċċija hija meqjusa bħala relattivament problematika, kważi nofs l-intrapriżi koperti mill-istħarriġ isemmu l-problemi f'każ ta' tkeċċija bħala r-raġuni għaliex ma jirreklutawx.

Ir-rabta bejn ir-rigorożità tar-regoli tat-tkeċċija u n-numru ta' kumpaniji li ma jirreklutawx għax jibżgħu minn problemi relatati mat-tkeċċijiet hija saħansitra aktar qawwija meta jintuża l-indikatur ta' l-*OECD* għar-rigorożità tar-regoli dwar it-tkeċċija (ara graff 11). Dan l-indikatur jgħaqqad aspetti differenti tal-ħarsien kontra t-tkeċċija, eż. inkonvenjenzi proċedurali, ħlas għall-għeluq tal-kuntratt eċċ. u jippermetti differenzazzjoni akbar bejn is-sistemi nazzjonali differenti[51] (meta mqabbla, l-opinjonijiet ta' l-esperti dwar id-diffikultajiet ta' tkeċċija ippermettew biss differenzazzjoni f'5 kategoriji – faċli ħafna, faċli, mhux daqshekk faċli, pjuttost diffiċli u diffiċli ħafna). Għalhekk jidher li l-intrapriżi, anke dawk li huma nfushom ma jirreklutawx, għandhom idea pjuttost tajba dwar il-ħarsien ta' l-impjegati kontra t-tkeċċija u jemmnu li dan il-ħarsien huwa b'saħħitu wisq għalihom biex jirriskjaw jimpjegaw lil xi ħadd, filwaqt li l-esperti jaraw ir-regoli eżistenti bħala xierqa.

51 OECD(2004).

**Graff 11: Ħarsien kontra t-tkeċċija u r-reazzjoni tal-kumpaniji**




x: **Numru ta' *OPEs* li ma jirreklutawx minħabba biża' ta' problemi f'każ ta' tkeċċija**

Minkejja r-riżultat t'hawn fuq, wieħed għandu jirrikonoxxi li, ta' l-anqas fil-livell makro-ekonomiku, huwa diffiċli li tkun ippruvata korrelazzjoni ġenerali bejn il-ħarsien mit-tkeċċija u l-impjieg, jiġifieri t-tnaqqis tal-livell tal-ħarsien ma jwassalx għal aktar impjiegi u livelli relattivament ogħla ta' ħarsien ma jwaqqfux ir-reklutaġġ. Dan huwa muri sewwa bl-esperjenza Ġermaniża fid-disgħinijiet. Fl-1996 l-ogħla livell li fih il-kumpaniji kienu eżentati mir-regoli stretti dwar it-tkeċċija ("*Kündigungsschutzgesetz*") kien miżjud minn 5 għal 10 impjegati, fl-1999 l-ogħla livell kien mill-ġdid imnaqqas għal 5 impjegati, mill-2004 l-ogħla livell huwa mill-ġdid ta' 10 impjegati. Skond studju mill-aġenzija federali għax-xogħol (*Bundesagentur für Arbeit*) dawn ir-riformi ma kellhom l-ebda effett li jista' jitkejjel fuq l-imġiba tal-kumpaniji fir-rigward tar-reklutaġġ.

## 8. XI EŻEMPJI TA' PRATTIKA TAJBA

### 8.1 Semplifikar tal-proċeduri għar-reklutaġġ u impjieg – l-*Enterprise Job Pass* (Franza)

L-*Enterprise Job Pass* (*titre employ enterprise*, TEE) li kienet introdotta fl-1 ta' Jannar ta' l-2004 tissimplifika d-dmirijiet amministrattivi relatati ma' impjieg għal kumpaniji li jimpjegaw xogħol każwali sa 100 ġurnata fis-sena.[52] It-TEE huwa servizz bla ħlas pprovdut mill-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali (URSSAF) u minn ċentri nazzjonali speċjalizzati responsabbli mill-ħruġ ta' *passes* għax-xogħol (*Centre National du Titre Emploi Service*). Il-formalitajiet li, permezz tat-TEE, jinħeles minnhom min iħaddem huma:

- Formalitajiet ta' reklutaġġ (xogħol ta' dikjarazzjoni għal reklutaġġ wieħed, DUE u kuntratt tax-xogħol);
- Dikjarazzjoni ta' l-informazzjoni neċessarja għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, assigurazzjoni għall-qgħad, pensjoni supplimentari għall-irtirar, fond għall-bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu fil-ħajja u lîf imħallas għas-settur tal-kostruzzjoni u x-xogħlijiet pubbliċi;
- It-tfassil ta' dikjarazzjoni ta' impjieg għal min jaħdem li sservi bħala riċevuta tal-paga.

Iċ-ċentri jikkalkulaw il-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu minn min jimpjega u jibagħtu kont li jqassar id-dettalji tas-sigurtà soċjali, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet u d-data tal-ħlas. Iċ-ċentri jibagħtu direttament lill-impjegat żewġ dokumenti li inkella jkollhom jiġu ppreparati minn min jimpjega:

- Dikjarazzjoni ta' impjieg, li sservi bħala riċevuta tal-paga;
- Dikjarazzjoni annwali li tqassar il-ħlas irċevut sabiex l-impjegat ikun jista' jimla' d-dikjarazzjoni tat-taxxa.

---

[52] Bħalissa estensjoni tal-*pass* tax-xogħol għal kumpaniji b'impjegati permanenti (imma mhux inqas minn għaxra) qiegħda tkun kkunsidrata.

### 8.2. Informazzjoni komprensiva – in-"*No Nonsense Guide*" u "Starter Pack" għal min iħaddem fir-Renju Unit u l-"*Ventanilla Unica Empresarial*" (*One-stop-shop* għan-negozju) fi Spanja

Il-pubblikazzjoni tal-Gvern tar-**Renju Unit** ta' "*The No-nonsense guide to Government rules and regulations for setting up your business*" tipprovdi *inter alia* informazzjoni dwar affarijiet li għandhom ikunu kkunsidrati meta jiġi rreklutat l-ewwel impjegat, bħall-att dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol, il-mod kif jitħejja kuntratt, sorsi ta' għajnuna u taqsira ta' x'għandu jsir f'ċirkostanzi speċjali, eż. meta tkun reklutata persuna b'diżabbiltà.

Il-gwida teżisti f'forma stampata jew fuq l-internet fuq:

http://www.businesslink.gov.uk/bdotg/action/detail?r.s=sl&type=INT_PUBLICATION&itemId=1073793551

Barra minn hekk, biex tgħin lin-nies li jkunu qed jirreklutaw l-ewwel impjegat tagħhom, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni (IR) jippubblika 'pakkett' informattiv imsejjaħ "*new Employer's Starter Pack*" (http://www.inlandrevenue.gov.uk /employers/ emp-form.htm). Il-pakkett jinkludi ktejjeb introduttiv li jispjega "ir-rwol tiegħek bħala persuna li timpjega" fit-twettiq tal-funzjoni tiegħek tal-ħlas, eż. li trid tinforma lill-IR meta impjegat jibda jew jitlaq, kif taħdem u taqta' l-Kontribuzzjonijiet tal-PAYE u ta' l-Assigurazzjoni Nazzjonali kull ġurnata tal-ħlas, u l-ħlas ta' flus maqtugħin lill-IR. Dan il-ktejjeb jelenka u jiddeskrivi wkoll l-għan ta' kull waħda mill-formoli li min jimpjega għandu jimla' u jinkludi sett inizjali ta' tabelli u formoli għall-ħlas li jridu jimtlew ladarba jkun reklutat ħaddiem. Il-pakkett jinkludi wkoll CD-ROM introduttiva li fiha hemm pakkett għal tagħlim interattiv, "Paying someone for the first time".

Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni għandu wkoll numru ta' *Tims ta' Appoġġ għan-Negozju* li jtellgħu laqgħat għad-ditti fir-rigward tal-"*Lista tal-Pagi ta' l-Impjegati*", u li jagħtu pariri individwali permezz tat-telefon. Il-membri tat-tim, meta mitluba, iżuru wkoll negozju biex jgħinuh jissettja s-sistema tal-ħlas tiegħu (manwali jew fuq kompjuter – ġeneralment sistema bil-karti għal kumpanija b'impjegat wieħed). L-għajnuna tista' tinkiseb ukoll mill-*website* ta' l-IR: www.inlandrevenue.gov.uk/employers, jew permezz tal-*helpline* ta' l-IR (00 44 (0) 845 7 143 143). L-assistenza mill-IR hija bla ħlas.

Eżempju ieħor ta' għoti ta' informazzjoni lil intraprendituri b'mod komprensiv hija l-"*Ventanilla Unica Empresarial*" (sistema ta' *one-stop-shop* għan-negozju) ta' **Spanja**. Din is-sistema hija maħsuba l-aktar għall-ħolqien ta' kumpaniji żgħar jew ta' daqs medju. Madankollu, meta jirreklutaw l-ewwel impjegat bosta minn dawk li jaħdmu għal rashom fi Spanja joħolqu wkoll kumpanija. Għalhekk għajnuna għall-ħolqien ta' kumpanija hija indirettament għajnuna għall-impjiegi.

Il-*Ventanilla Unica Empresarial* (VUE) hi uffiċċju fejn min potenzjalment jista' jimpjega jista' jsib l-informazzjoni kollha neċessarja u jaqdi l-

proċeduri obbligatorji kollha biex jibda kumpanija. Fil-VUE, li minnhom bħalissa jeżistu 31 fi Spanja, konsulent jagħti parir ekonomiku u legali lil intraprenditur dwar l-aktar kumpanija adattata li l-OPE jista' joħloq, skond iċ-ċirkustanzi individwali, u jinformah dwar proċeduri, perjodi, aspetti finanzjarji, għajnuna, eċċ., li huwa jrid jikkunsidra. Waqt din il-laqgħa l-intraprenditur jista' jistaqsi mistoqsijiet speċifiċi u jiddiskuti temi speċifiċi.

Jekk l-OPE jiddeċiedi li joħloq kumpanija, il-VUE tassumi responsabbiltà biex jinqdew il-proċeduri neċessarji kollha anke vis-à-vis istituzzjonijiet oħrajn (id-Dipartiment tat-Teżor, is-Sigurtà Soċjali, ir-reġjuni awtonomi, kunsilli ta' bliet, eċċ.). Għalhekk l-OPE jinħeles minn piż amministrattiv konsiderevoli.

Minn Lulju ta' l-1999 sa Diċembru ta' l-2004, il-VUE għenu biex jinħolqu aktar minn 27,000 kumpanija u taw pariri u informazzjoni lil 124,000 persuna. Ovvjament, l-informazzjoni dwar kif tinħoloq kumpanija tista' tinsab ukoll fuq l-internet.

### 8.3. Aċċess rapidu għall-informazzjoni – Il-Linja għat-Twaqqif u l-Gwida għall-Intraprenditur ipprovduti mill-Aġenzija Svediża għall-Iżvilupp (Nutek) u l-*website* Ġermaniża www.existenzgruender.de

L-Aġenzija **Svediża** għall-Iżvilupp tan-Negozju, Nutek, tmexxi u tiżviluppa servizzi informattivi għal sidien ta' negozji u negozji li se jibdew.

Företagarguiden (www.nutek.se/foretagarguiden) hija *website* li tipprovdi informazzjoni minn awtoritajiet u tipprovdi għodod biex wieħed jibda, jmexxi u jiżviluppa kumpanija. Företagarguiden, "Il-Gwida għall-Intraprenditur", hija mfassla bħala direttorju faċli ta' informazzjoni u *links* utli, maħsuba speċjalment għall-intraprendituri bla esperjenza kif ukoll għal dawk ta' esperjenza. L-informazzjoni hija mogħtija minn aktar minn 70 aġenzija governattiva u organizzazzjonijiet pubbliċi oħrajn fl-Iżvezja, li kollha jipparteċipaw fil-Företagarguiden bħala msieħba jew għaliex jipprovdu l-informazzjoni. Il-viżitatur jista' jikkomunika direttament ma' l-awtorità rilevanti permezz ta' l-e-mail u normalment jirċievi risposta fi 48 siegħa (mistoqsijiet aktar kumplessi li jinvolvu aktar minn awtorità waħda jistgħu jieħdu ftit aktar żmien). Matul l-aħħar snin in-numru ta' dawk li użaw il-Företagarguiden żdied rapidament. Fl-2003 u l-2004 bejn 150,000 u 200,000 viżitatur użaw il-gwida għall-intraprenditur.

L-i*Startlinjen* toffri lill-intraprenditur li jrid jirrekluta l-ewwel impjegat tiegħu, informazzjoni u gwida dwar regolamenti tax-xogħol u dwar x'għandu jikkunsidra bħala persuna li timpjega l-ħaddiema. Il-Företagarguiden tipprovdi metodi differenti għal kif tinkiseb l-

informazzjoni. Minn fost dawn, l-intraprenditur jista' jagħżel il-metodu li huwa l-aħjar għalih jew għaliha. Il- Företagarguiden tipprovdi:

- Għodod għal riċerka fuq l-internet, bħal FAQ u "*Hitta myndighetsinformation*" (fejn issib informazzjoni dwar awtorità) jiggwidaw lill-intraprenditur għal informazzjoni importanti dwar ir-reklutaġġ u dwar ir-rwol ta' min jimpjega, u jgħin lil dawk li jimpjegaw biex isibu numru ta' servizzi ta' l-awtorità biex jissimplifikaw il-kuntatti tagħhom ma' l-awtoritajiet. Pereżempju:
    - Försäkringskassan (Uffiċċju għall-Assigurazzjoni Soċjali)
    - AMS (Amministrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol Nazzjonali Svediż)
    - Arbetsmiljöverket (L-Awtorità Svediża dwar l-Ambjent tax-Xogħol)
    - Skatteverket (L-Aġenzija tat-Taxxa)
    - Jämställdhetsombudsmannen (Ombudsman Għal Opportunitajiet Indaqs).
- Gwida informattiva tal-Företagarguiden ("*Läs mer om … att anställa*") li turi lill-intraprenditur pass pass x'għandu jqis meta jibda jimpjega għall-ewwel darba.
- Mistoqsijiet bl-e-mail dwar kif timpjega jistgħu jintbagħtu lill-Företagarguiden. Bosta mistoqsijiet jitwieġbu personalment fi 48 siegħa minn esperti ta' l-awtorità.

Minħabba li xi persuni jippreferu jitkellmu personalment minflok jużaw l-internet, in-Nutek tipprovdi wkoll servizz bit-telefon "*Startlinjen*", il-linja għal dawk li se jibdew (ph: 020-35 10 10). Is-servizz jagħti informazzjoni u gwida b'xejn dwar kif tibda negozju fl-Iżvezja.

Eżempju ieħor kif l-informazzjoni tista' tinfirex effettivament permezz ta' l-internet hija l-*website* **Ġermaniża** www.existenzgruender.de li hija disponibbli f'ħames lingwi (Ġermaniż, Ingliż, Franċiż, Tork u Russu). Dan il-portal jipprovdi prattikament l-informazzjoni kollha neċessarja għal negozju li għadu se jibda. Taħt il-kelma-muftieħ "*Personal*"(staff) jistgħu jinstabu diversi dokumenti li jispjegaw l-aspetti kollha tar-relazzjoni ta' impjieg mill-ewwel kunsiderazzjoni dwar jekk għandux jiġi impjegat staff, għal regoli dwar it-tkeċċija.

Il-*website* hija pprovduta u miżmuma mill-Ministeru Federali għall-Ekonomija u x-Xogħol. Barra l-informazzjoni elettronika l-portal jinkludi wkoll forum ta' esperti li jwieġeb mistoqsijiet bil-miktub u jinkludi wkoll linja telefonika għal talbiet urġenti għall-informazzjoni. *Website* oħra li

tispeċjalizza fuq temi ta' saħħa u sikurezza fir-relazzjonijiet ta' impjieg hija www.guss-net.de.

**8.4. Servizzi elettroniċi – is-sistema-DIMONA għad-dikjarazzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg (Belġju) u s-servizz-*Palkka* Finlandiż.**

Sa mill-1999 (għall-ewwel biss għall-ħaddiema manwali f'setturi speċjali u għall-ħaddiema temporanji iżda mill-2001 għar-relazzjonijiet kollha ta' impjieg) min iħaddem fil-**Belġju** għandu javża lis-sigurtà soċjali b'impjiegi ġodda u tkeċċijiet billi juża s-sistema elettronika-DIMONA. Ir-reġistrazzjoni elettronika tieħu post id-dikjarazzjonijiet bil-miktub li kienu jsiru lis-sigurtà soċjali u tieħu post ukoll l-obbligu taż-żamma ta' reġistru personali.

Sa mill-2003 id-dikjarazzjoni elettronika ħadet post id-dikjarazzjonijiet kollha bil-miktub fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, DIMONA tkopri wkoll dikjarazzjonijiet f'każijiet ta' mard jew inċidenti fuq ix-xogħol ta' l-impjegat kif ukoll dikjarazzjonijiet ta' irtirar.

B'mod parallel mas-sistema tad-dikjarazzjoni elettronika DIMONA, is-sigurtà soċjali żviluppat 'tieqa elettronika' li minnha l-organizzazzjonijiet pubbliċi differenti kollha involuti jinqdew f'dak kollu li jkollhom bżonn. Permezz ta' *database* ċentrali tas-sigurtà soċjali li sservi l-organizzazzjonijiet differenti kollha tas-sigurtà soċjali l-obbligazzjoni ta' min jimpjega li jissottometti ripetutament l-istess informazzjoni lil istituzzjonijiet differenti se tkun abolita.

Is-servizz on-lajn **Finlandiż** www.palkka.fi li se jibda jaħdem minn Awissu ta' l-2005 se jipprovdi sistema integrata li tista' tintuża minn min jimpjega sabiex dan jaqdi d-dmirijiet kollha relatati ma' l-impjieg li għandhom x'jaqsmu ma' pagi, taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali.

Is-servizz li huwa mmirat għal dawk li jimpjegaw ftit nies (sa ħames impjegati) u għall-familji jgħin lil min jimpjega biex jikkalkula u jħallas pagi, taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali, jipprepara d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa bħal karti dwar il-pagamenti, rapporti tax-xahar u annwali għall-bord dwar id-dħul u l-assigurazzjonijiet soċjali u jarkivja l-informazzjoni għal diversi snin. Barra minn hekk, is-servizz jista' jintuża biex jimtlew applikazzjonijiet ta' assigurazzjoni relatati ma' l-impjieg.

**8.5. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal min iħaddem – Spezzjoni komuni tal-kontribuzzjonijiet u l-ħlasijiet kollha relatati mal-pagi (Awstrija)**

Fl-Awstrija l-proċeduri kollha ta' awditjar relatati mal-paga, jiġifieri

- dwar kontribuzzjonijiet soċjali mill-assigurazzjonijiet soċjali;
- dwar taxxi mill-pagi mill-bord għad-dħul u
- rigward taxxi lokali minn awtoritajiet lokali

huma magħqudin f'reviżjoni waħda tal-kontijiet ("*Gemeinsame Prüfung aller lohnabhängigen Abgaben*, GPLA"). Dan ifisser li awdituri mill-assigurazzjonijiet soċjali jwettqu wkoll ir-reviżjoni tal-kontijiet għal skopijiet ta' taxxa u viċi versa.

Naturalment, dan il-ġbir ta' proċeduri ta' reviżjoni tal-kontijiet inaqqas il-piż amministrattiv minn fuq min iħaddem. Barra minn hekk, l-awditjar komuni jirriżulta f'armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri differenti li jissimplifikaw ukoll ix-xogħol ta' min iħaddem.

## 9. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

L-intrapriżi b'persuna waħda jammontaw għal aktar min-nofs tal-kumpaniji kollha u madwar tmienja fil-mija ta' dawk impjegati. Bejn tlieta u erbgħa fil-mija tal-popolazzjoni ta' l-Ewropa huma intraprendituri mingħajr ħaddiema. Il-ħtiġijiet ta' intrapriżi b'persuna waħda, speċjalment rigward leġiżazzjoni u regoli amministrattivi sempliċi, li jiftiehmu u li jkunu faċli biex wieħed jkun konformi magħhom, jeħtieġu l-attenzjoni speċjali ta' dawk involuti fil-ħolqien ta' l-istrateġiji politiċi. Madwar 11% ta' l-intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx għaliex huma inkwetati minħabba regoli tat-taxxa u tal-kontribuzzjoni soċjali kkumplikati, minħabba problemi f'każ ta' tkeċċija u minħabba spejjeż għar-reklutaġġ. Aktar minn terz (36%) isemmu spejjeż li mhumiex pagi bħala r-raġuni importanti għaliex ma jirreklutawx staff u 27% jgħidu li spejjeż għoljin għat-taħriġ jew il-problemi biex jinstab ħaddiem adattat iżommuhom lura milli jimpjegaw.

*1) Simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għar-reklutaġġ*

Ir-reklutaġġ ta' impjegat min-naħa ta' OPE jimplika li min qiegħed iħaddem għall-ewwel darba jrid jipprovdi lill-amministrazzjoni b'ċertu ammont ta' informazzjoni. Madankollu, l-ammont ta' informazzjoni li trid tkun ipprovduta tvarja konsiderevolment bejn il-pajjiżi. F'xi każi, (eż. l-Irlanda u Franza) trid tingħata data bażika ħafna bħall-ismijiet u l-indirizzi ta' min se jimpjega u ta' l-impjegat u xi ftit dettalji dwar ir-relazzjoni ta' l-impjieg, waqt li f'xi pajjiżi oħrajn (eż. it-Turkija, il-Finlandja, Spanja) iridu jimtlew bosta formoli, ħafna drabi twal. Barra minn hekk, f'xi każijiet il-formoli jitolbu informazzjoni li min jimpjega nnifsu jista' probabbilment jikseb biss b'ħafna diffikultajiet. Finalment, f'bosta pajjiżi l-formoli li jridu jimtlew minn min jimpjega mhumiex faċli u kultant huwa diffiċli li tifhimhom eż. minħabba bosta taqsiriet legali, termini tekniċi użati mill-amministrazzjoni għax-xogħol eċċ.

Indipendentament minn riformi organizzazzjonali (ara isfel) il-proċeduri tar-reklutaġġ jistgħu jkunu ssimplifikati bit-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tal-formoli amministrattivi obbligatorji. Jekk il-formoli li jridu jimtlew ma jkunux sempliċi ħafna dejjem għandu jkollhom il-gwida u l-ispjegazzjoni neċessarja biex jintużaw u/jew għandhom ikunu akkumpanjati minn ktejjeb separat ta' spjegazzjoni. Barra minn hekk, dawn il-formoli għandhom ikunu ristretti għal informazzjoni li hija assolutament neċessarja għall-att amministrattiv meħtieġ u m'għandhomx, ta' l-anqas b'mod ġenerali, jintużaw għal skopijiet oħrajn (eż. stħarriġ statistiku).

*2) Tnaqqis tal-proċeduri amminstrattivi għar-reklutaġġi*

Jeżistu differenzi kbar bejn pajjiżi Ewropej dwar in-numru ta' proċeduri obbligatorji li min iħaddem irid jaqdi qabel ma jirrekluta l-ewwel impjegat. Waqt li f'xi pajjiżi min iħaddem irid jikkonforma ma' waħda jew żewġ proċeduri amministrattivi differenti (eż. il-Litwanja, l-Irlanda, l-Iżvezja, ir-Renju Unit),

pajjiżi oħrajn għandhom sitt jew aktar proċeduri (eż. Belġju, it-Turkija). F'medja, jeżistu minn tlieta sa erbgħa (3.7) proċeduri amministrattivi mandatorji fil-pajjiżi parteċipanti.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk ċerti obbligi jistgħux jitneħħew kompletament jew ta' l-anqas ikunu posposti biex ma jfixklux ir-reklutaġġ. Bħala punt ta' referenza għal dan it-tnaqqis, huwa ssuġġerit in-numru massimu ta' tliet proċeduri. F'dan il-kuntest għandu jissemma wkoll li liġijiet dwar l-impjieg u regoli dwar ir-reklutaġġ li joriġinaw fuq livell Ewropew m'għandhomx iwasslu għal obbligi ġodda jew aktar elaborati, speċjalment għall-iżgħar kumpaniji.

*3) Tnaqqis tal-kuntatti amministrattivi obbligatorji għar-reklutaġġi*

Fil-maġġoranza tal-pajjiżi (u anke medjament) intraprenditur li jrid jirrekluta l-ewwel impjegat irid jikkuntattja tliet istituzzjonijiet pubbliċi jew semi-pubbliċi differenti (eż. fil-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija). F'xi każi huma neċessarji ħames kuntatti jew aktar (il-Belġju, it-Turkija) imma hemm ukoll eżempji ta' pajjiżi fejn kuntatt wieħed huwa biżżejjed (l-Irlanda, il-Litwanja). Dawn il-figuri jissuġġerixxu li f'bosta pajjiżi għadu possibbli li jkun imnaqqas in-numru ta' kuntatti. Bħala mira għall-pajjiżi parteċipanti, l-esperti jissuġġerixxu t-tnaqqis tan-numru ta' kuntatti għal tnejn.

Pass importanti biex jitjiebu l-proċeduri ta' reklutaġġ ikun il-ħolqien, bħala minimu, ta' sistemi ta' *one-stop-shops* għall-kwistjonijiet kollha tas-sigurtà soċjali. Pass ieħor biex ikunu ssemplifikati l-proċeduri tar-reklutaġġ ikun li s-sistema ta' *one-stop-shop* tkun estiża għall-kwistjonijiet tat-taxxa (eż. bħal fl-Irlanda u r-Renju Unit). Sistema bħal din trid ukoll tiżgura l-iskambju ta' data bejn l-entitajiet amministrattivi differenti sabiex ikun evitat li min jimpjega jkollu jagħti l-istess informazzjoni lil entitajiet amministrattivi differenti.

*4) Komunikazzjoni ċara, komprensiva u sħiħa ta' l-obbligi*

Paragun bejn ir-riżultati mill-istħarriġ ta' l-*Eurobarometer* u d-data miġbura mill-esperti turi li intrapriżi b'persuna waħda mhumiex, b'mod ġenerali, informati sewwa dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ jew id-dmirijiet li jkollhom jekk jibdew jimpjegaw. Pereżempju, numru relattivament żgħir mill-intrapriżi intervistati biss ta tweġiba korretta meta mistoqsi dwar kemm-il kuntatt ma' istituzzjonijiet pubbliċi huwa neċessarju għal reklutaġġ (bosta kumpaniji stmaw in-numru ta' kuntatti bħala inqas milli effettivament huwa jew sempliċiment qalu li ma jafux). L-istimi min-naħa tal-kumpaniji dwar il-ħin neċessarju biex jitwettqu l-obbligi amministrattivi huma bejn tnejn għal tliet darbiet iktar mill-istimi ta' l-esperti. L-istimi ta' l-intrapriżi ta' l-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi huma darbtejn ogħla mill-ispejjeż indikati minn indikaturi oġġettivi u finalment l-intrapriżi ż-żgħar huma inkwetati aktar milli jidher li huwa ġustifikat mir-regoli legali eżistenti fir-rigward tal-problemi f'każ ta' tkeċċija. Fl-istess ħin numru kbir ta' *OPEs*

jiddikjaraw li mhumiex sodisfatti bir-regolamenti eżistenti għall-impjieg, u, dak li huwa aktar ta' tħassib huwa l-fatt li jsemmu dan in-nuqqas ta' sodisfazzjon bħala raġuni importanti għaliex ma jirreklutawx ħaddiema.

Il-miżuri proposti fuq biex ikunu ssimplifikati l-proċeduri u partikolarment biex jitnaqqsu n-numru ta' kuntatti obbligatorji għar-reklutaġġ ta' staff ikunu diġà jistgħu jgħinu biex itejbu s-sitwazzjoni informattiva għal kumpaniji żgħar b'mod indirett – fejn hemm inqas x'titgħallem, it-tagħlim ikun aktar faċli. Speċjalment l-introduzzjoni ta' *one-stop-shops* ikun pass importanti 'l quddiem għaliex jiffaċilita b'mod konsiderevoli t-tiftix għall-informazzjoni u jżid il-kunfidenza ta' dawk li potenzjalment jistgħu jimpjegaw fl-informazzjoni miġbura.

Barra titjib fir-regoli legali u amministrattivi, hija meħtieġa strateġija informattiva mtejba rigward l-obbligi ta' min iħaddem. Strateġija informattiva bħal din għandha tuża diversi kanali biex tilħaq numru kbir ta' *OPEs* (partikolarment m'għandhiex tkun ristretta għall-internet) u l-istrumenti komunikattivi differenti użati (fuljetti, paġni fl-internet eċċ.) għandhom jiffurmaw konsistenza waħda.

Bħala parti ċentrali minn strateġija tali għandu jsir ħsieb dwar preparazzjoni ta' fuljetti speċjali u pakketti informattivi. Dawn il-fuljetti/pakketti għandhom ikunu mmirati għal intrapriżi b'persuna waħda jew kumpaniji żgħar ħafna u għandhom jinkludu l-informazzjoni bażika u ġenerali kollha li għandhom bżonn dwar ir-reklutaġġ, l-impjegar u t-tkeċċija ta' ħaddiema. Naturalment, dawn il-fuljetti ma jkunux jistgħu jipprovdu għajnuna għal każijiet speċjali ta' impjieg. Għalhekk għandha tingħata informazzjoni addizzjonali li tikkunsidra setturi individwali u sitwazzjonijiet partikolari ta' impjieg. Dawn is-sorsi informattivi differenti għandhom ikunu marbuta ma' xulxin. B'mod partikolari, is-sorsi ġenerali ta' informazzjoni għandhom jippermettu lill-qarrej li jsib informazzjoni addizzjonali billi jipprovdu indirizzi għall-kuntatt, materjal dwar informazzjoni speċjali eċċ.

Huwa importanti li l-informazzjoni kollha titħejja mill-perspettiva ta' kumpanija u mhux minn dik ta' l-amministrazzjoni pubblika. B'mod partikolari, dan ifisser li l-istruttura ta' din l-informazzjoni għandha tirrifletti problemi u mistoqsijiet prattiċi ta' l-intraprenditur u mhux ta' l-organizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika. Hu rakkomandat li għall-preparazzjoni ta' fuljetti bħal dawn ikunu konsultati speċjalisti fil-komunikazzjoni. L-informazzjoni għandha, pereżempju, tkun ipprovduta f'għamla ta' listi u pariri prattiċi li jiddeskrivu f'termini konkreti x'għandhom jagħmlu l-kumpaniji (eż. "Imla l-formola mehmuża u ibgħatha f'dan l-indirizz!" minflok "Irreġistra għall-iskopijiet tat-taxxa!").

L-istrateġija informattiva m'għandhiex tiffoka biss fuq il-ħtiġijiet oġġettivi tal-kumpaniji imma għandha wkoll tirrimedja għal żbalji perċettivi min-naħa ta' kumpaniji żgħar. Eżempju tipiku hija l-biża' ta' kumpaniji żgħar li ma jkunux jistgħu jkeċċu impjegat li għalih ma jkollhomx aktar xogħol jew impjegat li ma jkunx tajjeb għan-negozju. Jidher li bosta kumpaniji żgħar ma jikkunsidrawx bis-sħiħ li l-livell ta' ħarsien kontra t-tkeċċija jvarja konsiderevolment, u jiddependi fuq ċirkustanzi individwali bħad-daqs u ż-żmien tal-kumpanija jew il-karatteristiċi

speċjali ta' l-impjegat. Barra minn dan, bosta *OPEs* jidhru li jinjoraw li għal kumpaniji żgħar (u kultant għal dawk li għadhom jibdew) jeżistu regoli speċjali.

Biex jilħqu bl-aħjar mod l-udjenza mmirata, l-aktar interlokuturi importanti tal-kumpaniji ż-żgħar għandhom ikunu kkonsultati fil-preparazzjoni tad-dokumenti. Kontabilisti, konsulenti legali, kmamar tal-kummerċ u assoċjazzjonijiet professjonali għandhom ukoll ikunu inklużi fid-distribuzzjoni ta' pakketti informattivi bħal dawn għaliex dawn huma s-sorsi ewlenin ta' informazzjoni li fuqhom ġeneralment jistrieħu l-intrapriżi b'persuna waħda. Il-gwidi ġenerali għandhom ukoll ikunu disponibbli minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għaliex min ikun se jibda jħaddem ikollu xorta jikkuntattjahom (l-eċċezzjonijiet huma l-Irlanda u l-Iżvezja fejn kuntatt immedjat mas-sigurtà soċjali mhux neċessarju għall-ewwel reklutaġġ. F'dawn il-pajjiżi għandhom ikunu involuti l-awtoritajiet tat-taxxa).

L-informazzjoni għandha tkun regolarment aġġornata. Barra minn hekk, il-fuljetti miktubin għandhom dejjem ikollhom indirizz ta' sit ta' l-internet minn fejn tkun tista' tinkiseb l-aħħar verżjoni tal-fuljett u aktar informazzjoni.

*5) Tnaqqis ta' l-ispejjeż tax-xogħol li* mhu*miex pagi*

Skond data ta' l-*OECD* il-kontribuzzjonijiet u t-taxxi relatati max-xogħol li jħallas min iħaddem jikkostitwixxu bejn 10% (fir-Renju Unit u l-Olanda) u aktar minn 40% (fi Franza) tal-pagi gross. F'medja, għal kull 100 Ewro li jitħallsu f'pagi, min jimpjega jrid iħallas 23 Ewro ieħor fi spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi. L-Irlanda u l-Lussemburgu huma eżempji ta' pajjiżi li huma b'mod evidenti taħt din il-medja, filwaqt li pajjiżi li huma bosta punti perċentwali 'l fuq minn din il-medja huma, pereżempju, l-Awstrija, il-Belġju, Spanja, l-Iżvezja u l-Estonja.

L-ispejjeż addizzjonali tax-xogħol għandhom impatt importanti fuq id-deċiżjonijiet dwar ir-reklutaġġ. Għal aktar minn terz ta' l-intrapriżi intervistati fl-istħarriġ tal-*Eurobarometer* l-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi kienu waħda mir-raġunijiet ewlenin li jżommuhom milli jirreklutaw l-istaff. L-effett negattiv ta' dawn l-ispejjeż huwa speċjalment qawwi f'dawk il-pajjiżi fejn l-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi tabilħaqq jikkostitwixxu parti sinifikanti ta' l-ispejjeż totali tax-xogħol.

Waqt li kien hemm qbil dwar l-importanza ġenerali ta' spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi, l-esperti ma qablux dwar il-konklużjonijiet konkreti li għandhom joħorġu minn dawn ir-riżultati empiriċi. Bi qbil mal-linji ta' gwida ġenerali tal-politika ekonomika kif ukoll mal-linji ta' gwida għall-impjieg, xi esperti rrakkomandaw li speċjalment dawk il-pajjiżi fejn l-ispejjeż għax-xogħol li mhumiex pagi għandhom rwol importanti għandhom jintroduċu miżuri biex inaqqsu dawn l-ispejjeż. Waqt li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi individwali fil-pajjiżi, dawn ir-riduzzjonijiet għandhom ikunu ppruvati fuq bażi ġenerali (li jimplika li kumpaniji kbar jibbenefikaw ukoll minnhom) imma f'diversi każi jkun aħjar li dawn ir-riduzzjonijiet ikunu kkonċentrati fuq kumpaniji żgħar u żgħar ħafna, pereżempju b'riduzzjoni tar-rata bażi għal ħlas ta' sigurtà soċjali għall-

ewwel impjegat(i). Xi esperti kienu ta' l-opinjoni li ma setgħet tiġi fformulata l-ebda rakkomandazzjoni dwar spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi.

*6) Kwalifiki aħjar*

Madwar kwart ta' l-intrapriżi b'persuna waħda ma jirreklutawx impjegati għaliex ma jistgħux isibu staff kwalifikat kif meħtieġ u/jew għaliex it-taħriġ meħtieġ ta' impjegati ġodda iqum ħafna flus. Is-sejba u/jew it-taħriġ ta' staff jistgħu jkunu problema għal kumpaniji żgħar ħafna għal diversi raġunijiet. Min-naħa l-waħda t-taħriġ ta' staff jista' jqum aktar għal kumpaniji żgħar għaliex jieħu parti kbira ta' l-aktar riżorsa ta' valur ta' dawn il-kumpaniji, jiġifieri l-ħin tax-xogħol tas-sid. Raġuni oħra hija li l-edukazzjoni fl-iskejjel u l-Università hija ħafna drabi aktar immirata lejn ħiliet meħtieġa minn kumpaniji kbar filwaqt li tista' tkun inqas ta' għajnuna għal negozji żgħar. Barra minn hekk, intrapriżi b'persuna waħda tipikament mhumiex meqjusa bħala klijenti potenzjali ta' uffiċji għal bdil tax-xogħol għaliex m'għandhomx rekord jew rekord kontinwu ta' reklutaġġ ta' staff.

Il-pajjiżi parteċipanti jistgħu għalhekk jikkunsidraw jekk hemmx il-possibbiltà li jkunu mtejba l-kwalifiki ta' persuni attivi ekonomikament, speċjalment ta' persuni bla impjieg, u jadattawha aħjar għall-ħtiġijiet ta' kumpaniji żgħar.

*7) Żvilupp ta' indikaturi aħjar għall-piż amministrattiv tar-reklutaġġ, l-impjegar u t-tkeċċija*

Hemm qbil ġenerali dwar il-fatt li l-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji u speċjalment fuq il-kumpaniji ż-żgħar irid jitnaqqas kemm jista' jkun. Madankollu, dawn l-impenji huma ta' użu limitat jekk ma jkunx hemm mod prattiku u li tista' toqgħod fuqu kif jitkejjel il-piż amministrattiv. Indikaturi għall-piż amministrattiv huma neċessarji sabiex tinkiseb stampa ċara ta' l-*istatus quo* u sabiex ikunu analizzati l-oqsma fejn il-piż amministrattiv huwa partikolarment kbir u fejn, għalhekk, ir-riformi huma l-aktar meħtieġa. Barra minn hekk, dawn l-indikaturi jistgħu jgħinu biex jiftiehem aħjar liema tip ta' regolamentazzjoni toħloq l-aktar problemi. Finalment, l-indikaturi huma neċessarji għal tqabbil internazzjonali u sabiex tkun implimentata l-istrateġija Ewropea ta' tagħlim reċiproku f'dan il-qasam tal-politika.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati u l-Kummissjoni Ewropea għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw indikaturi ta' min joqgħod fuqhom u komparabbli biex ikejlu l-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji fir-rigward tat-tipi differenti ta' regoli u regolamenti għall-impjieg. Billi jsegwu l-eżempji f'dan ir-rapport dawn l-indikaturi għandhom ikejlu l-piż amministrattiv direttament u

indirettament. Barra minn hekk, l-indikaturi individwali għandhom ikunu integrati f'sistema konsistenti ta' indikaturi.

# Annessi

## Anness I: Tabelli u graffs addizzjonali

**Graff 12: Total tad-diviżjonijiet fit-taxxa 2002**




(**Kolonni:** diviżjonijiet totali tat-taxxa; **Linja sewda orizzontali:** il-Medja)

Sors: *OECD*, Intaxxar tal-Pagi 2001-2002.

# Tabella 7: Total tad-diviżjonijiet fit-taxxa, kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi tax-xogħol 2002

| | Total | Kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi bħala % tad-dħul gross | | | | | | Kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi fil-munita nazzjonali | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Diviżjonijiet | Ta' min iħaddem | | | Impjegati | | | Ta' min iħaddem | | | Impjegati | | | Dħul | Paga |
| | tat-Taxxa | Total | Kont. Soċ. | Taxxi | Total | Kont. Soċ. | Taxxi | Total | Kont. Soċ. | Taxxi | Total | Kont. Soċ. | Taxxi | gross | netta |
| Il-Bulgarija | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Il-Litwanja | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Franza | 47.9 | 41.1 | 41.1 | 0.0 | 26.5 | 13.3 | 13.3 | 9001 | 9001 | 0 | 5808 | 2900 | 2908 | 21884 | 16077 |
| Is-Slovakkja | 41.4 | 37.7 | 37.7 | 0.0 | 19.3 | 12.8 | 6.5 | 1359 | 1359 | 0 | 696 | 461 | 235 | 3600 | 2904 |
| Ir-Rep. Ċeka | 43.4 | 35.0 | 35.0 | 0.0 | 23.7 | 12.5 | 11.2 | 2341 | 2341 | 0 | 1582 | 836 | 746 | 6689 | 5106 |
| L-Estonja | - | 33.5 | 33.5 | 0.0 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| L-Italja | 46.0 | 33.1 | 33.1 | 0.0 | 28.1 | 9.2 | 18.9 | 7101 | 7101 | 0 | 6036 | 1973 | 4063 | 21466 | 15430 |
| L-Iżvezja | 47.6 | 32.8 | 30.1 | 2.7 | 30.4 | 7.0 | 23.4 | 8661 | 7951 | 710 | 8023 | 1845 | 6178 | 26390 | 18368 |
| L-Ungerija | 46.3 | 32.0 | 32.0 | 0.0 | 29.1 | 12.5 | 16.6 | 1392 | 1392 | 0 | 1268 | 544 | 724 | 4350 | 3082 |
| Il-Belġju | 55.3 | 31.0 | 31.0 | 0.0 | 41.4 | 13.9 | 27.5 | 9659 | 9659 | 0 | 12913 | 4348 | 8565 | 31173 | 18259 |
| Spanja | 38.2 | 30.6 | 30.6 | 0.0 | 19.2 | 6.4 | 12.9 | 4963 | 4963 | 0 | 3120 | 1030 | 2090 | 16219 | 13099 |
| L-Awstrija | 44.8 | 29.2 | 21.7 | 7.5 | 28.6 | 18.1 | 10.6 | 7004 | 5207 | 1797 | 6859 | 4327 | 2532 | 23963 | 17104 |
| Ir-Rumanija | 47.7 | 29.0 | 29.0 | 0.0 | 32.5 | 22.0 | 10.5 | 646 | 646 | 0 | 724 | 490 | 234 | 2229 | 1505 |
| il-Greċja | 34.7 | 28.0 | 28.0 | 0.0 | 16.5 | 15.9 | 0.6 | 3236 | 3236 | 0 | 1908 | 1840 | 68 | 11575 | 9666 |
| Il-Finlandja | 45.4 | 25.0 | 25.0 | 0.0 | 31.7 | 6.1 | 25.6 | 7032 | 7032 | 0 | 8925 | 1721 | 7204 | 28126 | 19201 |
| Il-Portugall | 32.5 | 23.7 | 23.7 | 0.0 | 16.5 | 11.0 | 5.5 | 1977 | 1977 | 0 | 1370 | 916 | 454 | 8325 | 6956 |
| It-Turkija | 42.4 | 21.5 | 21.5 | 0.0 | 30.0 | 15.0 | 15.0 | 1484 | 1484 | 0 | 2068 | 1035 | 1033 | 6903 | 4835 |
| Il-Ġermanja | 51.3 | 20.6 | 20.6 | 0.0 | 41.2 | 20.6 | 20.5 | 6861 | 6861 | 0 | 13684 | 6861 | 6823 | 33226 | 19542 |
| Il-Polonja | 42.7 | 20.4 | 20.4 | 0.0 | 31.0 | 25.0 | 6.0 | 1345 | 1345 | 0 | 2043 | 1647 | 397 | 6584 | 4541 |
| Il-Lussemburgu | 31.5 | 13.8 | 13.8 | 0.0 | 22.1 | 13.9 | 8.1 | 4331 | 4331 | 0 | 6917 | 4375 | 2542 | 31363 | 24446 |
| In-Norveġja | 36.9 | 12.8 | 12.8 | 0.0 | 28.8 | 7.8 | 21.0 | 4976 | 4976 | 0 | 11191 | 3032 | 8159 | 38875 | 276732 |
| L-Irlanda | 24.5 | 10.8 | 10.8 | 0.0 | 16.4 | 5.0 | 11.4 | 2723 | 2723 | 0 | 4142 | 1256 | 2886 | 25330 | 21188 |
| L-Olanda | 35.6 | 10.7 | 10.7 | 0.0 | 28.7 | 21.5 | 7.2 | 3299 | 3299 | 0 | 8867 | 6648 | 2219 | 30919 | 22052 |
| Ċipru | - | 10.0 | 10.0 | 0.0 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Ir-Renju Unit | 29.7 | 9.0 | 9.0 | 0.0 | 23.3 | 7.7 | 15.7 | 2829 | 2829 | 0 | 7312 | 2398 | 4914 | 31341 | 24029 |
| L-Iżlanda | 25.8 | 5.2 | 3.5 | 0.0 | 22.0 | 0.2 | 21.8 | 1382 | 922 | 0 | 5806 | 56 | 5750 | 26430 | 20623 |
| Id-Danimarka | 43.4 | 0.6 | 0.6 | 0.0 | 43.1 | 10.6 | 32.5 | 241 | 241 | 0 | 17715 | 4347 | 13368 | 41088 | 23373 |
| Medja | 40.6 | 23.1 | 22.6 | 0.4 | 27.4 | 12.5 | 14.9 | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Valur ta' referenza | 35.6 | 13.8 | 13.8 | 0.0 | | | | | | | | | | | |

Sors: *OECD*, Intaxxar tal-Pagi 2001-2002, esperti nazzjonali, kalkoli tagħhom.

# Graff 13: Vaganzi pubbliċi 2004

| 2004 | Vaganza (mhux dejjem il-Ħadd) | B | BG | CZ | DK | D | EE | E | F | IRL | I | CY | LV | LT | L | NL | A | PL | P | RO | FIN | S | TR | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1.1** | L-Ewwel tas-Sena | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| **2.1** | L-Ewwel tas-Sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | R |
| **6.1** | L-Epifanija | | | | | R | | 1 | | | 1 | 1 | | | | | 1 | | | | 1 | 1 | | |
| **2.2-4.2.** | Kurban Bayrami (TR) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 3 | |
| **16.2** | L-Indipendenza (LT) | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | |
| **19.2** | Il-Karnival | | | | | R | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **23.2** | Il-Karnival/It-Tnejn l-Aħdar | | | | | R | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **24.2** | Jum l-Indipendenza | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **3.3** | Jum Nazzjonali (BG) | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **11.3** | Festa Nazzjonali (LT) | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | |
| **17.3** | Jum San Patrizju (IRL) | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | R |
| **19.3** | San Ġużepp (E) | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **25.3** | Jum Nazzjonali Grieg | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **1.4** | Jum Nazzjonali taċ-Ċiprijotti Griegi | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **8.4** | Ħamis ix-Xirka | | | | 1 | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 | | | | | |
| **9.4** | Il-Ġimgħa l-Kbira | | 1 | | 1 | 1 | 1 | 1 | | | | 1 | | | | | | | 1 | | 1 | 1 | | 1 |
| **12.4** | It-Tnejn ta' l-Għid | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | | 1 |
| **23.4** | Jum is-Sovranità Nazzjonali (TR) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | |
| **25.4** | Jum il-Liberazzjoni (I) Jum il-Portugall | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | 1 | | | | | |
| **30.4** | Jum ir-Reġina (NL) | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | |
| **1.5** | Jum il-Ħaddiem | 1 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | |
| **3.5** | Jum Nazzjonali (POL), Vaganza tal-banek | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | 1 |
| **4.5** | Jum l-Indipendenza (LV) | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | |
| **5.5** | NL | | | | | | | | | | | | | | | 0 | | | | | | | | |
| **6.5** | San Ġorġ (BG) | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **7.5** | Jum it-Talb Komuni (DK) | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **8.5** | Siegestag (F), Jum il-Liberazzjoni (CZ) | | | 1 | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | |
| **19.5** | Tifkira ta' Ataturk | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | |
| **20.5** | Tlugħ fis-Sema | 1 | | | 1 | 1 | | | 1 | | | | | | 1 | 1 | 1 | | | | 1 | 1 | | |
| **24.5** | San Ċirillu | | 1 | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **31.5** | It-Tnejn tal-Pentekoste / *Bank holiday* | 1 | | | 1 | 1 | | | 1 | | | 1 | | | 1 | 1 | 1 | | | | | 1 | | 1 |
| **2.6** | Jum Nazzjonali (I) | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | |
| **5.6** | Jum il-Kostituzzjoni (DK) | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **7.6** | Festa pubblika (IRL) | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | |
| **10.6** | *Corpus Christi/Fronleichnam* | | | | | R | | | | | | | | | | | 1 | 1 | 1 | | | | | |
| **21.6** | Nofs is-Sajf (FIN) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | |
| **23.6** | Jum Nazzjonali (L), Jum il-Vitorja (EE) | | | | | | 1 | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | |
| **24.6** | Nofs is-Sajf (EE), Jan day (LV) | | | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | |
| **26.6** | Nofs is-Sajf (S) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | |
| **6.7** | *Coronation Mindaugas* (LT), *Jan Hus* (CZ) | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **12.7** | Vaganza tal-banek | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | R |
| **14.7** | Jum Nazzjonali (F) | | | | | | | | 1 | | | | | 1 | | | | | | | | | | |
| **21.7** | Festa Nazzjonali (B) | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **2.8** | Vaganza tal-banek | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | R |
| **15.8** | Santa Marija/Maria Himmelfahrt | 1 | | | | R | | 1 | 1 | | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | | | | | | | | |
| **20.8** | Jum l-Indipendenza (EE) | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **30.8** | Jum il-Vitorja (TR), *Bank holiday* | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | 1 |
| **6.9** | Unifikazzjoni tal-Bulgarija | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **22.9** | Jum l-Indipendenza (BG) | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **28.9** | Kisba ta' Stat (CZ) | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **1.10** | Jum l-Indipendenza (CY) | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **3.10** | Jum Nazzjonali (D) | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **15.10** | Jum ir-Repubblika (P) | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | |
| **12.10** | Jum Nazzjonali (E) | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **25.10** | Vaganza tal-banek – Jum ir-Repubblika (TR) | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | 1 | |
| **26.10** | Festa Nazzjonali (A) | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | |
| **28.10** | Jum l-Indipendenza (CZ), Festa Nazzjonali Griega | | | 1 | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **31.10** | Jum ir-Riforma | | | | | R | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **1.11** | Il-Qaddisin Kollha | 1 | 1 | | | R | | 1 | 1 | | 1 | | | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | | | | | |
| **6.11** | Il-Qassisin Kollha (FIN,S) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | 1 | | |
| **11.11.** | L-Armistizju | 1 | | | | | | | 1 | | | | | | | | | 1 | | | | | | |
| **15.11-16.11** | Ramzan Bayrami (TR) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 2 | |
| **17.11** | Jum il-Ħelsien u d-Demokrazija (CZ) | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **18.11** | Proklamazzjoni ta' l-Indipendenza (LV) | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | |
| **1.12** | Jum l-Indipendenza (P), Jum Nazzjonali (RO) | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | 1 | | | | |
| **6.12** | Jum l-Indipendenza (FIN), Kostituzzjoni (E) | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | 1 | | | |
| **8.12** | Il-Kunċizzjoni | | | | | | | 1 | | | 1 | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| **24.12** | Lejliet il-Milied | | 1 | 1 | 1 | | | | | | | 1 | 1 | | | | | | | | | | | |
| **25.12** | Jum il-Milied | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 1 |
| **26.12** | *Boxing Day* | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | R | | 1 | 1 | | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | | 1 | 1 | | 1 |
| **27.12** | Jum San Stiefnu (IRL) | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | |
| **28.12** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **31.12** | Lejlet l-Ewwel tas-Sena | | | | 1 | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | 10 | 13 | 12 | 12 | 11 | 9 | 14 | 11 | 9 | 11 | 15 | 9 | 9 | 10 | 7 | 13 | 10 | 12 | 6 | 11 | 11 | 10 | 9 |

**R = Vaganza pubblika f'xi reġjuni, meqjusa b'koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' (1/3). NL 5 ta' Mejju hi vaganza darba kull ħames snin.**

## **Graff 14: Regoli għat-tkeċċija ta' impjegati f'kumpaniji żgħar** (sors esperti nazzjonali)

| | Perjodu ta' notifika | | Perjodu ta' prova | Ġustifikazzjoni (fil-każ ta' tkeċċija għal raġunijiet ekonomiċi)? | Kumpens finanzjarju u possibilità ta' ħlas lura | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Impjegat sena ma' l-intrapriża** | **Matul il-perjodu ta' prova** | | | | |
| **B** | Ħaddiema ta' l-idejn: 28 ġurnata, Impjegati klerikali 3 xhur | | Ħaddiema ta' l-idejn: ġimgħa jew tnejn Impjegati klerikali xahar sa 6 xhur | L-ebda ġustifikazzjoni speċjali m'hi meħtieġa . | Jekk il-perjodu ta' notifika ma jkunx osservat biss. Ġeneralment, le. | |
| **D** | 4 ġimgħat sal-15 jew l-aħħar tax-xahar | Ħmistax (għall-perjodi ta' prova sa 6 xhur) | 6 xhur | Għall-kumpaniji b'aktar minn 10 impjegati biss | | F'kumpaniji b'aktar minn 10 impjegati: ħarsien speċjali kontra tkeċċija "mhux soċjali". |
| **EE** | Xahrejn | L-ebda | 4 xhur | Bżonn ta' ġustifikazzjoni (bil-miktub) | Medja ta' xahrejn pagi. | |
| **E** | 30 ġurnata | L-ebda | Xahrejn, 3 xhur għall-kumpaniji żgħar, 6 xhur għal min hu gradwat | Bżonn ta' ġustifikazzjoni (bil-miktub) | 20 ġurnata paga għal kull sena ta' servizz.. | |
| **F** | Xahar (jew aktar) | | Ġeneralment ġimgħa jew ħmistax għall-ħaddiema ta' l-idejn, xahar għall-impjegati klerikali (jistgħu jinbidlu fi ftehim kollettiv) | Iva, f'laqgħa personali. . | Iva, jekk l-impjegat kien ilu għal sentejn jew aktar mal-kumpanija. | |
| **IRE** | Ġimgħa(wara 13-il ġimgħa ta 'servizz) Mass. 8 ġimgħat wara 15-il sena servizz | L-ebda | 13-il ġimgħa | Jekk jitkeċċa wieħed minn diversi impjegati hemm bżonn ta' ġustifikazzjoni. | Nofs ġimgħa paga għal kull sena ta' servizz (età 16-41) | Tkeċċija faċli għal raġunijiet ekonomiċi ġenwini, għal raġunijiet personali f'każi ta' kondotta ħażina serja |
| **CY** | Ġimagħtejn | L-ebda | ġeneralment 26 ġimgħa. Iżda sa 104 ġimgħat hi possibbli | | Jgħodd biss jekk qorti tax-xogħol tiddeċiedi li t-tkeċċija fuq bażi personali ma kinetx ġustifikata. L-ebda kumpens f'każ ta' tkeċċija għal raġunijiet ekonomiċi. | B'mod ġenerali, ir-riskju finanzjarju tat-tkeċċija hu baxx ħafna għal min iħaddem |
| **LV** | Xahar | L-ebda | massimu 3 xhur | Meħtieġa (bil-miktub) | Xahar paga f'każ ta' tkeċċija mhux ġustifikata. | |
| **LT** | | | 3 xhur | | | |

| | **Perjodu ta' notifika** | | **Perjodu ta' prova** | **Gustifikazzjoni (fil-każ ta' tkeccija ghal ragunijiet ekonomici)?** | **Kumpens finanzjarju u possibilità ta' hlas lura** | **Rimarki** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Impjegat sena ma' l-intrapriza** | **Matul il-perjodu ta' prova** | | | | |
| **L** | Xahrejn (mill-15 jew l-1 tax-xahar) of | Bejn erbat ijiem u xahar,, skond it-tul tal-perjodu ta' prova . | Minimu ta' hmistax massimu 12-il xahar.. | Il-gustifikazzjoni hi mehtiega biss . jekk l-impjegat jitlobha | Xahar paga wara 5 snin (xahrejn paga wara 10 snin u 3 xhur paga wara 15-il sena) | Rekwiziti formali (eż. ittri registrati) ghandhom ikunu osservati sew |
| **NL** | Xahar. Qabel mat-tkeccija ssir Valida, is-CWI g?andha tapprova u dan jista' jdum diversi gimg?at. | | Massimu xahrejn (ghall-kuntratti ghal terminu fiss) | L-impjegat jista' jressaq ilment jekk it-tkeccija ma tkunx gustifikata Ir-rizultat generalment huwa kumpens finanzjarju. . | Bhala regola: xahar paga g?al kull sena xoghol (aktar ghal min ilu jahdem aktar) | Ir-regoli ghat-tkeccija bhalissa qed ikunu riveduti |
| **A** | IImpjegati klerikali 6 gimg?at sa tmiem, is-semestru, ?addiema ta' l-id: ?mistax Il-perjodi jistg?u jitqassru bi ftehim kollettiv. | L-ebda. | xahar | Gustifikazzjoni spe?jali mhix mehtiega. . | 1.53% tas-salarju migbur fix-xahar mill-assigurazzjoni tas-sahha | |
| **PL** | Xahar | Bejn tlett ijiem u hmistax,, skond it-tul tal-perjodu ta' prova. | Minimu gimaghtejn ta' spiss sa 3 xhur | Iva, bil-miktub Kuntratti ghal terminu mhux definit jistghu jithassru biss g?al ragunijiet tajbin. | | |
| **P** | | | 60 gurnata | Le | Le | |
| **RO** | 15-il jum tax—xoghol | | | Iva | | |
| **FIN** | xahar (sa sena: 14-il jum) | | 4 xhur | Iva, jekk mitluba mill-impjegat. . | Iva, f'kazi spe?jali | Tkeccija g?al ragunijiet importanti biss marbuta ma' l-impjegat jew il-kumpanija |
| **S** | xahar (impjegat li jkun ilu sena ma' l-intrapriza) | Notifika ta' l-anqas ?imag?tejn qabel. Il-perjodu ta' prova jista' jibidel bi ftehim kollettiv. | Massimu 6 xhur. Hu possibbli li jsir ftehim differenti permezz ta' ftehim kollettiv | Iva, ghal dawn ir-ragunijiet: nuqqas ta' xoghol, ragunijiet personali. | Impjegat li nghata n-*notice*, hu intitolat li jzomm il-paga. | Notifika minhabba ragunijiet personali hi pjuttost difficli |
| **TR** | 4 gimg?at | L-ebda | Massimu 6 xhur | Applikabbli biss ghan-negozji b'aktar minn 30 impjegat u ghall-impjegati li ilhom jahdmu g?al aktar minn 6 xhur. | Xahar paga ghal kull sena servizz 1) | |
| **UK** | Minimu statutorju ta' gimg?a, izda l-perjodu ghandu jkun ragonevoli | | Ftehim individwali (talbiet ta' tkeccija mhux gusta huma possibbl biss wara sena ta' servizz) | Iva, ghal ragunijiet ekonomici jew personali. | Applikabbli biss jekk il-impjegat iressaq ilment mat-tribunal u t-tkeccija tkun meqjusa bhala mhux gusta | |

**Anness II: Deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta' reklutaġġ skond kull pajjiż**

F'dan li ġej, il-proċeduri amministrattivi għar-rekultaġġ ta' l-ewwel impjegat huma rapportati f'forma standardizzata għal xi wħud mill-pajjiżi parteċipanti.

L-informazzjoni hija organizzata fil-format li ġej:

*A. Kuntatti obbligatorji*
*B. Proċeduri amministrattivi*
*Ċ. Disponibbiltà ta' informazzjoni u formoli*
*D Informazzjoni li trid tingħata minn min iħaddem*
*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jkunux applikati b'mod korrett*
*F. Rimarki*

---

**Il-Belġju**

*A. Kuntatti obbligatorji*

Ħames kuntatti:
1. Assigurazzjoni kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol
2. Servizzi tas-sigurtà soċjali (RSZ/ONSS)
3. Fond għas-sussidju tat-tfal /servizz għall-benefiċċju tat-tfal
4. Servizz għall-prevenzjoni u l-ħarsien fuq ix-xogħol
5. Servizz mediku ta' l-impjieg
(L-aħħar żewġ servizzi jistgħu jingħataw mill-istess istituzzjoni.)

*B. Proċedura amministrattiva*

Talanqas sitt proċeduri (innota li bosta minn dawk li jkunu se jħaddmu għall-ewwel darba se jużaw is-servizz ta' segretarjat soċjali liċenzjat (ara isfel) biex jieħdu ħsieb il-proċeduri amministrattivi):

1. Qabel jirrekluta impjegat min potenzjalment se jħaddem irid jagħmel assigurazzjoni għal inċidenti fuq ix-xogħol.
2. Meta jirrekluta l-ewwel impjegat min iħaddem irid minnufih jinnotifika lill-uffiċċju nazzjonali għas-sigurtà soċjali (ONSS/RSZ). Irid jirreġistra lilu nnifsu bħala persuna li timpjega ġdida u jrid jirreġistra lill-impjegat. Ir-reġistrazzjoni ssir permezz tas-sistema DIMONA on-lajn. (Din is-sistema kienet introdotta b'mod gradwali sa mill-1999. L-għan tagħha huwa l-ħolqien ta' database elettroniku ċentralizzat għall-fergħat kollha tas-sigurtà soċjali u t-tneħħija ta' reġistri u formoli bil-karti).
3. Min iħaddem irid jissieħeb ma' servizz uffiċjalment rikonoxxut għall-prevenzjoni u l-ħarsien fuq ix-xogħol. Dawn is-servizzi jistgħu wkoll iwettqu ispezzjoni tal-postijiet tax-xogħol.

4. Min iħaddem irid jissieħeb ma’ servizz mediku ta’ l-impjieg (kif diġà ntqal taħt A. Is-servizz mediku ta’ l-impjieg u s-servizz għall-prevenzjoni u l-ħarsien fuq ix-xogħol jistgħu jingħataw mill-istess istituzzjonijiet).
5. Kull min iħaddem jrid jissieħeb f’fond għas-sussidju tat-tfal fi żmien 90 ġurnata mill-bidu tar-relazzjoni ta’ impjieg.
6. Min iħaddem jrid joħloq reġistru intern għall-istaff.

*Ċ. Disponibbiltà ta’ informazzjoni u formoli*

Minħabba li bosta minn dawk li jħaddmu, speċjalment kumpaniji żgħar, jużaw is-servizz ta’ segretarjat soċjali, l-informazzjoni dwar il-proċeduri u d-dmirijiet tingħata mis-segretarjat.

*D. Informazzjoni li trid tingħata minn min iħaddem*

Dettalji dwar kuntatti u informazzjoni simili. Min iħaddem irid jiġbor ukoll in-numru ta’ l-identifikazzjoni nazzjonali mill-impjegat. Għar-reġistrazzjoni fl-uffiċċju nazzjonali tas-sigurtà soċjali, jista’ jkollu bżonn isib taħt liema ftehim kollettiv tax-xogħol jaqa’.

*E. Sanzjonijiet*

Jekk min iħaddem ma jkunx assigurat kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol hu stess ikun responsabbli f’każ ta’ inċident, anke fl-ewwel ġurnata ta’ l-impjieg.

Dawk li jimpjegaw ġeneralment għandhom id-dritt li jagħżlu bejn fondi differenti ta’ sussidju għat-tfal. Wara 90 ġurnata, madankollu, huma jkunu msieħba awtomatikament mal-fond nazzjonali.

*F. Rimarki*

Għoti ta’ xogħol fuq barra

Madwar 90% ta’ dawk li jħaddmu fil-Belġju jużaw is-servizzi ta’ l-hekk imsejħa segretarjati soċjali (liċenzjati) li jieħdu ħsieb jaqdu l-obbligi amministrattivi għar-reklutaġġ u anke ta’ servizzi bħall-amministrazzjoni ta’ ħlasijiet ta’ pagi, kalkoli tat-taxxa eċċ. Dawn is-segretarjati huma kumpaniji privati imma joperaw taħt il-kontroll ta’ l-amministrazzjoni pubblika. F’każ li jintuża tali servizz, dan is-servizz irid jingħata setgħa legali minn dak li jħaddem.

Inċentivi speċjali

Għall-ewwel impjegat il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma mnaqqsa b'1,000 Ewro għall-ewwel ħmistax-il xahar ta' l-impjieg u b'400 Ewro għall-erbgħa u għoxrin xahar ta' wara.

Għat-tieni impjegat il-kontribuzzjonijiet huma mnaqqsa b'400 Ewro għall-ewwel 39 xahar, għat-tielet impjegat jingħata tnaqqis ta' 400 Ewro għall-ewwel 27 xahar.

Fondi għal vaganzi annwali

Min iħaddem u għandu ħaddiema manwali jew apprendisti irid ukoll jirreġistra ma' fondi għall-vaganzi annwali. Minħabba li dawn ir-relazzjonijiet tax-xogħol jistgħu jkunu qosra, il-fondi jiġbru s-salarju għall-vaganzi annwali li għalihom ikun intitolat l-impjegat mingħand min iħaddem fl-aħħar tal-kuntratt. Fil-każ ta' ħaddiema oħrajn li l-kuntratti tagħhom ikunu ġeneralment itwal, min iħaddem stess jew is-segretarjat soċjali jħallas is-salarju għall-vaganzi annwali direttament lill-impjegat.

---

## Il-Ġermanja

*A. Kuntatti obbligatorji*

Tliet kuntatti:

1. Aġenzija għall-impjieg (dak li kien l-uffiċċju tax-xogħol)
2. Assigurazzjoni għas-saħħa
3. Assigurazzjoni obbligatorja għall-kontra l-inċidenti

*B. Proċeduri amministrattivi*

Erba' proċeduri obbligatorji

1. Min potenzjalment se jħaddem l-ewwel irid jikseb numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija (*Betriebsnummer*) mill-aġenzija għall-impjieg. F'każi urġenti n-numru jinkiseb bit-telefon, ġeneralment tkun trid timtela reġistrazzjoni (mhux on-lajn). Dan il-pass huwa neċessarju biss għall-ewwel impjegat.
2. Fi żmien ġimgħa mir-reklutaġġ min iħaddem irid jirreġistra lill-impjegat il-ġdid mal-fond għall-assigurazzjoni għas-saħħa li jiftaħ kont ta' assigurazzjoni soċjali għal min iħaddem. L-assigurazzjoni għas-saħħa taġixxi bħala *one-stop-shop* għal fergħat oħrajn ta' l-assigurazzjoni soċjali, jiġifieri pensjonijiet għall-anzjani, assigurazzjoni tal-qgħad u assigurazzjoni għal għajnuna marbuta mas-saħħa. Għar-reġistrazzjoni ma' l-assigurazzjoni għas-saħħa, min iħaddem diġà jeħtieġ in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija. L-impjegat jiddeċiedi ma' liema assigurazzjoni għas-saħħa jrid jirreġistra. Għalhekk min iħaddem jista' jkollu x'jaqsam ma' diversi

fondi ta' assigurazzjoni għas-saħħa, madankollu r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni huma ferm simili, jekk mhux identiċi.

3. Ġimgħa wara r-reklutaġġ trid tinstab assigurazzjoni obbligatorja għall-inċidenti għall-impjegat ma' istituzzjoni għal assigurazzjoni statutarja għan-negozju u l-industrija (magħrufa l-aktar bħala assoċjazzjoni tas-sengħa). Wara li jirreġistra n-negozju, kull intraprenditur irid jirreġistra ma' istituzzjoni bħal din, anke jekk ma jimpjegax staff. F'xi negozji hemm ukoll id-dmir ta' min iħaddem li jassigura ruħu kontra l-inċidenti għalih innifsu.
4. Mar-reklutaġġ ta' l-ewwel persuna min iħaddem irid jikkonforma ma' diversi obbligi dwar saħħa u sikurezza fl-impjieg. Għal dan huwa meħtieġ it-taħriġ u t-tagħlim. Dan jista' jinkiseb ukoll mill-istituzzjoni għall-assigurazzjoni u l-prevenzjoni statutarja għan-negozju u l-industrija.

*Ċ. Disponibbiltà ta' informazzjoni u formoli*

1. Il-formola ta' l-applikazzjoni biex jinkiseb in-numru tal-kumpanija ma jistax jinkiseb on-lajn (madankollu l-formola hija sempliċi u tista' timtela' minn fuq it-telefon).
2. Formola standardizzata għar-reġistrazzjoni ma' l-assigurazzjoni għas-saħħa tista' titniżżel mill-internet.
3. Il-formola tar-reġistrazzjoni għall-assigurazzjoni għal kontra l-inċidenti hija disponibbli mill-istituzzjoni għall-assigurazzjoni u l-prevenzjoni statutarja għan-negozju u l-industrija imma r-reġistrazzjoni ħafna drabi tista' ssir ukoll bit-telefon.

Informazzjoni dwar proċeduri u obbligi ta' min iħaddem hija disponibbli minn sorsi oħrajn, eż. l-istituzzjoni għall-assigurazzjoni u l-prevenzjoni statutarja għan-negozji u l-industrija, mill-uffiċċju għax-xogħol/aġenziji għal-impjieg. Madankollu ma hemm l-ebda sors ċentralizzat għall-informazzjoni, u lanqas ma hemm ġabra ċentralizzata ta' formoli fuq l-internet.

Mingħand l-impjegat, min iħaddem jrid jikseb kard tat-taxxa fuq il-paga (*Lohnsteuerkarte*) u n-numru tas-sigurtà soċjali.

*D. Informazzjoni li trid tingħata minn min iħaddem*

Meta japplika għan-numru ta' l-identifikazzjoni tal-kumpanija min iħaddem irid jipprovdi informazzjoni dwar indirizz, sid(ien), numru ta' impjegati ġodda, id-data tal-bidu ta' l-impjieg, attivitajiet tad-ditta.

Għar-reġistrazzjoni ta' l-impjegat ma' l-assigurazzjoni għas-saħħa (li tgħaddi l-informazzjoni lill-fergħat l-oħra ta' l-assigurazzjoni) min iħaddem jrid jipprovdi l-indirzz, dettalji bankarji, informazzjoni dwar is-settur u affiljazzjoni ma' assoċjazzjonijiet tas-sengħa (jekk applikabbli), informazzjoni dwar proċeduri previsti għall-ħlas tal-paga, numru ta' impjegati, sid(ien).

Għall-istituzzjoni għall-assigurazzjoni u l-prevenzjoni statutarja għan-negozji u l-industrija, min iħaddem bażikament irid jipprovdi dettalji għall-kuntatt, in-numru ta' impjegati u d-data tal-bidu ta' l-impjieg, it-tip ta' negozju u, f'xi każijiet, informazzjoni dwar is-sid/ien u l-parteċipazzjoni.

*E. Sanzjonijiet*

Jekk min iħaddem ma jassigurax lill-impjegat għal kontra l-inċidenti ma' istituzzjoni għall-assigurazzjoni u l-prevenzjoni statutarja għan-negozji u l-industrija, hemm xorta waħda assigurazzjoni protettiva bil-liġi. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg sabiex ikunu evitati l-ħlasijiet tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali jista' jkollha konsegwenzi gravi.

*F. Rimarki*

Inċentivi speċjali

Għall-hekk imsejħa "Xogħlijiet żgħar", jiġifieri xogħlijiet b'salarju li ma jaqbiżx l-400 Ewro irid jiġi kkuntattjat l-*Bundesknappschaft* biss. Il-*Bundesknappschaft* jaġixxi bħala *one-stop-shop* għal xogħlijiet bi qligħ baxx.

---

**L-Estonja**

*A. Kuntatti obbligatorji*

Żewġ kuntatti:

1. Spettorat tax-Xogħol
2. Fond għall-assigurazzjoni għas-saħħa.

*B. Proċeduri amministrattivi*

Erba' proċeduri:

1. Dawk kollha li jħaddmu (persuni naturali jew legali) għandhom jinfurmaw lill-ispettorat tax-xogħol bil-miktub dwar ir-relazzjoni l-ġdida tax-xogħol. Il-persuni naturali għandhom id-dmir addizzjonali li jirreġistraw, personalment, fi żmien ġimgħa il-kuntratti tax-xogħol kollha ffirmati.

2. Ftit wara li jibda jaġixxi fir-rwol tiegħu, min iħaddem (l-ebda limitu ta' żmien eżatt ma huwa speċifikat) għandu jwettaq analiżi tar-riskju għall-post tax-xogħol u jiddeċiedi dwar pjan ta' azzjoni biex jevita u jnaqqas ir-riskji għas-saħħa għall-impjegat. Iż-żewġ dokumenti jistgħu jkunu abbozzati f'forma ħielsa. L-analiżi tar-riskju tista' wkoll tingħata bħala xogħol lil barranin, jiġifieri lil ditta speċjalizzata ċertifikata.

3. Min iħaddem għandu jaħtar persuna speċjalizzata fil-qasam ta' l-ambjent tax-xogħol, fil-każ ta' intrapriżi b'persuna waħda s-sid innifsu jrid jassumi din ir-responabbiltà. Sabiex jagħmel dan irid jieħu ftit taħriġ dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

4. Fi żmien sebat ijiem wara l-firma tal-kuntratt ta' l-impjieg, min iħaddem jrid jirreġistra lill-impjegat il-ġdid ma' fond għall-assigurazzjoni għas-saħħa.

*Ċ. Disponibbiltà ta' informazzjoni u formoli*

Formoli mill-ispettorat għax-xogħol huma disponibbli on-lajn (www.ti.ee) u jistgħu jimtlew u jintbagħtu on-lajn.

Informazzjoni rigward kif issir analiżi tar-riskju u pjan ta' azzjoni biex ikun imnaqqas ir-riskju waqt ix-xogħol hija wkoll disponibbli mis-sit ta' l-ispettorat għax-xogħol.

Formola għar-reġistrazzjoni ta' impjegat mal-fondi għall-assigurazzjoni għas-saħħa hija disponibbli fuq l-internet (www.haigekasse.ee) u tista' timtela u tintbagħat on-lajn jekk min iħaddem ikollu firma elettronika.

M'hemm l-ebda sors komprensiv ewlieni għall-informazzjoni imma l-informazzjoni tingħata mill-ispettorat għax-xogħol, mill-fond għall-assigurazzjoni għas-saħħa u mid-dipartiment tat-taxxa fuq il-paġni tagħhom fuq l-internet

*D. Informazzjoni li trid tingħata minn min iħaddem*

Bażikament dettalji għall-kuntatt (ismijiet, indirizzi, numru tat-telefon eċċ.) L-ispettorat tax-xogħol għandu jkun infurmat dwar in-numru ta' impjegati, impjegati li jaħdmu f'xiftijiet ta' bil-lejl, impjegati nisa u impjegati taħt l-età.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jkunux applikati b'mod korrett*

Jekk ir-reġistrazzjoni ma' l-ispettorat għax-xogħol ma ssirx, mhi prevista l-ebda multa eċċ. Ġeneralment dan jiġri wkoll jekk id-dmirijiet dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol eċċ. ma jkunux osservati, b'mod speċjali għall-ewwel vjolazzjoni tar-regoli.

*F. Rimarki*

-

---

**Spanja**

*A. Kuntatti obbligatorji*

Tliet kuntatti:

1. Teżor ġenerali għas-Sigurtà Soċjali, GTSS
2. Assoċjazzjoni reċiproka għal kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol
3. Uffiċċju għall-impjiegi.

*B. Proċeduri amministrattivi*

Erba' proċeduri:

1. Meta jkun reklutat l-ewwel impjegat in-negozju jrid jirreġistra mat-Teżor Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali li jassenja kont lill-kumpanija (dan il-kont jista' jintuża wkoll għar-reklutaġġi ta' wara).
2. L-impjegat u r-relazzjoni ta' impjieg mal-kumpanija għandhom ikunu reġistrati mas-sigurtà soċjali permezz ta' formola speċjali (TA.2) (Jekk l-impjegat qatt qabel ma kien imsieħeb mas-sigurtà soċjali din il-proċedura għandha ssir bl-użu ta' formola speċjali (TA.1)).
3. Il-kumpanija trid tissieħeb f'assoċjazzjoni reċiproka għal kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol.
4. Jekk ir-relazzjoni ta' impjieg titlob kuntratt bil-miktub (eż. kuntratti għal terminu fiss), kopja tal-kuntratt għandha tkun reġistrata ma' l-uffiċċju għall-impjiegi fi żmien għaxart ijiem mill-iffirmar tiegħu (Kuntratti ordinarji ta' impjieg [eż. tul indefinit, xogħol *full-time*] mhux neċessarjament ikunu bil-miktub. F'każ bħal dan l-uffiċċju għall-impjiegi sempliċiment irid ikun infurmat bil-kuntratt).

*Ċ.Disponibbiltà ta' informazzjoni u formoli*

L-informazzjoni u l-formoli huma disponibbli minn uffiċji tal-gvern, mill-internet, minn assoċjazzjonijiet ta' SMEs u minn sorsi oħrajn (eż. il-"*Cámaras de Comercio*"). Waqt li l-informazzjoni hija faċilment disponibbli ħafna drabi tkun abbozzata bi stil legali li l-kumpaniji ż-żgħar ma jkunux familjari miegħu.

*D. Informazzjoni li trid tkun ipprovduta minn min iħaddem*

Għall-ewwel reġistrazzjoni n-negozju jrid jipprovdi formola tar-reġistrazzjoni, kopja tal-karta ta' l-identità tas-sid jew l-att kostituttiv tal-kumpanija, kuntratt ma' Assoċjazzjoni Reċiproka għal kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol u formola ta' reġistrazzjoni biex ikun reklutat l-impjegat.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jkunux applikati b'mod korrett*

Is-sanzjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet tax-xogħol u l-impjieg, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, fil-qasam ta' l-immigrazzjoni jistgħu jkun żgħar (30.05 Ewro sa 300.51 Ewro), kbar (300.52 Ewro sa 3,005.06 Ewro) jew kbar ħafna (3,005.07 Ewro sa 90,151.82 Ewro) skond l-intenzjoni ta' l-OPE, l-avviżi li jkunu ngħataw qabel, id-daqs tal-kumpanija, eċċ. Fil-każ ta' l-ewwel impjegat ta' l-OPE nistgħu nistmaw li s-sanzjonijiet ikunu bejn 600 Ewro u 30,000 Ewro.

*F. Rimarki*

-

---

**Franza**

*A. Kuntatti obbligatorji*

Tliet kuntatti:

1. Aġenzija nazzjonali għall-impjieg (*Agence nationale pour l'emploi*, ANPE)
2. Sigurtà Soċjali (*Union de Recouvrement de Sécurité Sociale et d'Allocations Familiales*, URSSAF)
3. Tabib/ċentru mediku speċjalizzat.

*B. Proċeduri amministrattivi*

Erba' proċeduri:

1. Qabel jimpjegaw staff dawk li jħaddmu jridu jirrapportaw l-post battal lill-ANPE (aġenzija għall-impjieg).
2. Matul it-tmint ijiem qabel tibda r-relazzjoni ta' impjieg, min iħaddem irid jimla formola waħda (*déclaration unique d'embauche*, DUE) u jibgħatha lill-URSSAF.
3. Mhux aktar tard mit-tmiem tal-perjodu ta' prova (fil-każijiet fejn ix-xogħol għandu riskji speċjali: qabel jibda l-impjieg) l-impjegat irid jidher quddiem speċjalista tal-mediċina industrijali
4. Reġistrazzjoni ta' l-impjegat fir-reġistru personali intern.

*Ċ. Disponibilità ta' l-informazzjoni u formoli*
Id-DUE tista' tinkiseb mill-URSSAF, tista' timtela fuq l-internet (http://www.urssaf.fr), bil-posta elettronika jew bil-Minitel.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*
Isem u indirizz u numru tan-negozju ta' min iħaddem. Isem, indirizz, nazzjonalità, data u post tat-twelid, numru tas-sigurtà soċjali ta' l-impjegat. Natura tal-kuntratt, ħin tax-xogħol.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
-

*F. Rimarki*
-

---

## L-Irlanda

*A. Kuntatti obbligatorji:*
Wieħed: Kummissarju tat-Taxxi Interni (awtorità fiskali).

*B. Proċeduri amministrattivi:*
Normalment tnejn (f'każ li l-impjegat jaħdem għall-ewwel darba: tlieta).

1. L-ewwel, in-negozju għandu jkun reġistrat bħala wieħed li jħaddem permezz tal-mili ta' formola waħda li għandha tintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Liema formola għandha timtela jiddependi mill-istatus tan-negozju. Negozjanti żgħar jimlew il-formola STR; il-formola TR2 tintuża jekk in-negozju jkun inkorporat. STR u TR2 jistgħu jintużaw fl-istess ħin għar-reġistrazzjoni għal diversi taxxi, jiġifieri il-VAT, it-taxxa fuq id-dħul, it-taxxa fuq il-korporazzjonijiet. Jekk negozju jkun diġà rreġistrat għal dawk it-taxxi u jixtieq jirreġistra biss bħala wieħed li jħaddem, tista' tintuża biss il-formola PREM Reg.
2. Meta impjegat jiġi reklutat, il-proċedura tiddependi minn jekk l-impjegat qattx ħadem qabel, jiġifieri jekk għandux il-formola P45 li tinkludi l-informazzjoni dwar l-istatus fiskali u l-krediti fiskali tiegħu li huma meħtieġa biex tkun ikkalkulata l-PAYE u l-PRSI (tnaqqis ta' taxxi fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet soċjali). F'dan il-każ, min iħaddem għandu jimla t-tielet parti tal-formola P45 u jibgħatha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. [Jekk l-impjegat m'għandux il-formola P45, min iħaddem jinnotifika lill-uffiċċju tat-taxxa (bl-użu tal-formola P46). Jekk l-impjegat diġà jkollu numru tal-PPS (Servizz Pubbliku Personali, dak li kien magħruf bħala RSI – numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa u l-assigurazzjoni soċjali), min iħaddem se jirċievi ċ-ċertifikati meħtieġa u l-informazzjoni biex tkun ikkalkulata l-PAYE u l-PRSI) mill-awtoritajiet tat-taxxa. Inkella l-impjegat l-ewwel irid jikseb numru PPS mill-Uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali u jimla l-formola 12A (li għaliha għandu bżonn informazzjoni mingħand min iħaddmu).]

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*

Il-formoli msemmija hawn fuq u fuljett ta' informazzjoni jistgħu jitniżżlu mill-*website* tad-Dipartiment Irlandiż tat-Taxxi Interni (www.revenue.ie) u huma disponibbli f'uffiċji nazzjonali u distrettwali tat-taxxa. Il-formoli ma jistgħux jimtlew b'mod elettroniku iżda jridu jintbagħtu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-posta.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*
Għar-reġistrazzjoni tat-taxxa għandha tkun ipprovduta informazzjoni ġenerali marbuta mad-dettalji għall-kuntatt, in-numri ta' identifikazzjoni, it-tip u d-daqs tan-negozju, id-data tal-bidu ta' l-impjieg, eċċ.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
Multi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni marbuta ma' evażjoni fiskali u obbligi taħt il-Liġi dwar ix-Xogħol permezz tal-metodi legali skond kif ikun meħtieġ.

*F. Rimarki*
-

---

## Ċipru

*A. Kuntatti obbligatorji:*
Żewġ kuntatti:
1. Id-Dipartiment ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (S.I.D.) tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Assigurazzjoni Soċjali
2. Kumpanija ta' l-assigurazzjoni privata għall-assigurazzjoni obbligatorja ta' min iħaddem

*B. Proċeduri amministrattivi*
Tlieta jew erbgħa, skond jekk l-impjegat ikunx ħadem qabel:
1. Min iħaddem jimla dokument (YKA 1-001) għar-reġistrazzjoni ma' l-Assigurazzjoni Soċjali.
2. Jekk l-impjegat ma jkunx reġistrat ma' l-Assigurazzjoni Soċjali (qatt ma jkun ħadem qabel), min iħaddem jimla formola sabiex jirreġistra l-impjegat u jirċievi n-numru ta' l-assigurazzjoni soċjali tiegħu (YKA 1-008).
3. Min iħaddem jimla d-dokument tad-"dikjarazzjoni ta' l-impjieg" (YKA 1-003) u jirċievi n-numru ta' l-assigurazzjoni soċjali tiegħu.
4. Min iħaddem jieħu polza ta' l-assigurazzjoni ma' kumpanija privata.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*
Il-formoli huma disponibbli mid-Dipartiment ta' l-Assigurazzjoni Soċjali. Hu mistenni li dawn ikunu disponibbli fuq l-internet fi ftit xhur.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*
Ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija jew kopja tal-karta ta' l-identità ta' min iħaddem.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
Jekk min iħaddem ma jimliex id-dokumenti ta' hawn fuq u dan isir magħruf aktar tard mis-S.I.D., hu jintalab jikkonforma ma' dawn il-ħtiġijiet. Jekk le, id-D.I.S. tista' tiftaħ proċeduri legali kontrih. Jekk hu jikkonforma ma' l-istruzzjonijiet mogħtija lilu, xorta jkollu jħallas 3% addizzjonali fuq l-ammont pendenti għall-ewwel xahar u mbagħad 3% addizzjonali għal kull xahar ta' pagament li ma jkunx sar minn hemm 'il quddiem, sa massimu ta' 15% fuq l-ammont dovut għal aktar minn 5 xhur.

*F. Rimarki*
Kważi l-*OPEs* kollha jitolbu lill-kontabilisti tagħhom biex iħejju d-dokumenti biex dawn jintbagħtu lill-Assigurazzjoni Soċjali. L-ispejjeż tagħhom huma inklużi fil-miżata annwali għall-kontabilità jew għall-awditjar.

---

**Il-Latvja**

*A. Kuntatti obbligatorji*
Tliet kuntatti:
1. Aġenzija tas-sigurtà soċjali
2. Spettorat tax-Xogħol
3. Amministrazzjoni tat-taxxa

*B. Proċeduri amministrattivi*
Ġeneralment tliet proċeduri:
1. Id-dipartiment territorjali ta' l-aġenzija tas-sigurtà soċjali għandu jkun notifikat billi timtela u tintbagħat formola (sa mhux aktar tard minn ġurnata wara li jiġi ffirmat il-kuntratt)
2. Dawk li jħaddmu huma responsabbli biex jipprovdu kura tas-saħħa preventiva għall-impjegati tagħhom. Jekk meħtieġ, min iħaddem jista' jipprovdi wkoll għat-trattament mediku u għal servizzi oħra tal-kura tas-saħħa.
3. Min iħaddem għandu jirreġistra lilu nnifsu ma' l-amministrazzjoni reġjonali tat-taxxa sabiex jieħu ħsieb il-pagament tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li jitnaqqsu f'ras il-għajn għall-pagi mħallsa fuq bażi regolari.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*
Il-formoli huma disponibbli elettronikament iżda għandhom jintbagħtu lura bħala kopji fuq karta.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*
Primarjament dettalji tal-kuntatt (ismijiet, indirizzi, numru tat-telefon, eċċ). L-Ispettorat tax-Xogħol għandu jkun infurmat dwar in-numru ta' impjegati, l-impjegati li jaħdmu bix-xiftijiet ta' matul il-lejl, l-impjegati nisa u l-impjegati taħt l-età.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*

Jekk min iħaddem jinforma lill-aġenzija tas-sigurtà soċjali aktar tard minn ġurnata wara li jkun iffirmat kuntratt tax-xogħol hu jkollu jħallas multa. Fil-każ li ma jirreġistrax ma' l-Ispettorat tax-Xogħol, l-ebda multa mhi prevista.

*F. Rimarki*
-

---

**Il-Litwanja**

*A. Kuntatti obbligatorji*
Kuntatt wieħed: Il-Fond ta' l-Assigurazzjoni Soċjali, dipartiment territorjali.

*B. Proċeduri amministrattivi*
Proċedura waħda: Għandha timtela formola u tintbagħat f'kopja fuq karta (iffirmata) lill-Fond ta' l-Assigurazzjoni Soċjali, lid-dipartiment territorjali, fil-ġurnata wara l-iffirmar tal-kuntratt tax-xogħol.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*
Il-formola hi disponibbli fuq l-internet (www.sodra.lt) iżda għandha tintbagħat lill-Assigurazzjoni Soċjali bil-miktub (b'posta normali).

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*
Kopja tal-kuntratt tax-xogħol, kopja tal-passaport ta' min iħaddem, dettalji tal-kuntatt ta' min iħaddem u ta' l-impjegat, rata tal-kontribuzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni soċjali.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
Jekk min iħaddem jinforma lill-Fond ta' l-Assigurazzjoni Soċjali aktar minn ġurnata tard wara l-iffirmar tal-kuntratt, dan għandu jħallas multa.

*F. Rimarki*
-

---

**Il-Lussemburgu**

*A. Kuntatti obbligatorji*
Tliet kuntatti:
1. Amministrazzjoni ta' l-Impjiegi (*Administration de l'emploi*, ADEM)
2. Sigurtà Soċjali (*Centre Commun de la Sécurité Sociale*, CCSS)
3. Servizz Mediku (*Service de la Santé au Travail*)

*B. Proċeduri amministrattivi*
Erba' proċeduri:
1. Il-kumpanija għandha tirrapporta lill-ADEM dwar il-post battal
2. L-ADEM għandha tkun infurmata wkoll li l-post battal ikun imtela.

3. Mhux aktar minn tmint ijiem wara li jinbeda l-impjieg, l-intrapriża għandha tinforma lis-sigurtà soċjali bir-relazzjoni ta' l-impjieg. Is-CCSS jaħdem bħala *one-stop-shop* għall-kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali u jittrasferixxi l-informazzjoni lil fergħat oħra tas-sigurtà soċjali. Is-CCSs jibgħat riċevuta lil min iħaddem li tkun tinkludi wkoll l-informazzjoni li tkun ġiet reġistrata mis-CCSS għall-verifika.
4. Min iħaddem għandu jorganizza analiżi tas-saħħa speċjali għall-impjegat il-ġdid fis-servizz mediku (analiżi tas-saħħa għandha ssir b'mod regolari, jiġifieri darba fis-sena għall-ħaddiema u darba kull ħames snin għall-impjegati klerikali).

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*

Għall-informazzjoni ta' l-ADEM fir-rigward tal-post battal, teżisti formola speċjali li hi disponibbli fl-internet (www.etat.lu/adem/). Kopja tar-riklam ta' l-impjieg tista' wkoll tkun biżżejjed.

Il-formoli tas-sigurtà soċjali huma disponibbli on-lajn (www.ccss.lu).

Informazzjoni dwar l-analiżi tas-saħħa hi disponibbli on-lajn.

(www.etat.lu/MS/MED_TRAV/index.htm).

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta*

L-ADEM għandha tkun infurmata dwar in-natura tal-post battal (eż. billi tintbagħat kopja jew ir-riklam ta' l-impjieg).

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*

1. Intrapriżi li jonqsu milli jinfurmaw lill-ADEM dwar post battal jistgħu jkunu penalizzati, eż. bit-twaqqif tal-benefiċċji.
2. Intrapriżi li jinfurmaw lis-CCSS tard wisq jew b'mod inadegwat jistgħu jeħlu multa li tlaħħaq l-2,500 Ewro.
3. Min iħaddem u ma jirrispettax l-obbligi fir-rigward ta' l-ispezzjonijiet mediċi jista' jeħel multi skond l-Art. 25 tal-liġi tas-17 ta' Ġunju 1994.

*F. Rimarki*

Hemm ċertu inċentivi speċjali għar-reklutaġġ ta' persuni bla xogħol.

---

**L-Olanda**

*A. Kuntatti obbligatorji*

Erba' kuntatti:

1. L-Organizzazzjoni ta' l-Implimentazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (*Uitvoering Werknemersverzekeringen*, UWV)
2. Uffiċċju tat-Taxxa (Belastingsdienst)
3. Assigurazzjoni tas-Saħħa (Ziekenfonds) (tiddependi mill-paga ta' l-impjegat, ara hawn taħt)
4. *Arbodienst*

*B. Proċeduri amministrattivi:*

Sitt proċeduri:

1. Min iħaddem għandu jirreġistra lilu nnifsu mas-sigurtà soċjali. Fuq talba, hu jirċievi numru ta' reġistrazzjoni u formola li għandha timtela u tintbagħat lura.
2. Min iħaddem għandu jirreġistra lill-impjegat il-ġdid mas-sigurtà soċjali.
3. Min iħaddem għandu wkoll jirreġistra lilu nnifsu ma' l-awtoritajiet fiskali biex jirċievi l-kowd tal-P.A.Y.E. (anke bil-mili ta' formola).
4. Min iħaddem għandu jiddetermina l-firxa fiskali ta' l-impjegat (tariffa) u jirreġistrah ma' l-awtoritajiet fiskali.
5. Fil-każ li l-paga ta' impjegat tkun anqas minn ċertu limitu (€ 32,600 p.a. fl-2004) l-impjegat għandu jiġi reġistrat ma' assigurazzjoni tas-saħħa.
6. Kuntratt għal servizz ta' taħriġ ta' min iħaddem dwar obbligi statutorji (Arbodienst). Għal min iħaddem u jkollu anqas minn 25 impjegat hemm sistema semplifikata, eż. dawn it-tali m'għandhomx jistabbilixxu skema dettaljata ta' evalwazzjoni tar-riskji.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*
Il-formoli huma disponibbli fuq l-internet u jistgħu jimtlew on-lajn.
Informazzjoni dwar ir-reklutaġġ hi disponibbli wkoll mill-Kamra tal-Kummerċ lokali jew fuq www.kvk.nl.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*
-

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
-

*F. Rimarki*
Bħalissa qed jitwettqu proġetti pilota b'*one-stop-shops*.

---

**L-Awstrija**

*A. Kuntatti obbligatorji:*
Żewġ kuntatti:
1. Assigurazzjoni Soċjali. L-assigurazzjoni tas-saħħa reġjonali (Gebietskrankenkasse) taħdem bħala *one-stop-shop* għall-fergħat kollha ta' l-assigurazzjoni soċjali (pensjoni għall-anzjani, inċidenti) u tibgħat ukoll id-data lis-servizz pubbliku ta' l-impjieg ("*Arbeitsmarktservice*").
2. Il-Muniċipalità.

*B. Proċeduri amministrattivi:*
Erba' proċeduri:
1. Jekk min iħaddem jirrekluta għall-ewwel darba, huwa għandu japplika għal "numru tal-kont ta' min iħaddem" (*Dienstgeber-Kontonummer*). Għal dan, jeħtieġ li timtela formola speċjali u tintbagħat lill-Assigurazzjoni Soċjali. L-assigurazzjoni soċjali toħroġ dan in-numru fi żmien ġimgħa.
2. Impjegat ġdid għandu jiġi reġistrat fi żmien ġimgħa mill-bidu tax-xogħol tiegħu. Ir-reġistrazzjoni tista' ssir permezz ta' formola speċjali li tista' tintbagħat on-lajn, bil-posta normali jew bil-fax. Il-formola għandha timtela fi tliet kopji, bil-kopji kollha

jintbagħtu lill-assigurazzjoni soċjali. Meta l-formoli jkunu ġew proċessati, żewġ kopji jintbagħtu lura lil min iħaddem, li għandu jagħti waħda minnhom lill-impjegat. / (Ir-reġistrazzjoni ta' l-impjegat tista' ssir anke jekk min iħaddem ikun għadu ma rċeviex in-numru tal-kont ta' min iħaddem. F'dan il-każ, ir-rimarka "ġdid", għandha tkun inkluża minflok in-numru tal-kont ta' min iħaddem fil-formola tar-reġistrazzjoni ta' l-impjegat. Hekk kif min iħaddem jirċievi n-numru tal-kont tiegħu, l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata.)

3. Malli jimpjega l-ewwel persuna, min iħaddem għandu jissieħeb ukoll fi skema li tiżgura l-ħlas ta' pagamenti mitluba fir-rigward ta' l-għeluq tal-kuntratt (*Mitarbeiter-Vorsorgekasse*). Il-ġbir tal-kontribuzzjonijiet (1.53% tal-paga) jsir mill-assigurazzjoni tas-saħħa.
4. Min iħaddem għandu jinforma wkoll lill-muniċipalità għall-iskopijiet tat-taxxa tal-komunità.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*

Il-formoli biex ikun reġistrat impjegat huma disponibbli fl-uffiċji lokali ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa, fuq l-internet (ir-reġistrazzjoni on-lajn hi possibbli) fuq www.sozialversicherung.at (din il-paġna tipprovdi *links* ma' l-assigurazzjonijiet soċjali reġjonali) jew jistgħu jintbagħtu lil min iħaddem fuq talba ta' l-Assigurazzjoni Soċjali.
Informazzjoni dettaljata tista' tinkiseb ukoll mill-Kmamar Ekonomiċi reġjonali.
Il-formola għar-reġistrazzjoni flimkien ma' l-iskema li tiżgura l-ħlas ta' pagamenti mitlbua fir-rigward ta' l-għeluq tal-kuntratt tista' titniżżel minn fuq ww.vbv.co.at.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*

L-informazzjoni meħtieġa biex isir kuntatt/ biex jiġi identifikat l-impjegat u min iħaddem; id-data tal-bidu ta' l-impjieg, is-salarju, il-kont tal-bank ta' l-impjegat.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*

Multi ta' bejn 730 Ewro u 2,180 Ewro (fil-każ ta' att ripetut, multi ta' bejn 2,180 Ewro u 3,630 Ewro). F'każi estremi, sentenza ta' ġimagħtejn ħabs hi possibbli (paragrafu 11 ASVG).

*F. Rimarki*

-

---

## Il-Polonja

*A. Kuntatti obbligatorji*

Tliet kuntatti (f'ċertu każijiet, erbgħa).

1. L-Istituzzjoni tas-Sigurtà Soċjali
2. L-Ispettorat tas-Sanità
3. L-Ispettorat tax-Xogħol
4. Aġenzija ta' l-impjiegi ta' l-Istat (biss fil-każ li l-persuna impjegata kienet irreġistrata bħala qiegħda)

*B. Proċeduri amministrattivi*

Tliet jew erba’ proċeduri (jiddependi jekk l-impjegat kienx irreġistrat bħala qiegħed):

1. Min iħaddem għandu jinforma lill-istituzzjoni ta’ l-assigurazzjoni soċjali fi żmien sebat ijiem mill-iffirmar tal-kuntratt tax-xogħol billi jimla formola (ara hawn taħt).
2. Fi żmien 14-il ġurnata, l-ispettorat tas-sanità għandu jkun infurmat, speċjalment jekk l-impjegat ikun żagħżugħ jew mara u/jew jekk ikun jew tkun involut/a fil-proċess ta’ produzzjoni tal-kumpanija.
3. Fi żmien 30 ġurnata mill-bidu tan-negozju, l-ispettorat tax-xogħol għandu jkun infurmat.
4. Għal dawk reġistrati bħala qiegħda, l-aġenzja ta’ l-impjiegi ta’ l-Istat għandha tkun infurmata fi żmien ħamest ijiem.

*Ċ. Disponibilità ta’ informazzjoni u formoli*

Il-formoli kollha li għandhom jimtlew jistgħu jinkisbu mill-istituzzjonijiet stess jew minn Ċentri ta’ Konsulenza u ta’ Pariri (PKDs) immexxija mill-Aġenzija Pollakka għall-Intrapriża u l-Iżvilupp (PAED). Il-formola għar-reġistrazzjoni ma’ l-Assigurazzjoni Soċjali tista’ timtela on-lajn (www.zus.gov.pl).
Hemm ukoll sors ċentrali wieħed għall-informazzjoni kollha, l-Aġenzija Pollakka għall-Intrapriża u l-Iżvilupp (PAED) li tmexxi aktar minn 150 Ċentri ta’ Konsulenza u Pariri (PKDs) għall-intrapriżi li minnhom in-negozji jistgħu, mingħajr ħlas, jiksbu informazzjoni dwar prattikament il-kwistjonijiet legali u amministrattivi kollha.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta*

Ġeneralment l-isem, l-indirizz, in-numru ta’ identifikazzjoni ta’ min iħaddem u ta’ l-impjegat. Għall-ispezzjoni sanitarja, l-ispeċifikazzjoni wkoll tal-proċessi ta’ produzzjoni, l-ispezzjoni tax-xogħol: post u tip ta’ l-impjieg.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b’mod korrett*

Dawk li jħaddmu u ma jimxux mar-regolamenti fir-rigward ta’ l-ispettorat tax-xogħol jew l-assigurazzjoni soċjali jistgħu jeħlu multa. Hu possibbli wkoll li l-ispettorat tax-xogħol iressaq ilment quddiem il-Qorti tax-Xogħol kontra min iħaddem. F’każ li jonqos milli jinforma (fi żmien 30 ġurnata), lill-ispettur kompetenti tax-xogħol u lill-ispettur sanitarju ta’ l-Istat kompetenti, il-multa tista’ tkun ta’ bejn 20 u 5000 PLN. F’każ li l-Assigurazzjoni Soċjali ma tingħatax l-informazzjoni meħtieġa (jew tingħata informazzjoni falza) il-multa tista’ tammonta għal 5000 PLN. F’każ li l-aġenzija ta’ l-impjiegi ta’ l-Istat ma tkunx infurmata dwar ir-reklutaġġ ta’ persuna reġistrata bħala qiegħda, il-multa tkun ta’ mill-inqas 3000 PLN.

*F. Rimarki*

L-ispettorat tax-xogħol u l-ispettorat tas-sanità għandhom ikunu infurmati għall-ewwel impjegat biss. L-ispezzjonijiet għandhom jerġgħu jiġu kkuntattjati biss jekk il-post, it-tip jew l-għan ta’ l-operazzjonijiet jinbidlu, b’mod speċjali fejn dan jista’ jwassal għal riskji akbar għas-saħħa ta’ l-impjegati.

---

**Il-Portugall**

*A. Kuntatti obbligatorji:*

Tliet kuntatti:
1. Sigurtà soċjali
2. Obbligu ta' l-assigurazzjoni ta' min iħaddem (kontra l-inċidenti fuq ix-xogħol)
3. Servizz mediku/tabib

*B. Proċeduri amministrattivi:*
Tliet proċeduri:
1. Min iħaddem għandu jirreġistra lilu nnifsu mas-sigurtà soċjali bħala persuna li tħaddem. Sa mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratti ta' l-impjieg, is-sigurtà soċjali għandha tkun infurmata dwar ir-relazzjoni ta' l-impjieg bil-miktub billi timtela l-formola RV1009.
2. Qabel ma jkun iffirmat kuntratt, min iħaddem għandu jwettaq assigurazzjoni għall-inċidenti fuq ix-xogħol.
3. Eżami mediku ta' l-impjegat.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*
Il-formola RV1009 li tavża lis-sigurtà soċjali dwar l-impjieg hi disponibbli fuq l-internet (www.seg-social.pt). Fuq dan l-indirizz min iħaddem jista' jsib ukoll informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta*
Sigurtà soċjali: L-isem u d-dettalji tal-kuntatt ta' min iħaddem u ta' l-impjegat, in-numru tas-sigurtà soċjali.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
Min iħaddem u ma jikkonformax mal-proċeduri u ma jinfurmax lis-sigurtà soċjali dwar il-kuntratt tax-xogħol jista' jeħel multa. Il-multa tiddependi mill-fatturat tal-kumpanija u minn jekk l-offiża kinitx minuri jew serja. Anke għall-kumpanija żgħira, il-multa tista' tkun ta' diversi mijiet ta' Ewro f'każijiet serji.

*F. Rimarki*
-

---

**Il-Finlandja**

*A. Kuntatti obbligatorji:*
Erba' kuntatti
1. Amministrazzjoni fiskali
2. Pensjoni ta' l-impjieg
3. Assigurazzjoni għall-inċidenti
4. L-organizzazzjoni għall-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

*B. Proċeduri amministrattivi*
Erba' proċeduri:
1. Min iħaddem għandu jirreġistra lilu nnifsu ma' l-amministrazzjoni fiskali reġjonali biex jirranġa l-pagament tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali li jinqatgħu mill-pagi

mħallsa fuq bażi regolari. Mill-uffiċċju tat-taxxa jirċievi notifika tar-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, l-uffiċċju tat-taxxa jibgħat il-formoli tat-trasferiment bankarju mimlija minn qabel u avviżi ta' monitoraġġ ta' kull xahar dwar il-pagi u t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mnaqqsa f'ras il-għajn.

2. Min iħaddem għandu jipprovdi għall-impjegat assigurazzjoni statutarja għall-pensjoni ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni xierqa. L-applikazzjoni għall-assigurazzjoni għall-pensjoni għandha tkun iffirmata, mimlija u mibgħuta lura lill-kumpanija ta' l-assigurazzjoni tal-pensjoni bil-posta jew bl-idejn. Min iħaddem għandu jinforma lill-kumpanija ta' l-assigurazzjoni meta r-relazzjoni tax-xogħol attwali tibda jew tintemm. L-assigurazzjoni għandha ssir sa tliet xhur mill-bidu ta' l-impjieg.
3. Min iħaddem għandu jipprovdi għall-impjegat assigurazzjoni statutarja kontra l-inċidenti ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni xierqa. Il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni huma disponibbli fuq il-*websites*. Meta ssir l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti, il-kumpanija assigurattiva tiġbor ukoll minn min iħaddem il-primjums għall-assigurazzjoni kontra l-qgħad u l-primjums għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja tal-grupp ta' min iħaddem flimkien mal-primjums għall-assigurazzjoni kontra l-inċidenti.
4. Min iħaddem, bi spejjeż tiegħu, huwa responsabbli biex jipprovdi kura tas-saħħa preventiva għall-impjegati tiegħu. Jekk meħtieġ, min iħaddem għandu jieħu ħsieb ukoll tat-trattament mediku u s-servizzi tal-kura tas-saħħa l-oħra. L-impjegati kollha għandhom ikunu koperti minn servizz tal-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol irrispettivament mid-daqs, post jew linja tan-negozju. Min iħaddem jista' jorganizza s-servizzi tal-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol billi: a) jikseb is-servizzi li jeħtieġ minn ċentru tas-saħħa li hemm referenza għalih fl-Att Primarju dwar il-Kura tas-Saħħa (66/1972); b) jieħu ħsieb is-servizzi tal-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol hu stess jew flimkien ma' oħrajn li jħaddmu; jew ċ) jikseb is-servizzi li jeħtieġ minn taqsima jew persuna oħra intitolata li tipprovdi servizzi tal-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol. Min iħaddem u dak li jipprovdi s-servizzi tal-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol għandhom iħejju ftehim bil-miktub dwar l-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol, li għandu jindika l-arranġamenti ġenerali għall-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol u l-kontenut u l-kopertura tas-servizzi.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*

*Reġistrazzjoni fiskali u formoli*

Il-formoli ta' reġistrazzjoni fiskali jistgħu jinkisbu mill-*website* ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa www.vero.fi. Ġeneralment, il-formoli huma disponibbli on-lajn. Il-formoli għandhom jiġu stampati, mimlija u mibgħuta lill-uffiċċju tat-taxxa. Kważi l-formoli u l-pubblikazzjonijiet kollha tat-taxxa huma disponibbli bl-Ingliż.
www.vero.fi/nc/doc/download.asp?id=3077;76574
www.vero.fi/default.asp?language=ENG&domain=VERO_ENGLISH

*Is-Sistema Finlandiża ta' l-Informazzjoni dwar in-Negozju*

Is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar in-Negozju BIS hi servizz konġunt għall-intrapriżi u l-komunitajiet involuti fi tranżazzjonijiet mar-Reġistru Kummerċjali Finlandiż, ir-Reġistru tal-Fondazzjonijiet jew l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Punti ġodda jinkludu kodiċi tan-negozju konġunt u formoli konġunti ta' l-applikazzjoni. Formoli tal-BIS

jinsabu fuq l-internet www.ytj.fi: Imla u stampa. Wara ibgħat bil-posta bil-firma tiegħek.

*Kumpaniji ta' l-assigurazzjoni Finlandiżi*

Il-Federazzjoni tal-Kumpaniji ta' l-Assigurazzjoni Finlandiżi hi assoċjazzjoni kummerċjali u entità ta' kooperazzjoni għall-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni li joperaw fil-Finlandja. Il-lista tal-kumpaniji li jassiguraw għall-pensjoni u tal-kumpaniji ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja tista' ssibha fuq www.vakes.fi/svk/english. Il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni kollha għandhom informazzjoni dwar l-assigurazzjonijiet u s-servizzi u l-formoli għall-applikazzjoni għall-assigurazzjoni u għat-twettiq ta' modifiki.

*Ċentru għall-Pensjonijiet tal-Finlandja*

Iċ-Ċentru għall-Pensjonijiet tal-Finlandja www.etk.fi hu l-organu ċentrali ta' l-iskema statutarja Finlandiża tal-pensjonijiet marbuta mal-qligħ u huwa wkoll espert fil-provvista tal-pensjoni. L-għan tiegħu hu li b'mod effiċjenti jipprovdi pensjoni ġusta għall-impjegati u għall-persuni li jaħdmu għal rashom. Dawn il-paġni jipprovdu informazzjoni għall-persuni interessati fi kwistjonijiet marbuta mal-pensjonijiet. Informazzjoni individwali u ġenerali dwar il-pensjonijiet hi disponibbli fis-servizz www.Tyoelake.fi, li hu servizz komuni ta' l-internet għall-iskema tal-pensjoni marbuta mal-qligħ.

*Assigurazzjoni għal kontra l-inċidenti*

Il-Federazzjoni ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Assigurazzjonijiet kontra l-Inċidenti (FAII) www.vakes.fi/tvl/english taħdem bħala l-organu koordinattiv ta' l-organizzazzjonijiet kollha li huma involuti fl-assigurazzjoni statutorja kontra l-inċidenti. Il-formoli għall-assigurazzjoni kontra l-inċidenti huma disponibbli mill-paġni tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti. Fil-prattika, il-kumpaniji l-kbar ta' l-assigurazzjoni għall-pensjoni għandhom servizzi on-lajn.

*L-Awtorità ta' Superviżjoni ta' l-Assigurazzjoni (ISA)*

L-Awtorità ta' Superviżjoni ta' l-Assigurazzjoni (ISA) www.vakuutusvalvonta.fi hija istituzzjoni li taqa' taħt il-Ministeru ta' l-Affarijiet Soċjali u s–Saħħa iżda li għandha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet b'mod indipendenti. Fil-paġni ta' l-ISA hemm lista ta' kumpaniji li jaqgħu taħt is-superviżjoni ta' l-ISA, li jinkludu istituzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-pensjoni u kumpaniji oħra li joperaw fin-negozju ta' l-assigurazzjoni.

*Il-Federazzjoni ta' l-Intrapriżi Finlandiżi - SY*

Il-Federazzjoni ta' l-Intrapriżi Finlandiżi www.yrittajat.fi hi organizzazzjoni li hija mmirata l-aktar għall-intrapriżi żgħar u medji u tikkonċentra fuq l-istrateġiji politiċi marbuta mal-intraprenditorija, in-negozju u min iħaddem. SY għandha l-paġni tagħha fuq il-gwida ABC maħsuba għal min iħaddem li tagħti informazzjoni fuq l-obbligi differenti ta' min iħaddem.

*Servizz* on-lajn *ta'* Enterprise Finland

Is-servizz on-lajn *Enterprise Finland* www.enterprisefinland.fi jipprovdi l-informazzjoni dwar l-obbligi lejn l-awtoritajiet pubbliċi li jeħtieġu li jkunu meqjusa meta titwaqqaf intrapriża u meta persuna tieħu r-rwol ta' min iħaddem. F'*Enterprise Finland* hemm ukoll informazzjoni dwar dan li ġej: it-twaqqif ta' negozju, l-infiq pubbliku speċjali, il-kontabilità, it-tassazzjoni u l-awditjar, l-obbligi ta' min iħaddem u r-regoli tal-ħajja tax-xogħol (agħżel Informazzjoni għal Min Iħaddem (*Employer Information*).

*L-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali tal-Finlandja - Kela*

KELA www.kela.fi tipprovdi sigurtà bażika għall-persuni kollha residenti fil-Finlandja, billi tkopri l-fażijiet differenti ta' ħajjithom. Barra mir-residenti tal-Finlandja, aħna nservu wkoll lil dawk il-persuni li, minkejja li jgħixu barra l-Finlandja, huma koperti mil-leġiżlazzjoni Finlandiża dwar is-sigurtà soċjali. Aktar informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa fuq ix-xogħol tista' ssibha fuq il-paġni tal-Kela.

*Informazzjoni dwar il-Leġiżlazzjoni tax-Xogħol*
Il-liġijiet u l-fuljetti dwar ix-xogħol huma disponibbli fuq il-paġni tal-Ministeru tax-Xogħol www.mol.fi. Il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa hu responsabbli għall-ħarsien tax-xogħol fuq livell nazzjonali www.stm.fi. Hu d-dmir ta' l-awtoritajiet għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol li jwettqu superviżjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol. Fuq il-livell lokali, l-uffiċjali ta' tmien spettorati tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (spetturi) iwettqu superviżjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol www.tyosuojelu.fi.

*Servizzi taċ-Ċentru tas-Servizzi għal Dawk li Jħaddmu numru żgħir ta' impjegati*
Iċ-Ċentru tas-Servizzi għal Dawk li Jħaddmu numru żgħir ta' impjegati, li jopera fi ħdan l-uffiċċju għall-impjiegi f'Kouvola, jipprovdi lill-familji u l-intrapriżi b'pariri u għajnuna dwar temi marbuta ma' l-obbligi ta' min iħaddem u r-relazzjonijiet tax-xogħol. Iċ-ċentru jservi lil Finlandja kollha. Hemm miżata għal dawn is-servizzi iżda l-prezzijiet huma raġonevoli.
Awtorizzat minn min iħaddem, iċ-Ċentru tas-Servizzi għal Dawk li Jħaddmu numru żgħir ta' impjegati jieħu ħsieb ta' l-amministrazzjoni tal-lista tal-pagi, tal-ħlas tal-pagi, kif ukoll ta' pagamenti u notifiki oħra marbuta ma' l-obbligi ta' min iħaddem. Iċ-Ċentru tas-Servizzi jieħu ħsieb ukoll il-kuntratti statutorji ta' l-assigurazzjoni u l-pagament ta' primjums relatati. Dan is-servizz hu maħsub għal intrapriżi b'anqas minn għaxar impjegati.
Iċ-Ċentru tas-Servizzi jipprovdi konsulenza lil dawk kollha li jħaddmu (mingħajr limiti ta' daqs) u lill-impjegati dwar kwistjonijiet marbuta max-xogħol, permezz ta' konsulenza li għaliha trid titħallas miżata u permezz ta' *helpline* tas-servizz.
Il-*helpline* (bil-ħlas ta' miżata) taċ-Ċentru tas-Servizzi għal Dawk li Jħaddmu numru żgħir ta' impjegati hu 0200 6600 (Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8 ta' filgħodu sal-4.15 ta' wara nofsinhar, miżata tas-servizz: 1 Ewro kull minuta + spejjeż tan-netwerk lokali). Il-konsulenza tista' tingħata anke bl-Ingliż.

*Palkka.fi servizz* on-lajn
Is-servizz Palkka jinsab fuq l-internet. Hawnhekk tista' ssib wkoll lista ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni għall-pensjoni u ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja li għamluha possibbli li jiġi offrut dan is-servizz. L-għan hu li s-servizz isir ta' użu komuni f'Awissu 2005.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta*
Għar-reġistrazzjoni ta' min iħaddem, għandha tkun ipprovduta primarjament informazzjoni ġenerali dwar l-isem tal-kumpanija, dettalji tal-kuntatt tal-kumpanija u ta' l-intraprenditur, numri ta' identifikazzjoni, tip u daqs tan-negozju, perjodu tal-kontabilità, il-ġurnata li fiha jinbdew jitħallsu regolarment il-pagi.
Applikazzjoni għas-servizzi tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol tipprovdi l-informazzjoni normali għall-kuntatt (min iħaddem, kumpanija, qasam tan-negozju, skop tal-ftehim (statutorju jew komprensiv) u xi kultant numru ta' impjegati.
Applikazzjoni għall-assigurazzjonijiet tipprovdi informazzjoni normali għall-kuntatt (l-isem ta' sid il-polza fis-sħiħ, numru ta' identità tan-negozju jew numru tas-sigurtà soċjali, indirizz, isem tal-persuna ta' kuntatt, informazzjoni dwar il-pussess, meta beda l-ewwel impjieg u xi informazzjoni addizzjonali bħal jekk hemmx assigurazzjoni għall-grupp ta' impjegati. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' informazzjoni dettaljata dwar l-

impjegat (kunjom u isem, numru tas-sigurtà soċjali, data tal-bidu ta' l-impjieg, salarju inizjali).

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*
*Superviżjoni ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' l-assigurazzjoni għall-pensjoni*
Iċ-Ċentru Finlandiż għall-Pensjonijiet www.etk.fi hu responsabbli mis-superviżjoni ta' l-assigurazzjoni tal-pensjoni marbuta mal-qligħ. Jekk min iħaddem jonqos milli jassigura l-impjegati tiegħu jew tagħha, hu jew hi jirċievu nota ta' tfakkir miċ-Ċentru Finlandiż għall-Pensjonijiet sabiex dan in-nuqqas ikun korrett fi żmien raġonevoli. Jekk min iħaddem jonqos milli jagħmel dan, iċ-Ċentru Finlandiż għall-Pensjonijiet għandu jipprovdi assigurazzjoni għall-impjegati ma' min jipprovdi l-assigurazzjonijiet, f'isem min iħaddem u bi spejjeż tiegħu jew tagħha. Il-kontribuzzjoni tista' tkun id-doppju ta' l-ammont normali tal-perjodu tan-nuqqas.

*Assigurazzjoni għal kontra l-inċidenti*
Min iħaddem hu obbligat li jipprovdi lill-ħaddiema b'assigurazzjoni statutarja għall-kumpens jekk ikollu impjegati li jaħdmulu għal ta' l-anqas 12-il ġurnata f'sena kalendarja. Jekk ikun ovvju, mal-bidu tar-relazzjoni tax-xogħol, li l-limitu ta' żmien ta' 12-il ġurnata se jinqabeż, l-assigurazzjoni għandha ssir immedjatament. Istituzzjoni ta' l-assigurazzjoni ma tistax tiċħad applikazzjoni għal polza ta' l-assigurazzjoni. Ir-responsabbiltà ta' l-assiguratur hija meqjusa li tibda fiż-żmien li l-istituzzjoni ta' l-assigurazzjoni jew l-aġent tagħha ikunu jistgħu juru li rċevew l-applikazzjoni għall-assigurazzjoni. Jekk min iħaddem jonqos milli jipprovdi l-assigurazzjoni għall-kumpens tal-ħaddiema u jkun hemm inċident, il-Federazzjoni ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Assigurazzjoni għal kontra l-Inċidenti (FAII) www.vakes.fi/tvl/english/ tipprovdi indennizz lill-impjegat u wara tgħaddi l-ispejjeż lil dak ikkonċernat (jiġifieri lil min iħaddem) għall-primjum addizzjonali ta' l-assigurazzjoni.

*Nuqqas ta' arranġament dwar il-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol*
Min iħaddem jew ir-rappreżentant tiegħu li deliberatament jew minħabba traskuraġni jonqos milli josserva d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (1383/2001) dwar l-arranġament tas-servizz tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jew li ma jkunx konformi mad-deċiżjoni ta' l-awtorità għall-ħarsien tax-xogħol dwar in-natura tad-dmir ta' l-arranġament tas-servizzi għandu jeħel multa għan-nuqqas ta' arranġament ta' servizzi tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol

*F. Rimarki*
Il-proċeduri amministrattivi msemmija hawn fuq ma jwaqqfux l-iffirmar ta' kuntratt tax-xogħol. Assigurazzjoni għal kontra l-inċidenti għandha ssir qabel ma' l-impjegat jibda xogħlu/xogħolha.

---

**L-Iżvezja**

*A. Kuntatti obbligatorji:*
Żewġ kuntatti:

1. Uffiċċju ta' l-impjieg pubbliku
2. Amministrazzjoni tat-taxxa (uffiċċju tat-taxxa). L-uffiċċju tat-taxxa għandu jkun ikkuntattjat biss għall-ewwel impjegat.

*B. Proċeduri amministrattivi*

Żewġ proċeduri:

1. Ħlief f'xi każi speċjali (eż. perjodi ta' l-impjieg qosra ħafna), l-uffiċċju ta' l-impjiegi għandu jkun infurmat bil-post battal (deskrizzjoni tax-xogħol, kwalifiki meħtieġa, eċċ) u wara dan jiġi ppubblikat mill-uffiċċju ta' l-impjiegi.
2. Qabel ma tibda r-relazzjoni tax-xogħol, l-intrapriża għandha tinforma lill-uffiċċju tat-taxxa bil-miktub bil-ħsieb tagħha li tibda tħaddem u sabiex tiġi reġistrata fir-reġistru ta' min iħaddem. (Ladarba reġistrat, min iħaddem jirċievi l-informazzjoni u l-formoli meħtieġa sabiex jinżammu t-taxxi, titħallas is-sigurtà soċjali, eċċ.). Ir-reġistrazzjoni tieħu bejn ġimagħtejn u sitt ġimgħat iżda l-impjieg jista' jibda qabel tintemm ir-reġistrazzjoni.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*

1. L-informazzjoni dwar il-post battal tista' tingħata lill-uffiċċju ta' l-impjiegi bit-telefon, bil-posta eċċ. Hu possibbli wkoll li jintuża servizz on-lajn biex ikun reġistrat post battal (http://annonseradirekt.ams.se).
2. Il-formola għar-reġistrazzjoni ma' l-uffiċċju tat-taxxa preżentement tista' timtela on-lajn biss għall-kumpaniji privati li għadhom kif jibdew.

Informazzjoni ġenerali għal dawk li se jibdew iħaddmu għall-ewwel darba tista' tingħata minn ALMI Företagspartner (www.almi.se), li huma rappreżentanti f'kull kontea fl-Isvejza. L-Aġenzija Svediża għall-Iżvilupp tan-Negozju (NUTEK) għandha servizz ta' *call centre* b'xejn (Startlinje), fejn jingħataw servizzi ta' informazzjoni u konsulenza marbuta ma' temi ta' impjieg ġdid. NUTEK (www.nutek.se) tipprovdi wkoll informazzjoni dwar ix-xogħol permezz ta' "*Företagarguiden*". Informazzjoni speċifika dwar impjieg ġdid u xi jfisser għal min iħaddem tista' tinkiseb ukoll mill-Uffiċċju tax-Xogħol u mill-Uffiċċju tat-Taxxa. L-Uffiċċju tat-Taxxa jorganizza wkoll laqgħat speċjali ta' informazzjoni għan-negozji l-ġodda, darba fix-xahar, ħlief f'Lulju u Awissu.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*

-.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*

1. Dawk li jħaddmu u li deliberatament jew minħabba traskuraġni kbira, jonqsu milli jħabbru l-postijiet battala lill-uffiċċju ta' l-impjieg pubbliku jew jipprovdu informazzjoni ħażina, se jeħlu multa.
2. Dawk li jħaddmu u li ma jirreġistrawx ma' l-uffiċċju tat-taxxa u ma jħallsux taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali jeħlu multa b'rata fissa. Jekk il-formoli tat-taxxa jaslu tard hemm multa addizzjonali ta' SEK 500 (f'ċertu każi SEK 1,000)

*F. Rimarki*

Inċentivi speċjali

Min iħaddem igawdi minn tnaqqis speċjali ta' 5% fuq ir-rata bażi fuq il-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali (paga u benefiċċji), tnaqqis li iżda ma jaqbiżx it-3,090 SEK/xahar.
Sa mis-sena 2002 hemm ukoll tnaqqis estiż f'żoni ta' żvilupp (ċertu partijiet ta' l-Iżvezja, pereżempju ż-żoni b'popolazzjoni baxxa ħafna fit-Tramuntana ta' l-Iżvezja), fejn jingħata tnaqqis ta' 10% tar-rata bażi fuq il-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali, tnaqqis li iżda ma jaqbiżx is-7,100 SEK/xahar

---

**It-Turkija**

*A. Kuntatti obbligatorji:*
Sitt kuntatti:
1. Il-Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali (CSGB)
2. L-Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni Soċjali għall-Impjegati (SSK)
3. Il-Kamra tal-Kummerċ jew l-assoċjazzjoni professjonali rilevanti
4. Nutar
5. Il-Kamra tal-Kontabilisti
6. Il-Kap tad-Distrett ("mukhtar") (Kull distrett f'belt jagħżel "*mukhtar*" biex iwettaq ċertu proċeduri amministrattivi f'isem il-persuni tad-distrett bħall-ħruġ ta' kampjun tal-karta ta' l-identità, ċertifikat ta' residenza, eċċ.)

*B. Proċeduri amministrattivi*
Tmien proċeduri (eż. mili ta' xi formoli speċifiċi, kisba ta' xi dokumenti ċertifkati/notarizzati li għandhom jintbagħtu lill-istituzzjonijiet relatati għar-reġistrazzjoni għal min iħaddem jew għall-impjegati tiegħu):
1. Reġistrazzjoni għal min iħaddem ma' l-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali billi timtela u tiġi ffajljata l-formola ta' "SSK Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol"
2. Bħala anness għall-formola ta' "SSK Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol", "Dokument tal-Kamra" għandu jinkiseb mill-Kamra jew Assoċjazzjoni rilevanti u għandha tintbagħat lill-Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni Soċjali.
3. Bħala anness għall-formola ta' "SSK Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol", "Ċertifikat ta' Residenza ta' Min Iħaddem" u "Kampjun tal-Karta ta' l-Identità ta' Min Iħaddem" għandha tinkiseb mill-Kap tad-Distrett rilevanti (*mukhtar*) u għandhom jintbagħtu lill-Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni Soċjali.
4. Bħala anness għall-formola ta' "SSK Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol", "Ċirkolari Ffirmata min-Nutar" għandha tinkiseb mingħand Nutar Pubbliku u għandha tintbagħat lill-Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni Soċjali.
5. Bħala anness għall-formola ta' "SSK Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol", formola ta' "Ċertifikazzjoni tal-*Accountant*", li tkun approvata mill-*accountant* ċertifikat tiegħu, għandha timtela u tintbagħat lill-Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni Soċjali.
6. Reġistrazzjoni ta' l-impjegat tiegħu ma' l-Istituzzjoni għall-Assigurazzjoni Soċjali billi timtela u tinbagħat il-formola ta' "SSK Dikjarazzjoni ta' Persuna Assigurata".
7. Reġistrazzjoni ta' min iħaddem mal-Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali billi timtela u tintbagħat il-formola ta' "CSGB Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol".
8. Reġistrazzjoni ta' l-impjegat tiegħu mal-Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali billi timtela u tintbagħat il-formola ta' "CSGB Lista ta' l-Impjegati".

P.S: Bħala anness għall-formoli ta' "SSK Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol" u "CSGB Dikjarazzjoni tal-Post tax-Xogħol" min iħaddem għandu jehmeż xi fotokopji ta' dokumenti bħall-Karta tat-Taxxa, il-Liċenzja tal-Post tax-Xogħol u l-Lista Formali ta' Rekords Legali Ratifikati, eċċ. Madankollu, il-kopja oriġinali ta' dawn id-dokumenti tkun diġà ngħatat minn diversi istituzzjonijiet matul it-twaqqif ta' kumpanija.

*Ċ. Disponibilità ta' informazzjoni u formoli*

Il-formoli kollha li għandhom jimtlew jistgħu jinkisbu mill-istituzzjonijiet stess. Il-formoli għall-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (SSK) huma disponibbli wkoll fuq l-internet (www.ssk.gov.tr). Fis-Sezzjoni ta' Gwida ta' l-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali kif ukoll fil-*website* tal-SSK, hemm fuljetti jew kotba żgħar speċjali dwar l-obbligi ta' min iħaddem.

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun ipprovduta mal-formoli msemmija hawn fuq:

- Indirizz u dettalji oħra tal-kuntatti ta' min iħaddem u ta' l-impjegat,
- Numru ta' l-assigurazzjoni soċjali,
- Numru tat-taxxa,
- Deskrizzjoni tal-post tax-xogħol,
- Deskrizzjoni tax-xogħol,
- Is-settur tal-post tax-xogħol,
- Il-kodiċi tas-settur
- Informazzjoni dwar *accountant*,
- Indirizzi tal-post tax-xogħol,
- Isem u Karta ta' l-Identità ta' min iħaddem u ta' l-impjegat
- Data tal-bidu ta' l-impjieg ta' l-impjegat…eċċ.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*

L-istituzzjonijiet jistgħu jimponu multi f'ammont (wieħed jew kull 3 xhur) mill-paga minima.

*F. Rimarki*

-

---

**Ir-Renju Unit**

*A. Kuntatti obbligatorji*

Żewġ kuntatti:

1. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni (dipartiment tal-Gvern ċentrali responsabbli għall-ġbir tat-taxxa fuq id-dħul u l-ġbir tad-dħul mill-assigurazzjoni nazzjonali)
2. L-Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sikurezza (HSE).

*B. Proċeduri amministrattivi*

Żewġ proċeduri:

1. Min qed iħaddem għall-ewwel darba għandu jirreġistra ma' l-uffiċċju lokali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għall-PAYE. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni jieħu

ħsieb ukoll mill-ġbir ta' l-assigurazzjoni għall-iskopijiet ta' l-assigurazzjoni nazzjonali.

2. Dawk li jħaddmu għandhom ukoll id-dmirijiet, taħt l-Att dwar is-Sikurezza u l-Post tax-xogħol eċċ 1974, li jiżguraw li l-post tax-xogħol tagħhom ikun ħieles mill-periklu. Dawk li jħaddmu għall-ewwel darba għandhom għalhekk jikkuntattjaw lill-Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sikurezza (HSE) biex jingħataw l-informazzjoni.

*Ċ. Disponibilità ta'  informazzjoni u formoli*

Min ser iħaddem jew min iħaddem għall-ewwel darba għandu jikkuntattja lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni għal konsulenza inizjali (li tinkludi introduzzjoni fil-forma ta' *Prospective Employer's Pack* – hemm verżjoni disponibbli fuq l-internet li tista' titniżżel minn fuq http://www. Inlandrevenue.gov.uk /employers/ prospective_emppack.pdf).

Jeżisti wkoll *New Employers' Helpline* maħsub għal dan l-għan, numru tat-Telefown: (0044) 845 60 70 143;

Il-*Helpline* tibgħat *New Employer's Starter Pack* dettaljat, li jinkludi l-formoli kollha meħtieġa (kemm kopja stampata kif ukoll fuq CD-Rom).  Tista' tara u tordna l-formoli on-lajn (http://www.inlandrevenue.gov.uk /employers/ emp-form.htm)

Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni jipprovdi wkoll servizz ta' *Electronic Business for Employers*, fejn min iħaddem jista' jibgħat u jirċievi l-formoli elettronikament. Sessjonijiet ta' informazzjoni huma pprovduti fuq bażi regolari (http://www.inlandrevenue.gov.uk/ebu/ebu2.htm).

L-HSE tipprovdi informazzjoni b'xejn li tinkludi *An Introduction to health and safety – Health and Safety in Small Firms*, u *Toolkit* speċifikament għall-kuntratturi ż-żgħar fil-qasam tal-kostruzzjoni (disponibbli biex jitniżżel mis-sit tal-HSE: http://www.hse.gov.uk/startup/ index.htm).  Hemm ukoll *Health and Safety Starter Pack* disponibbli għall-prezz ta' £30.

Is-Servizz għan-Negozji ż-Żgħar jipproduċa wkoll *No-Nonsense Guide to Government rules and regulations for setting up your business* li hu disponibbli f'kopja stampata u on-lajn fuq http://www.businesslink.gov.uk/bdotg/action/detail?r.s=sl&type=INT_PUBLICATION &itemId=1073793551

*D. Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta minn min iħaddem*

Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni jitlob li min iħaddem għall-ewwel darba jipprovdi informazzjoni għall-iskopijiet tal-PAYE u l-Assigurazzjoni Nazzjonali, inkluż taqsira tal-lista tal-paga fit-tmiem tas-sena fiskali. Dan isir permezz tal-formoli li hemm referenza għalihom hawn fuq.

*E. Sanzjonijiet jekk il-proċeduri ma jiġux applikati b'mod korrett*

-

*F. Rimarki*

-

---

**Anness III: Proċeduri regolari marbuta mar-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat**

F'dawn li ġejjin, il-proċeduri amministrattivi li għandhom jitwettqu minn min iħaddem b'mod regolari huma rrappurtati f'forma standardizzata għal uħud mill-pajjiżi parteċipanti.
L-informazzjoni hi organizzata fil-format segwenti:

*A. Tassazzjoni*
*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
*Ċ.* Sikurezza *fuq il-Post tax-Xogħol*
*D. Eżamijiet mediċi*
*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
*H. Dmirijiet oħra*
*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*

---

**Il-Belġju**

*A. Tassazzjoni*
Xejn ma jinbidel meta intrapriża timpjega impjegat, ħlief mill-obbligu li żżomm ċertu parti mis-salarju.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Hi meħtieġa dikjarazzjoni kull tliet xhur u din issir mis-segretarjat soċjali. Barra minn hekk, dikjarazzjonijiet dwar il-bidliet fis-sistema tax-xogħol (mard, qgħad temporanju..) għandhom ikunu ddikjarati. Dan isir ukoll mis-segretarjat soċjali. Id-dmir prinċipali ta' min iħaddem għalhekk hu li jinforma lis-segretarjat soċjali.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Kull min iħaddem għandu jissieħeb ma' servizz ta' prevenzjoni mill-inċidenti u l-ħarsien fuq ix-xogħol u għall-mediċina industrijali. Dawn is-servizzi se jgħinu lil min iħaddem biex jagħmel analiżi tar-riskji (kull 5 snin), li għandha tkun aġġornata fi pjan ta' azzjoni annwali. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, jiġu ddeterminati obbligi oħra dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u dwar l-eżamijiet mediċi.

*D. Eżamijiet mediċi*
-

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
M'hemmx obbligi addizzjonali għall-kumpaniji b'impjegat wieħed meta mqabbla ma' l-*OPEs.*

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
-

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Dokument wieħed biss marbut ma' regoli bażiċi tar-relazzjoni ta' l-impjieg (ara l-anness dwar ir-reklutaġġ).

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
-

---

**Il-Ġermanja**

*A. Tassazzjoni*
Min iħaddem għandu jikkalkula u jħallas it-taxxi ta' l-impjieg kull xahar. Ġeneralment, dawn il-kompiti jiġu mgħoddija lill-*accountant* jew lill-konsulent fiskali ta' min iħaddem.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Il-kontribuzzjonijiet soċjali huma mħallsa lill-assigurazzjoni tas-saħħa li tqassam il-kontribuzzjonijiet lill-fondi l-oħra (pensjoni, qgħad, eċċ.).

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Sa mill-1996, il-kumpaniji ż-żgħar għandhom, fil-prinċipju, l-istess responsabbiltajiet fir-rigward tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol bħall-kumpaniji l-oħra kollha. Preżentement, qed jiġu eżaminati mudelli differenti mill-organizzazzjonijiet professjonali (*Berufsgenossenschaften*) dwar kif l-aħjar li jiġu implimentati mekkaniżmi ta' taħriġ u kontroll f'dan il-qasam.

*D. Eżamijiet mediċi*
Skond is-settur.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
Il-kumpaniji huma obbligati jwieġbu għal talbiet ta' statistika mill-entitajiet pubbliċi. Għalkemm l-uffiċji statistika u l-istitituzzjonijiet pubbliċi l-oħra huma mitluba biex jillimitaw kemm jistgħu t-talbiet tagħhom għall-istatistika, ta' spiss kien hemm ilmenti mill-kumpaniji dwar dan il-piż amministrattiv.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem hu obbligat li jħarreġ u jgħallem lill-impjegati biex ma jkunux ta' periklu għalihom infushom jew għal ħaddieħor. Il-kontenut preċiż tad-dmirijiet ta' taħriġ jiddependi mis-settur u r-riskju individwali tal-post tax-xogħol.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Dmirijiet marbuta maż-żamma ta' rekords huma b'mod speċjali komuni f'setturi b'attivitajiet perikolużi u fir-rigward ta' riskji ambjentali. Aktar minn hekk, hemm

dmirijiet marbuta maż-żamma ta' rekords għal skopijiet ta' taxxa għal żmien relattivament twil.

*H. Dmirijiet oħra*

-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard*, full time *u għal żmien mhux determinat*

Filwaqt li jeżistu diversi forom oħra possibbli ta' relazzjonijiet ta' l-impjieg minbarra l-kuntratt standard ta' impjieg *full-time* mingħajr terminu fiss, id-dmirijiet amministrattivi (eskluż l-ammont, pereżempju, ta' kontribuzzjonijiet soċjali) għal min iħaddem ma tantx ivarjaw għat-tipi differenti.

---

**L-Estonja**

*A. Tassazzjoni*

Hemm formola speċjali għad-dikjarazzjoni, lid-Dipartiment tat-Taxxi, tal-pagamenti tas-salarju tax-xahar u tat-taxxi kollha relatati. Dan jista' jsir permezz ta' l-internet billi timtela l-formola fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tat-Taxxi jew billi tintbagħat il-formola mimlija ġġenerata mis-*software* tal-kontabilità.

Meta l-impjegat ikun qed jimla l-formola personali tat-Taxxa tad-Dħul (darba fis-sena) min iħaddem hu obbligat li jipprovdi lill-impjegat, fuq talba tiegħu, dokument dwar paga u taxxi mħallsa matul is-sena. Iżda jekk l-impjegat ikun qed juża d-Dipartiment tat-Taxxi elettroniku (fuq l-internet), l-informazzjoni kollha meħtieġa diġà tkun tinstab fuq il-formola tat-taxxa mimlija minn qabel u ma hemm bżonn ta' l-ebda formoli addizzjonali.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*

It-taxxa soċjali hi ddikjarata wkoll fuq l-istess formola tat-taxxa tax-xahar.

Hemm 4 taxxi jew assigurazzjonijiet differenti li min iħaddem irid iżomm jew iħallas:

1. it-taxxa fuq id-dħul personali;
2. it-taxxa soċjali;
3. l-assigurazzjoni għall-qgħad;
4. il-pagament iffinanzjat għall-pensjoni.

Għalhekk, kull xahar, min iħaddem għandu 4 pagamenti x'jagħmel lill-Bord tat-Taxxi.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*

Wara r-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat, min iħaddem għandu jwettaq analiżi tar-riskji u jaħtar persuna speċjalizzata fil-qasam ta' l-ambjent tal-post tax-xogħol (ara deskrizzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ). L-Ispettorat tax-Xogħol imbagħad jista' jivverifika s-sikurezza tal-post tax-xogħol iżda ma hemmx limitu ta' żmien għal dan.

*D. Eżamijiet mediċi*

Jekk l-analiżi tar-riskji turi l-possibiltà ta' xi fatturi ta' riskju fuq il-post tax-xogħol (inklużi, pereżempju, il-monitors tal-kompjuter), l-impjegati kollha li jintlaqtu minn dawn il-fatturi għandhom jgħaddu minn eżami mediku meta jiġu reklutati u minn hemm

’il quddiem minn wieħed kull 3 snin. Min iħaddem għandu jħallas għall-eżami. Min iħaddem għandu jiffirma kuntratt ma’ min jipprovdi l-eżami tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, bit-termini kollha tal-kuntratt (il-kwistjonijiet organizzattivi kollha – flessibilità, post, eċċ). L-eżami jista’ jkun organizzat fil-kumpanija, iżda meta t-tabib ikun fl-istess lokalità, l-impjegati ġeneralment iżuru lit-tabib. Il-prezz u t-tul ta’ l-eżami jiddependi min-natura tax-xogħol – x’tip ta’ analiżi u testijiet huma meħteiġa.

*E. Dmirijiet ta’ Rappurtaġġ Statistiku*
Il-kumpaniji għandhom jirrappurtaw lill-uffiċċju ta’ l-istatistika biss jekk jintgħażlu fost il-kampjun (il-kampjun jintgħażel awtomatikament u jinvolvi madwar 10% tan-numru totali ta’ l-intrapriżi).

*F. Dmirijiet ta’ taħriġ (għall-impjegati)*
Il-persuna speċjalizzata li taħdem fil-qasam ta’ l-ambjent tax-xogħol għandha, xi darba, toffri xi taħriġ dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Il-prezz ta’ dan it-taħriġ ivarja bejn 65  Ewro u 195 Ewro, skond f’liema reġjun isir.

*G. Dmirijiet oħra*
-

*H. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard, full time u għal żmien mhux determinat*
Alternattiva waħda għall-kuntratti standard tax-xogħol hija l-użu ta’ xogħol mogħti b’kuntratt (minn aġenzija tax-xogħol temporanju). Dan hu possibbli jekk il-proċess tax-xogħol ikun sempliċi u trasferibbli – pereżempju fil-kostruzzjoni. F’dan il-każ, ix-xogħol kollu marbut ma' l-istaff isir mill-aġenzja tax-xogħol temporanju.

---

**Spanja**

*A. Tassazzjoni*
Jekk intrapriża timpjega l-ewwel impjegat, din għandha żżid l-obbligi amministrattivi tagħha bil-ġabra u l-amministrazzjoni ta’ “*Impuesto sobre los Rendimientos del Trabajo Personal*” ta’ l-impjegati tagħha. Din it-taxxa għandha titħallas mill-impjegat darba fis-sena, iżda matul is-sena, l-intrapriża għandha tnaqqas mis-salarju fix-xahar ta’ l-impjegat kwantità proporzjonali għall-Gvern, u fl-aħħar tas-sena l-impjegat jirregolarizza din it-taxxa.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Meta dik li kienet OPE jkollha l-ewwel impjegat, din għandha żżid l-obbligi amministrattivi tagħha f’dan il-qasam bil-ħlas u l-amministrazzjoni ta’ taxxi ġodda li l-impjegat u min iħaddem għandhom iħallsu lis-Sigurtà Soċjali (għall-preżenza ta’ impjegati fil-kumpanija). Kull xahar l-OPE għandha tikkalkula l-ammont li għandha tħallas għat-taxxi differenti (ġenerali, tal-qgħad, tat-taħriġ) u tgħaddih lill-uffiċċju tat-taxxa. L-OPE għandha tikkomunika (is-sitwazzjoni l-ġdida) meta l-impjegat ikun ma jiflaħx jew ikollu xi inċident fuq ix-xogħol jew meta jinbidel l-impjegat. L-OPE għandu jinkludi lill-impjegat il-ġdid fis-sistema tas-Sigurtà Soċjali. L-OPE għandha timla l-formola obbligatorja u tikkonforma mal-proċeduri.

Ċ. Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
L-OPE għandha l-obbligu li tiżgura li l-post fejn jaħdem l-impjegat u l-makkinarju u l-għodda li jaħdem bihom ikunu f'kundizzjoni tajba.

*D. Eżamijiet mediċi.*
Jekk l-impjegati għandhom jipproċessaw l-ikel, huma għandhom jgħaddu minn kontrolli sanitarji regolari.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
L-OPE m'għandhiex dmirijiet marbuta ma' rappurtaġġ statistiku.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
L-OPE għandha tħallas taxxa lis-Sigurtà Soċjali għat-taħriġ ta' l-impjegati u ta' dawk qiegħda. Dawn l-azzjonijiet ta' taħriġ huma organizzati mill-amministrazzjonijiet pubbliċi jew mill-imsieħba soċjali.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
L-OPE (jew il-konsulent tagħha) għandha/għandu tkun/jkun taf/jaf il-liġijiet tax-xogħol u n-negozjati kollettivi tas-settur tagħha/tiegħu.

---

**Franza**

*A. Tassazzjoni*
Kull sena min iħaddem għandu jikkalkula u jgħaddi lill-impjegat attestazzjoni tad-dħul taxxabbli.
Kull sena min iħaddem għandu jikkalkula u jiddikjara t-taxxa għall-apprendistat, il-kontribuzzjoni għall-bini tad-djar u l-kontribuzzjoni għall-finanzjament tat-taħriġ professjonali.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Kull xahar min iħaddem għandu jikkalkula u jgħaddi l-karta tas-salarju lill-impjegat.
Darba kull tliet xhur, min iħaddem għandu jikkalkula u jħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali lill-URSSAF u l-UNEDIC.
Kull sena min iħaddem għandu jikkalkula u jħallas il-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni supplimentari għall-pensjoni (*retraite complémentaire*).
Barra minn hekk, min iħaddem għandu regolarment jikkalkula u jħallas il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-ftehimiet kollettivi għas-settur ekonomiku li hu attiv fih (in-numru u l-perjodu ta' żmien ivarjaw).

Ċ. Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Min iħaddem għandu jorganizza taħriġ fir-rigward tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, speċjalment għall-impjegati l-ġodda.
Kull sena min iħaddem għandu jipprepara (aġġornament) ta' analiżi tar-riskji fir-rigward tal-postijiet tax-xogħol

L-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u d-dettalji tal-kuntatt tas-servizzi ta' emerġenza għandhom jinżammu aġġornati u ppubblikati (eż.. fil-ħanut tax-xogħol) b'mod permanenti.

*D. Eżamijiet mediċi*
Kull impjegat għandu jgħaddi minn kontroll mediku darba fis-sena biex ikun żgurat li jinsab fiżikament xieraq għax-xogħol tiegħu.
Id-dettalji tal-kuntatt tas-servizz mediku għandhom ikunu ppubblikati fuq il-post tax-xogħol.
Min iħaddem għandu jkun imsieħeb ma' servizz mediku għall-intrapriżi.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
Darba fis-sena, dikjarazzjoni tal-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem hu obbligat li jiżgura li l-ħaddiema tiegħu jingħataw l-istruzzjonijiet/taħriġ meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Pubblikazzjoni (eż. fil-ħanut tax-xogħol) tas-sigħat tax-xogħol u d-dettalji ta' l-ispettur tax-xogħol.
Informazzjoni lill-impjegati dwar it-termini preżenti tal-ftehimiet kollettivi għas-settur.

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
-

---

## L-Irlanda

*A. Tassazzjoni*
Min iħaddem hu mitlub li jnaqqas il-PAYE minn kull pagament lill-impjegat. Il-frekwenza tal-pagamenti tas-salarju tkun iddeterminata mill-kuntratt tax-xogħol, iżda ġeneralment tkun ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar.

Il-kalkolazzjoni li għandha ssir għal kull pagament hi:
Kalkolazzjoni tal-Paga Taxxabbli = Paga Gross li minnha jitnaqqas is-Sussidju Meħlus mit-Taxxa
Kalkolazzjoni tat-Taxxa = Paga Taxxabbli mmultiplikata bir-Rata tat-Taxxa
Kalkolazzjoni tal-Paga wara t-Taxxa = Paga Gross li minnha titnaqqas it-Taxxa

Kemm ir-rata tas-Sussidju Meħlus mit-Taxxa kif ukoll ir-Rata tat-Taxxa jkunu pprovduti lil min iħaddem u lill-impjegat mill-Kummissarji tat-Taxxi Interni.

Darba fix-xahar, min iħaddem għandu jibgħat it-taxxa mnaqqsa lill-Kummissarji tat-Taxxi Interni, flimkien ma' formola li turi l-isem ta' l-impjegat, in-numru tal-PRSI u l-ammont.

Obbligi ta' kull xahar u ta' kull sena marbuta mat-tassazzjoni, eż. il-kalkolazzjoni tat-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn, ir-rappurtaġġ ta' pagi mħallsa lill-bord tat-taxxi interni, l-għoti ta' dokumenti lill-impjegati fir-rigward tat-taxxi mħallsa, ta' l-awditjar, eċċ.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Min iħaddem hu mitlub inaqqas l-Assigurazzjoni Soċjali Marbuta mal-Paga (PRSI) minn kull pagament lill-impjegat.

Il-kalkolazzjoni li għandha ssir għal kull pagament se tkun:
Tnaqqis tal-PRSI = Paga Gross li minnha jitnaqqas il-limitu, jekk ikun hemm, immultiplikata bir-rata tal-PRSI
Kalkolazzjoni tal-Paga Netta = Paga wara t-Taxxa li minnha titnaqqas il-PRSI

Darba fix-xahar, min iħaddem għandu jibgħat il-PRSI mnaqqsa lill-Kummissarji tat-Taxxi Interni, flimkien ma' formola li turi l-isem ta' l-impjegat, in-numru tal-PRSI u l-ammont.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Kull min iħaddem hu mitlub bil-liġi li ikollu Dikjarazzjoni tas-Saħħa u s-Sikurezza dokumentata. Il-postijiet tax-xogħol jistgħu jkunu suġġetti għal ispezzjonijiet min-naħa ta' l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sikurezza, li tikkontrolla l-konformità mar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza.

*D. Eżamijiet mediċi*
Impjegati f'ċertu impjiegi jistgħu jkunu mitluba li jwettqu eżamijiet mediċi li għandhom jitħallsu minn min iħaddem.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
M'hemm l-ebda obbligu li jkun infurmat xi uffiċċju statistiku.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem għandu d-dmir li jipprovdi taħriġ lill-impjegat, meta dan ikun meħtieġ.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Min iħaddem għandu jissodisfa r-rekwiżiti leġiżlattivi sabiex jipprovdi lill-impjegati b'dikjarazzjoni tat-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom, il-kalkolazzjoni tal-paga, u kull informazzjoni oħra meħtieġa mil-liġi.

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
Xogħol b'kuntratt b'terminu fiss hu alternattiva għall-kumpaniji ż-żgħar, iżda hu limitat għal ċertu perjodu ta' żmien u għal numru ta' tiġdid. Madankollu ir-rekwiżiti fid-

dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom ikunu osservati (A sa H). Xogħol mogħti b'sotto-kuntratt huwa alternattiva oħra għall-kumpaniji ż-żgħar: fil-fatt, is-sotto-kuntrattur jista' jaħdem *full-time* għal min iħaddem, iżda dan ikun persuna li taħdem għal rasha. F'dan il-każ, min iħaddem għandu jnaqqas it-taxxa b'ratta fissa, iħallas it-taxxa mnaqqsa lill-Kummissarji tat-Taxxi Interni kull xahar u s-sotto-kuntrattur jingħata l-kreditu għal din it-taxxa mħallsa meta s-sotto-kuntrattur li jaħdem għal rasu jkun qed jimla l-formola tiegħu/tagħha tad-dikjarazzjoni tad-dħul għall-iskop tat-taxxa. Min iħaddem m'għandu l-ebda responsabbiltà oħra lejn is-sotto-kuntrattur. Din il-prattika hi mifruxa sew fis-settur tal-kostruzzjoni, fejn ċertu impjiegi, bħall-plàmer/elettriċista, huma kkaratterizzati minn numru ta' impjiegi fl-istess ħin, jew b'rabtiet fuq medda qasira ta' żmien minn persuna waħda li tħaddem. Għandu jkun irrimarkat li s-sotto-kuntrattur għandu l-ħila u x-xewqa li jaħdem għal rasu, u x'aktarx li jkun qed jaqla' aktar minn impjegat.

---

## Ċipru

*A. Tassazzjoni*

Kull xahar min iħaddem għandu jħallas il-kontribuzzjoni tat-taxxa ta' l-impjegat għax-xahar ta' qabel lill-Uffiċċju tat-Taxxa fuq id-Dħul. Fit-tmiem tas-sena min iħaddem għandu jħejji d-dokument **IR7** li għandu jintbagħat lill-Uffiċċju tat-Taxxi Interni. Ġeneralment, dawn l-attivitajiet jsiru mill-konsulenti tal-kontabilità ta' l-intrapriża, li jaħdmu ma' diversi *OPEs*.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*

*Kull xahar, min iħaddem għandu jimla d-dokument YKA 2-002*- Dikjarazzjoni tad-Dħul u Kontribuzzjonijiet - u jibagħtu flimkien mal-kontribuzzjonijiet lid-Dipartiment ta' l-Assigurazzjoni Soċjali. Dan ġeneralment isir mill-*accountant* ta' min iħaddem.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*

Fir-rigward tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol f'post li se jinbena jew fejn saret talba għall-bidla fl-użu, l-awtoritajiet lokali jitolbu rakkomandazzjonijiet mid-D.L.I. fir-rigward ta' jekk il-post huwiex xieraq. Id-Dipartiment ta' l-Ispettorat tax-Xogħol jagħti rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet lokali, liema rakkomandazzjonijiet jiġu mehmuża mal-permess tal-bini jew mal-permess tal-bidla fl-użu. Min iħaddem ikun spezzjonat ukoll u għandu jkun konformi ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

*D. Eżamijiet mediċi*

Eżamijiet mediċi huma meħtieġa biss għal-*life guards* fil-pixxini u għal kull persuna involuta fit-tħejjija ta' l-ikel. Fit-teorija, min iħaddem mhux obbligat iħallas l-ispiża iżda, fil-prattika, huwa min jħaddem li jħallas.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*

Dmirijiet ta' rappurtaġġ statistiku huma obbligatorji biss jekk intrapriża tkun parti minn kampjun tas-servizz statistiku. F'dak il-każ, uffiċjal tas-servizz statistiku jżur l-intrapriża biex jiġbor l-informazzjoni. Din iż-żjara li tista' tieħu sa siegħa.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
M'hemm l-ebda taħriġ obbligatorju f'Ċipru. Madankollu, fil-każ ta' impjegat li jattendi kors ta' taħriġ issussidjat mill-Awtorità għat-Taħriġ tar-Riżorsi Umani (eks-Awtorità għat-Taħriġ Industrijali), hemm piż amministrattiv ta' madwar siegħa kull kors.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Diversi *OPEs* iżommu rekords tal-lîf annwali, tal-lista tal-paga, tas-sahra, tal-lîf tal-mard, tal-lîf għall-armata (6-12-il ġurnata fis-sena, l-impjegati rġiel huma obbligati li jservu fil-Gwardja Nazzjonali. Min iħaddem hu obbligat li jħallas lill-impjegat bis-sħiħ.), tal-lîf għall-edukazzjoni, tal-lîf għall-maternità, tal-lîf mhux imħallas, tal-lîf għall-ġenituri (għal massimu ta' 13-il ġimgħa mingħajr salarju, wara t-tmiem tal-lîf tal-maternità u sakemm it-tarbija tagħlaq sitt snin, għall-kura tat-tarbija wara t-twelid jew l-adozzjoni), tal-lîf ta' emerġenza (sa sebat ijiem fis-sena mingħajr paga u li jingħata f'każi ta' mard jew inċident lil qraba, fejn il-preżenza tal-ħaddiema tkun essenzjali) u tas-self lill-impegati.

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
-

---

**Il-Latvja**

*A. Tassazzjoni*
Teżisti formola speċjali għad-dikjarazzjoni, lid-dipartiment tat-taxxi, tal-pagamenti tas-salarji ta' kull xahar u tat-taxxi kollha relatati. Meta l-impjegat jkun qed jimla l-formola personali tiegħu tad-dikjarazzjoni tad-dħul għall-iskop tat-taxxa (darba fis-sena), min iħaddem hu obbligat li jipprovdi, fuq talba ta' l-impjegat, dokument dwar il-pagi u t-taxxi mħallsa matul is-sena.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
It-taxxa soċjali hi ddikjarata wkoll fil-formola msemmija hawn fuq. Hemm erba' kontribuzzjonijiet/taxxi differenti li għandhom jitħallsu minn min iħaddem: 1. Taxxa personali fuq id-dħul, 2. Taxxa soċjali, 3. Assigurazzjoni għall-qgħad u 4. Skema ta' fond għall-pensjoni.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Wara r-reklutaġġ ta' l-ewwel impjegat, min iħaddem għandu jwettaq analiżi tar-riskji u jaħtar persuna speċjalizzata fil-qasam ta' l-ambjent tax-xogħol. L-Ispettorat tax-Xogħol jista' jivverifika s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol iżda ma hemmx limitu ta' żmien għal din il-proċedura.

*D. Eżamijiet mediċi*
Impjegati f'ċertu tip ta' impjiegi jista' jkollhom jgħaddu minn eżamijiet mediċi li għandhom jitħallsu minn min iħaddem.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
Xejn.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem hu obbligat jipprovdi t-taħriġ għall-impjegat meta dan ikun meħtieġ.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Min iħaddem għandu jkun infurmat dwar il-liġi tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi għas-settur tiegħu.

---

**Il-Lussemburgu**

*A. Tassazzjoni*
Kalkolazzjoni fix-xahar tas-salarji individwali u tat-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn. Dikjarazzjoni u pagament tat-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn lill-Bord tat-Taxxi Interni (*Administration des Contributions Directes*, ACD).
Kalkolazzjoni annwali tat-taxxi annwali u individwali mnaqqsa f'ras il-għajn, tħejjija ta' kards individwali tat-taxxa, notifika ta' l-ACD.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Kalkolazzjoni fix-xahar tas-salarji individwali. Notifika tas-sigħat tax-xogħol u salarji (gross) lis-*Centre Commun de la Sécurité Sociale* (CCSS), riċevuta ta' talba għall-pagament mis-CCSS u pagament tal-kontribuzzjonijiet soċjali.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Kull intrapriża għandha taħtar mill-anqas impjegat wieħed biex ikun responsabbli mis-sikurezza ġenerali fuq il-post tax-xogħol. Ġeneralment u b'mod speċjali f'kumpaniji żgħar, il-maniġer ta' l-intrapriża jieħu dan ir-rwol. ma hemm l-ebda dmirijiet speċjali ta' taħriġ għall-persuna(i) responsabbli mis-sikurezza fuq il-post tax-xogħol iżda l-persuna(i) responsabbli mis-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni marbuta mas-sikurezza. Ta' spiss, ikun meħtieġ xi taħriġ addizzjonali.
Jekk impjegat ġdid jiġi reklutat jew jibdel ix-xogħol tiegħu fi ħdan l-intrapriża u jekk l-impjieg ikun marbut ma' ċertu riskju (eż. prattikament l-impjiegi kollha fil-kostruzzjoni) dan għandu jippreżenta ruħu quddiem il-persuna responsabbli mis-sikurezza fuq il-post tax-xogħol sabiex jingħata taħriġ inizjali marbut ma' aspetti tas-sikurezza.
Taħriġ speċifiku u obbligatorju (ġeneralment ta' darba) jeżisti għal ċertu attivitajiet (speċjalment fil-kostruzzjoni, pereżempju l-operaturi tal-krejnijiet).

*D. Eżamijiet mediċi*
L-eżamijiet huma obbligatorji għall-impjegati l-ġodda, fil-każ ta' bidla tax-xogħol/post tax-xogħol, wara perjodu ta' mard ta' aktar minn 3 xhur u fuq talba mill-impjegat jew mis-servizz mediku tax-xogħol (*service de médicine du travail*, SMT). L-SMT jagħti l-

opinjoni tiegħu dwar il-ħila ta' l-impjegat biex iwettaq ix-xogħol, filwaqt li jqis il-post tax-xogħol/ambjent tax-xogħol.

Min iħaddem għandu jimla formola għall-SMR u jistipula data ma' l-impjegat u l-SMT għall-eżaminazzjoni. L-eżamijiet huma ffinanzjati minn kontribuzzjoni fix-xahar (0.11% tas-salarji gross) minn min iħaddem li hi inklużа fil-kontribuzzjonijiet soċjali ta' kull xahar (ara punt B.). Barra minn hekk, min iħaddem jitlef bejn 2 – 4 sigħat ta' ħin tax-xogħol għall-eżamijiet.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
M'hemm l-ebda dmirijiet ta' rappurtaġġ statistiku marbuta max-xogħol. Madankollu hemm dmirijiet ta' rappurtaġġ f'oqsma oħra (eż. Intrastat)

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
M'hemm l-ebda dmirijiet ta' taħriġ li japplikaw għall-intrapriżi kollha. Dmirijiet ta' taħriġ u ttestjar jiddependu fuq l-attivitajiet individwali (eż. test għall-persuni li jaħdmu fuq l-installazzjoni tal-gass, elettriċisti li jaħdmu fuq netwerks ta' l-elettriku, eċċ.)

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Tħejjija kull xahar tal-karta tas-salarju (li għandha tingħata lill-impjegati)
Kont tal-vaganzi
Tħejjija annwali tal-karta tas-salarju
Ktieb tal-pagi (*livre des salaries*)
Id-dokumenti għandhom jinżammu għal ħafna snin.

*H. Dmirijiet oħra*
Notifika ta' l-inċidenti tax-xogħol (inkluż tħejjija ta' dikjarazzjoni ta' l-inċident, informazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-inċidenti, l-assigurazzjoni tas-saħħa, l-ispezzjoni tas-saħħa, eċċ).

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard*, full time *u għal żmien mhux determinat*
Tipi differenti ta' kuntratti tax-xogħol ma jimplikawx obbligi amministrattivi differenti għal min iħaddem.

---

**L-Olanda**

*A. Tassazzjoni*
- ksib ta' informazzjoni dwar it-tassazzjoni
- mili ta' talba għan-numru tal-PAYE (fl-Uffiċċju tat-Taxxa)
- mili ta' ċertifikat għan-numru tal-PAYE

Strutturali:
- ksib ta' informazzjoni dwar liġijiet ġodda
- mili ta' formoli ta' dikjarazzjonijiet
- mili tal-karti tas-salarju għall-impjegat
- tħejjija ta' dikjarazzjonijiet annwali

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
- ksib ta' informazzjoni
- rappurtaġġ lill-bord ta' l-assigurazzjoni industrijali
- rappurtaġġ lis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali Olandiż

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
- rappurtaġġ lis-servizz-ARBO
- osservanza ta' l-obbligi tal-leġiżlazzjonijiet ta' l-ARBO (kif wieħed jista' jifhem: hemm differenzi kbar bejn is-setturi differenti f'dan ir-rigward).

*D. Eżamijiet mediċi*
-
*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
-

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
-

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
-

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
-

---

**L-Awstrija**

*A. Tassazzjoni*
Kull xahar
Kalkolazzjoni tal-karta tal-paga bid-dettalji tal-komponenti tas-salarji u t-taxxi/kontribuzzjonijiet soċjali (b'konsiderazzjoni ta' primjums, pagamenti speċjali, pagamenti addizzjonali għas-sahra, eċċ.) u t-trasferiment ta' taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn, il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-fond għall-ugwaljanza tal-piżijiet familjari, il-ħlas addizzjonali għall-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem u t-taxxa tal-komunità (Vjenna) lill-bord tat-taxxi interni.

Kull sena
Fuq il-bażi tal-karta tal-paga ta' kull xahar issir il-kalkolazzjoni tas-salarji u dawn jiġu rrappurtati elettronikament (kopji stampati huma aċċettati biss jekk min iħaddem ma jkollux aċċess għall-internet) lill-bord tat-taxxi interni.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*

Għall-kalkolazzjoni u l-pagament tal-kontribuzzjonijiet soċjali, diversi sistemi differenti huma possibbli. Min iħaddem jista' jikkalkula l-kontribuzzjonijiet hu stess u jirrapurtahom kull xahar lill-assigurazzjoni tas-saħħa. Kumpaniji b'anqas minn 15-il impjegat jista' jkollhom il-kontribuzzjonijiet ikkalkulati mill-assigurazzjoni soċjali. Għal dan, huma għandhom jirrappurtaw il-pagi u l-pagamenti speċjali u l-bidliet sussegwenti li jsirulhom.Il-pagamenti għandhom isiru kull xahar.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Ġeneralment, il-postijiet tax-xogħol huma magħżula għall-ispezzjoni fuq il-bażi ta': il-livell ta' konformità, ir-rata ta' l-inċidenti, iż-żmien ta' meta tkun saret l-aħħar spezzjoni u r-riskju ġenerali li jirriżulta mill-proċeduri tax-xogħol. ma hemmx il-ħtieġa ta' rapporti lill-ispettorat tax-xogħol fuq bażi regolari u l-kontenut tagħhom hu limitat. Min iħaddem għandu jibqa' aġġornat dwar it-temi tas-sikurezza marbuta mar-riskju tal-postijiet tax-xogħol individwali. Barra minn hekk, huma għandhom jinfurmaw lill-impjegati tagħhom b'mod adegwat sabiex jevitaw inċidenti, eċċ.

*D. Eżamijiet mediċi*
L-obbligu li jkunu organizzati eżamijiet mediċi (eżamijiet ta' dħul u eżamijiet ta' segwitu regolari) jiddependi mir-riskji tal-postijiet tax-xogħol, eż. jekk l-impjegat għandux jaħdem f'kuntatt ma' materjal perikoluż, jaħdimx f'ambjent b'ħafna storbju, eċċ. Impjegati li jaħdmu fuq il-kompjuters jistgħu jitolbu eżamijiet mediċi ta' għajnejhom. L-ispejjeż ta' l-eżamijiet mediċi normalment jitħallsu minn min iħaddem. L-eżamijiet jistgħu jkunu organizzati b'mod flessibbli.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
-

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
-

*G.Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
-

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*

---

**Il-Polonja**

*A. Tassazzjoni*
Kull min iħaddem hu obbligat iżomm **rekords personali tad-dħul**. Rekord personali tad-dħul għandu jimtela sa mhux aktar tard mill-20 ġurnata tax-xahar ta' wara.
Min iħaddem hu obbligat iħallas l-avvanzi tat-taxxa sal-20 ġurnata sax-xahar wara dak ix-xahar li fih ikunu nġabru l-avvanzi, lill-Uffiċċju tat-Taxxa, flimkien mad-

dikjarazzjoni PIT-4 (dikjarazzjoni dwar il-pagament avvanzat fix-xahar fuq it-taxxa tad-dħul fuq il-pagamenti totali).
Min iħaddem u jonqos mid-dmir tiegħu li jiġbor it-taxxi fuq is-salarju ta' min iħaddem jew meta l-ammont tat-taxxa jkun anqas, jista' jeħel multa sa 720 rata ta' kuljum (meta tkun stabbilita r-rata ta' kuljum, il-qorti tqis id-dħul ta' min ikun kiser il-liġi, il-kondizzjonijiet personali, il-kondizzjonijiet familjari, ir-relazzjonijiet ta' proprjetà u l-possibbiltajiet ta' dħul tiegħu/tagħha; ir-rata ta' kuljum ma tistax tkun anqas mill-ekwivalenti ta' wieħed minn tletin ta' l-anqas salarju tax-xahar fil-perjodu tad-deċiżjoni tal-prim'istanza u trid taqbeż l-400 rata ta' kuljum), jew għal tiċħid tal-libertà sa sena, jew it-tnejn, fl-istess ħin. Min għandu jħallas u jonqos milli jħallas it-taxxa fuq is-salarju ta' min iħaddem fil-kont ta' l-entità xierqa fil-perjodu statutorju, jista' jkun suġġett għall-multa li hi ekwivalenti għal 720 **rata ta' kuljum** jew għal tiċħid tal-libertà sa sentejn, jew it-tnejn, fl-istess ħin.
Min iħaddem hu obbligat iħejji **kalkolazzjoni annwali tat-taxxa**, skond il-mudell stabbilit (PIT-40), jekk persuna impjegata – li tħallas it-taxxa, tibgħat dikjarazzjoni lil min iħallas (min iħaddem), li hi meqjusa bl-istess mod bħala dikjarazzjoni tat-taxxa, qabel l-10 ta' Jannar tas-sena wara s-sena fiskali. Kalkolazzjonijiet annwali tat-taxxa jsiru minn min iħallas (min iħaddem), sa l-aħħar ta' Frar wara s-sena fiskali u jintbagħtu lil min iħallas it-taxxa (l-impjegat) u lill-Uffiċċju tat-Taxxa sa l-istess data.
Min iħaddem hu obbligat iżomm id-dokumenti relatati mal-ġbir tat-taxxa għal perjodu ta' ħames snin. Id-data li intraprenditur hu obbligat li jibgħat lill-awtoritajiet tat-taxxa tkun f'forma stampata.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Min iħaddem hu obbligat li jħejji u jipprovdi d-dokumenti segwenti lill-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali għal kull xahar li fih l-impjegat ikun suġġett għall-assigurazzjoni soċjali u l-assigurazzjoni għas-saħħa:

- Dikjarazzjoni tal-ħlas flimkien ma'
- Rapporti individwali ta' kull xahar bil-primjums dovuti mħallsa

Id-dokumenti dwar il-ħlas għal xahar partikolari għandhom jingħataw sa mhux aktar tard mill-15 tax-xahar ta' wara.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
L-ispezzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza jsiru mill-Ispettorat tax-Xogħol u mill-Ispettorat tas-Sanità. Filwaqt li l-Ispettorat tax-Xogħol m'għandu l-ebda frekwenza fissa ta' kontroll, l-ispezzjonijiet mill-Ispettorat tas-Sanità jsiru ta' l-anqas darba kull sentejn (jiddependi wkoll mid-daqs u t-tip tan-negozju).
Min iħaddem mhuwiex obbligat li jinnotifika lill-Ispettorati b'mod regolari iżda jista' jkun obbligat minnhom biex jaġġorna informazzjoni mogħtija preċedentement, speċjalment f'każi ta' negozji perikolużi.
Min iħaddem hu obbligat isegwi taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, bl-iskop tat-taħriġ ikun jiddependi mit-tip ta' negozju. It-taħriġ għandu jsir sa 6 xhur minn meta persuna tibda tħaddem u għandu jkun ta' mill-anqas 30 siegħa. Min iħaddem hu obbligat jieħu sehem f'taħriġ addizzjonali perjodiku ta' mill-anqas 14-il siegħa kull 6 snin.

*D. Eżamijiet mediċi*
Impjegati ġodda għandu jsirilhom eżami mediku. Matul l-impjieg hemm aktar eżamijiet mediċi ta' rutina. Eżami jsir ukoll jekk impjegat ikun ilu ma jiflaħx għal aktar minn 30 ġurnata. L-ispejjeż jitħallsu minn min iħaddem.
L-eżamijiet mediċi għandhom isiru waqt il-ħin tax-xogħol, jekk possibbli, u l-impjegat hu intitolat li jingħata s-salarju normali għal dan il-ħin. Meta minħabba l-eżami ikun meħtieġ li l-impjegat jivvjaġġa, l-ispejjeż tiegħu għandhom ikunu rimborsati.
Il-frekwenza ta' l-eżami ta' rutina tiġi deċiża mit-tabib. L-eżamijiet jsiru barra mill-post tax-xogħol, it-tul tagħhom jiddependi mil-livell tal-periklu għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
Dmirijiet ta' rappurtaġġ huma imposti fuq intrapriżi b'aktar minn 9 persuni, negozji li huma iżgħar ġeneralment m'għandhomx dmirijiet ta' rappurtaġġ ħlief jekk ikunu magħżula fost kampjun għal ċertu riċerka. L-uffiċċji ta' l-istatistika huma awtorizzati jiġbru data mis-sorsi kollha disponibbli li huma speċifikati fil-programm ta' riċerka statistika għall-istatistika pubblika (PBSSP). Dmirijiet ta' rappurtaġġ ta' suġġetti ta' riċerka huma definiti bir-regolament tal-Kunsill tal-Ministri dwar il-programm ta' statistika għal sena partikolari.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem hu obbligat jipprovdi taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol qabel ma l-impjegati jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom. L-impjegati għandhom ikunu familjari mar-regolamenti bażiċi dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u dwar l-ewwel għajnuna. Barra minn hekk, min iħaddem għandu jipprovdi taħriġ regolari. It-taħriġ isir waqt il-ħin tax-xogħol u jkun imħallas minn min iħaddem.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Min iħaddem hu obbligat iżomm id-dokumenti segwenti
- Rekord tal-ħin tax-xogħol ta' l-impjegati
- Il-fajls ta' l-impjegati
- Rekords personali tad-dħul
- Rekords dwar l-allokazzjoni ta' ħwejjeġ u żraben tax-xogħol

Barra minn hekk, min iħaddem hu obbligat iżomm
- Id-dokumenti ta' applikazzjoni għal 5 snin
- Id-dokumenti tad-dikjarazzjoni tal-ħlas u r-rapporti individwali ta' kull xahar u emendi għal dawn id-dokumenti.

Min iħaddem jinforma lill-impjegat bil-miktub, sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara l-iffirmar tal-kuntratt tax-xogħol, dwar il-kondizzjonijiet ewlenin ta' l-impjieg..
Kull xahar, min iħaddem jipprepara nota li tinforma lill-impjegat dwar il-ħlas tal-primjums lill-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali.

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard*, full time *u għal żmien mhux determinat*
Id-dmirijiet amministrattivi ta' min iħaddem huma indipendenti mit-tip ta' kuntratt tax-xogħol.

---

**Il-Portugall**

*A. Tassazzjoni*
It-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn għandhom ikunu kkalkulati u mħallsa lid-dipartiment tal-finanzi sa mhux aktar tard mill-20 ġurnata tax-xahar ta' wara x-xahar li għalih tħallsu l-pagi. It-taxxa mnaqqsa f'ras il-għajn tista' titħallas b'ċekk jew b'servizz postali.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Il-pagamenti dovuti tas-Sigurtà Soċjali huma responsabbiltà ta' min iħaddem, kif stipulat mid-Digriet tal-Liġi nru. 8-B/2002, tal-15 ta' Jannar, u għandhom isiru sal-15-il ġurnata tax-xahar ta' wara.[53] Il-pagament jista' jsir permezz ta' wieħed mill-banek li daħlu fil-protokoll bejn l-Istituzzjoni tas-Sigurtà Soċjali (*Instituto de Gestão Financeira da Segurança Social – IGFSS*) u l-Assoċjazzjoni Portugiża tal-Banek f'Ġunju 2002, għall-ġbir tat-taxxi tas-sigurtà soċjali u jista' jsiru fi flus kontanti, permezz ta' l-ATM, permezz ta' trasferiment bankarju jew permezz ta' ċekk tal-bank konċernat.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Skond it-tip tan-negozju. Għan-negozji kollha, huma importanti l-miżuri ta' ħarsien kif ukoll il-miżuri għall-prevenzjoni ta' problemi ergonomiċi tas-saħħa.

*D. Eżamijiet mediċi*
Skond l-Art. 19 Digriet tal-Liġi nru. 26/94 ta' l-1 ta' Frar (fit-terminoloġija tal-Liġi nru. 7/95, ta' 29-3 u tad-Digriet tal-Liġi nru. 109/2000, ta' 30–6) hemm l-eżamijiet segwenti:
Eżaminazzjoni tad-dħul – Qabel ma' l-impjegat jibda jaħdem għal min iħaddmu jew fl-għaxart ijiem wara r-reklutaġġ tiegħu/tagħha, f'każ ta' urġenza fir-reklutaġġ ta' l-impjegat.
Eżamijiet perjodiċi – darba fis-sena għall-impjegati taħt it-18-il sena u ta' aktar minn 50; kull sentejn għall-impjegati l-oħra u meta l-impjegat jerġa' lura għax-xogħol wara li jkun ilu aktar minn 30 ġurnata marid.
Eżamijiet okkażjonali – f'każ ta' bidliet sostanzjali fl-ambjent tax-xogħol bil-possibbiltà ta' effetti negattivi fuq is-saħħa ta' min iħaddem.
B'mod li jitwettqu dawn l-obbligi, min iħaddem għandu joħloq servizzi interni tas-Saħħa, l-Iġjene u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol (SHHW) jew jipprovdi dawn is-servizzi permezz ta' l-għoti ta' sotto-kuntratti lill-kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' prevenzjoni għall-SHHW.

[53] Jekk il-15 tax-xahar ikun tmiem il-ġimgħa jew festa pubblika, il-pagament jista' jsir fl-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' wara.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
Rekords tal-istaff ("*Quadros de pessoal*"*)* għandhom jintbagħtu kull sena minn min iħaddem (Digriet tal-Liġi nru. 332/93 tal-25/9 u Digriet tal-Liġi nru. 123/2002, ta' 4/5.)
Ir-Rekords tal-istaff huma stabbiliti fuq forma legali, approvata mill-Gvern. Id-data fir-Rekords tal-istaff tista' tintbagħat bil-posta elettronika jew bil-posta. Hemm ħafna informazzjoni dwar din il-proċedura fuq (www.msst.gov.pt).

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem għandu jipprovdi t-taħriġ. Dan id-dmir jista' jingħata b'sotto-kuntratt lill-kumpaniji ta' taħriġ vokazzjonali. F'każ ta' kuntratt b'terminu fiss għal aktar minn 6 xhur, min iħaddem għandu jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ li jikkorrispondu għal 1%, 2% jew 3% tas-sigħat normali tax-xogħol, skond jekk il-kuntratt idumx għal 12, 24 jew aktar minn 36 xahar.
F'kuntratti tax-xogħol mingħajr limiti ta' żmien, min iħaddem hu mitlub jipprovdi lill-ħaddiema b'taħriġ vokazzjonali xieraq għat-titjib tagħhom. Il-ħaddiema huma mitluba jieħdu sehem b'mod diliġenti fit-taħriġ. Taħriġ kontinwu tal-istaff għandu jinvolvi mill-inqas 10% tal-ħaddiema b'kuntratt mingħajr limitu ta' żmien, f'kull intrapriża, kull sena. Il-ħaddiema għandhom jingħataw ta' l-anqas għoxrin siegħa fis-sena ta' taħriġ ċertifikat fi ħdan l-ambitu tat-taħriġ kontinwu. In-numru minimu ta' sigħat fis-sena ta' taħriġ ċertifikat li hemm referenza għalih fil-paragrafu preċedenti hu ta' ħamsa u tletin, mill-2006 'il quddiem. Is-sigħat ta' taħriġ iċċertifikat, li ma jkunux organizzati minn min iħaddem, għal raġunijiet relatati mat-taħriġ, huma mibdula f'krediti kumulattivi, fuq perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin. It-taħriġ ta' ħaddiema temporanji huwa wkoll responsabbiltà ta' l-intrapriża, li tuża x-xogħol tal-ħaddiema, skond kuntratt ma' min qed iħaddem, għal perjodu kontinwu ta' aktar minn 18-il xahar.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Ara E hawn fuq.

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
-

---

**Ir-Rumanija**

*A. Tassazzjoni*
-

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
-

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
-

*D. Eżamijiet mediċi*
Kull impjegat reklutat għandu jgħaddi minn eżami mediku u jinforma lil min iħaddmu bir-riżultati tiegħu.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
Iva, għal statistika varja, eż. għall-Istitut Nazzjonali ta' l-Istatistika (numru ta' impjegati pagi, kontribuzzjonijiet), għall-Amministrazzjoni Finanzjarja (dikjarazzjoni nru.100), il-Fond Nazzjonali tal-Pensjoni (kontribuzzjonijiet), l-Aġenzija ta' l-Integrazzjoni tal-Forza tax-Xogħol, il-Fond ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa (kontribuzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa).

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Iva, fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-ħarsien ta' l-ambjent.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Xi kultant.

*H. Dmirijiet oħra*
-
*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
-

---

**Il-Finlandja**

*A. Tassazzjoni*
Barra mid-dmirijiet regolari marbuta mat-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn (ara wkoll *kontribuzzjonijiet soċjali*), min iħaddem għandu jibgħat, sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar, notifika annwali ta' min iħaddem lill-uffiċċju tat-taxxa fejn jiddikjara l-pagi kollha mħallsa matul is-sena preċedenti. Il-formoli annwali jistgħu jimtlew fuq karta jew b'mod elettroniku.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem (u l-parti tal-pagamenti ta' l-impjegat) għandhom jitħallsu sa mhux aktar tard mill-10 tax-xahar wara l-pagament tal-pagi. Il-pagi mħallsa għandhom ikunu rrappurtati sa mhux aktar tard mill-15 tax-xahar wara l-pagament tal-paga permezz ta' l-avviż ta' monitoraġġ ta' kull xahar. Min iħaddem għandu jżomm ukoll is-sehem ta' l-impjegat ta' l-assigurazzjoni għall-pensjoni u l-assigurazzjoni għall-qgħad. Il-primjums ta' l-assigurazzjoni għall-assigurazzjoni tal-pensjoni għandhom jitħallsu f'darba jew f'erba' darbiet fis-sena skond l-iskeda magħżula ta' pagament. Barra minn hekk, min iħaddem għandu jipprovdi notifiki annwali dwar il-paga lill-kumpanija ta' l-assigurazzjoni. / Min iħaddem jista' jieħu l-assigurazzjoni tal-pensjoni u jibgħat notifiki permezz tas-servizz on-lajn billi jagħmel ftehim mas-servizzi on-lajn.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*

L-Att dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol (738/2002) huwa liġi bażika fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Dan għandu jkun applikat għax-xogħol imwettaq skond il-kuntratt tax-xogħol jew fis-servizz pubbliku jew f'pożizzjoni ta' liġi pubblika komparabbli mas-servizz pubbliku. L-għan tal-liġi hu li jitjieb l-ambjent u l-kondizzjonijiet tax-xogħol biex titħares u tinżamm il-ħila ta' l-impjegati biex jaħdmu. L-għan tagħha hu wkoll li jkunu evitati u ristretti l-inċidenti fuq ix-xogħol, il-mard fuq ix-xogħol u perikli oħra kkawżati mix-xogħol jew l-ambjent tax-xogħol għas-saħħa fiżika u mentali ta' l-impjegati. L-impjegati kollha għandhom ikunu koperti mill-Att dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol, irrispettivament mid-daqs, post jew linja tan-negozju.

L-Att dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol jobbliga lil min iħaddem, meta jevalwa, jippjana u jimplimenta miżuri marbuta mal-post tax-xogħol, biex iqis l-aspetti kollha marbuta max-xogħol, mal-kondizzjonijiet tax-xogħol u mal-kwalitajiet, fil-limiti tal-moderazzjoni, meħtieġa biex jitħarsu l-impjegati mill-inċidenti jew minn perikli għas-saħħa relatati max-xogħol. Min iħaddem għandu jara li l-impjegat jingħata l-informazzjoni u l-gwida meħtieġa. Bl-istess mod, l-impjegat għandu jara li hu/hi isegwi/ssegwi l-istruzzjonijiet mogħtija. Min iħaddem u l-impjegat għandhom jikkooperaw sabiex iżidu s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

*D. Eżamijiet mediċi*

L-Att dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol (1383(2001) jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar id-dmir ta' min iħaddem biex dan jipprovdi l-kura tas-saħħa u dwar il-kontenut u l-organizzazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol ipprovdut. L-iskop tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol hu biex ikun żgurat ambjent tax-xogħol ħieles mill-periklu, biex tkun żgurata l-prevenzjoni ta' mard u inċidenti marbuta max-xogħol u l-ħila okkupazzjonali u funzjonali ta' l-impjegati. Il-ftehim dwar l-għoti ta' kura tas-saħħa fuq ix-xogħol għandu jkun rivedut jekk ikun hemm bidla materjali fiċ-ċirkostanzi.

Min iħaddem għandu jkollu pjan ta' azzjoni bil-miktub għall-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, li għandu jinkludi l-għanijiet ġenerali tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, u l-bżonnijiet tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol ibbażati fuq il-kondizzjonijiet tal-post tax-xogħol flimkien mal-miżuri relatati, b'konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-kura fuq il-post tax-xogħol. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun rivedut kull sena fuq il-bażi ta' żjarat u investigazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol imwettqa minn min jipprovdi s-servizz tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Il-pjan ta' azzjoni għandu jqis b'mod xieraq l-għarfien multi-dixxiplinari disponibbli dwar ir-relazzjoni bejn ix-xogħol u s-saħħa u l-effetti tax-xogħol fuq is-saħħa. Il-pjan ta' azzjoni dwar il-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jista' jifforma parti mill-pjan ta' azzjoni dwar is-sikurezza u l-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol li hemm referenza għalih fl-Att dwar is-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol jew parti minn programm jew pjan ieħor ta' żvilupp imħejji minn min iħaddem.

L-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali tħallas lura lil min iħaddem b'50 fil-mija ta' l-ispejjeż meħtieġa għall-forniment tal-kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Għal aktar informazzjoni żur www.kela.fi (agħżel *työterveyshuolto*); www.stm.fi

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*

-

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*

-

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*

Min iħaddem għandu jagħti lill-impjegat tiegħu dokument għall-pagi mħallsa matul is-sena kalendarja sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar wara s-sena kalendarja tal-pagament jew meta tintemm ir-relazzjoni tax-xogħol.

Mal-ħlas tal-pagi, min iħaddem għandu jagħti lill-impjegat kalkolazzjoni li turi l-ammont tal-paga u li turi kif din inħadmet.

*H. Dmirijiet oħra*

-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard*, full time *u għal żmien mhux determinat*

-

---

**L-Iżvezja**

*A. Tassazzjoni*

Min iħaddem hu obbligat jibgħat rapport ta' kull xahar u jnaqqas l-*A-tax* preliminari għal kull impjegat. Barra minn hekk, kull Jannar, min iħaddem għandu jibgħat rapport tad-dħul annwali flimkien ma' xi kumpensi, benefiċċji u taxxa mnaqqsa oħra għall-impjegati kollha għal matul is-sena preċedenti.

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*

Fl-istess rapport tat-taxxa ta' kull xahar, min iħaddem għandu jqis ukoll il-ħlasijiet għas-sigurtà soċjali li tħallsu għall-impjegat.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*

Ir-regola bażika hi li min iħaddem hu responsabbli sabiex jieħu l-miżuri kollha possibbli biex ikun żgurat post tax-xogħol ħieles mill-periklu u li jara li l-impjegati jkunu infurmati sew fir-rigward tad-direttivi preżenti dwar is-sikurezza. Naturalment, wieħed jista' jifhem li, pereżempju, se jkun hemm differenzi kbar bejn kumpanija li tipproduċi prodotti fejn ikun hemm involuti l-magni u kumpanija li tipprovdi servizz ta' amministrazzjoni u bejgħ. Ir-regolamentazzjoni Svediża dwar l-ambjent tax-xogħol hi primarjament ibbażata fuq regoli armonizzati ta' l-UE.

*D. Eżamijiet mediċi*

Parti kbira minn min iħaddem huma marbuta b'kuntratt ma' servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jew servizz simili.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*

“*Statistiska Centralbyrån*” (Statistika ta’ l-Iżvezja) hi l-awtorità Svediża għall-istatistika dwar in-negozju – huma jirċievu l-informazzjoni permezz ta’ rappurtaġġ annwali fuq formoli speċifiċi. Barra minn din l-awtorità, hemm awtoritajiet oħra jew fergħat ta’ organizzazzjonijiet jistgħu f’ċertu żminijiet jitolbu informazzjoni marbuta man-negozju u l-impjegati tiegħu.

*F. Dmirijiet ta’ taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem għandu obbligu wiesa’ li jinforma u jagħti istruzzjonijiet lill-impjegat. Fir-rigward tat-taħriġ u l-applikazzjoni ta’ metodi tax-xogħol xierqa, min iħaddem hu responsabbli biex jivverifika li l-impjegat ikollu l-kompetenza u l-kwalifiki neċessarji biex jaħdem f’sikurezza u biex jiżgura li l-impjegat jirċievi s-superviżjoni u l-informazzjoni meħtieġa. Pereżempju, jekk jiġi introdott metodu tax-xogħol ġdid, bl-użu ta’ tagħmir ġdid, hu essenzjali li l-impjegat jingħata l-opportunità li jitgħallem dwar kif juża t-tagħmir sew.

*G. Dmirijiet marbuta ma’ l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
Skond l-Att dwar id-Determinazzjoni Konġunta fuq il-Post tax-Xogħol, min iħaddem hu obbligat jinforma regolarment lill-organizzazzjoni ta’ l-impjegat (li fiha hu jkun imsieħeb permezz ta’ ftehim kollettiv) dwar l-iżvilupp tan-negozju tiegħu fir-rigward tal-produzzjoni u l-finanzi u dwar il-linji ta’ gwida għall-politika dwar l-istaff. Min iħaddem għandu jagħti lill-organizzazzjoni ta’ l-impjegati l-opportunità li teżamina d-dokumenti li jikkonċernaw in-negozju sakemm ikun meħtieġ mill-*union* tax-xogħol sabiex din tħares l-interess komuni tal-membri tagħha fil-konfront ta’ min iħaddem. Min iħaddem għandu d-dritt jinnegozja l-konfidenzjalità ta’ l-informazzjoni mal-parti l-oħra u jista’ jiftaħ proċedura fil-qorti jekk ma jkunx jista’ jintlaħaq qbil dwar din it-tema.

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard, full time u għal żmien mhux determinat*
Skond l-Att dwar il-Ħarsien tax-Xogħol, min iħaddem u jkun suġġett għal ftehim kollettiv u li jikkonkludi kuntratt b’terminu fiss dwar xogħol li jaqa’ taħt tali ftehim għandu minnufih jinforma lill-organizzazzjoni lokali rilevanti ta’ l-impjegati dwar dan il-kuntratt. Impjegat li jkun imħaddem għal terminu fiss u li ma jkunx se jiġu offrut impjieg ulterjuri fit-tmiem tal-kuntratt għandu jkun infurmat dwar dan mill-anqas xahar qabel ma’ jintemm il-kuntratt b’terminu fiss. Jekk kuntratt b’terminu fiss ikun fih dispożizzjonijiet għal perjodu ta’ prova u min iħaddem ikun jixtieq itemm ir-relazzjoni tax-xogħol f’xi żmien wara dan il-perjodu, l-impjegat għandu jkun infurmat sa mhux aktar tard minn meta jiskadi l-perjodu ta’ prova. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni lokali ta’ l-impjegati li magħha jkun imsieħeb l-impjegat għandha tkun infurmata wkoll.

## It-Turkija

*A. Tassazzjoni*

Kalkolazzjoni tat-taxxi mnaqqsa f'ras il-għajn (kull xahar, jew darba kull tliet xhur)
Rappurtaġġ ta' pagi mħallsa lill-bord tat-taxxi interni (fix-xahar, jew darba kull tliet xhur)
Mili ta' lista tal-pagi għall-impjegati kollha fir-rigward tat-taxxi mħallsa (kull xahar)

*B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*

Kalkolazzjoni tal-primjums tas-sigurtà soċjali, jiġifieri invalidità, anzjanità u sopravissuti, mard, inċidenti fuq ix-xogħol u mard marbut max-xogħol, qgħad, maternità (kull xahar)
Rappurtaġġ ta' primjums imħallsa lill-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali (kull xahar)
Mili ta' lista tal-pagi għall-impjegati kollha fir-rigward tal-primjums (kull xahar)

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*

L-ispezzjonijiet tax-xogħol isiru mill-Bord għall-Ispettorat tax-Xogħol, li huwa organu ta' spezzjoni tal-Ministru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali. Il-Bord jispezzjona l-postijiet tax-xogħol f'żewġ modi: is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (OHS) u l-aspetti amministrattivi. Għall-ispezzjonijiet dwar l-OHS, l-ispetturi jivverifikaw il-kondizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u jinvestigaw inċidenti, ilmenti u każi oħra marbuta ma' l-OHS.
Min iħaddem hu totalment responsabbli mill-miżuri relatati ma' l-OHS fuq il-post tax-xogħol. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-impjegati. Kull impjegat għandu jkun imħarreġ qabel ma jibda/tibda xogħlu/xogħolha u din l-edukazzjoni għandha tkun imġedda kull meta l-persuna tibdel l-pożizzjoni fuq ix-xogħol jew jinbidlu l-proċessi tax-xogħol.

Barra minn hekk, l-ispezzjonijiet ta' l-Assigurazzjoni Soċjali jitwettqu mill-Bord ta' l-Ispettorat Soċjali li hu organu ta' spezzjoni ta' l-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali. Il-bord jispezzjona l-postijiet tax-xogħol f'żewġ modi: għal xogħol mhux iddikjarat u għal inċidenti fuq ix-xogħol u mard relatat max-xogħol. Min iħaddem għandu minnufih jinforma bil-miktub lill-pulizija lokali u lill-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali sa mhux aktar tard minn jumejn wara, b'kull inċident fuq ix-xogħol. Jekk min iħaddem isir jaf jew ikun infurmat li persuna assigurata mardet fuq ix-xogħol, dan għandu jinforma lill-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali sa mhux aktar minn jumejn wara.

*D. Eżamijiet mediċi*

Is-saħħa ta' kull impjegat li jwettaq xogħol perikoluż għandha tkun ivverifikata kull sena. Għal ċertu tipi ta' xogħol (i.e. b'sustanzi kimiċi, aġenti bijoloġiċi), huma meħtieġa xi eżamijiet mediċi supplimentari (test tad-demm, test tal-pulmun, eċċ.). Min iħaddem hu responsabbli għall-eżamijiet mediċi u jħallas għalihom. L-eżamijiet isiru mit-tabib tal-post tax-xogħol, mill-isptarijiet ta' l-Istituzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali jew

mill-isptarijiet ta' l-Istat. L-eżamijiet jistgħu jsiru jew fil-post tax-xogħol jew fl-isptarijiet.

*E. Dmirijiet ta' Rappurtaġġ Statistiku*
B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda dmirijiet ta' rappurtaġġ statistiku. Jekk, madankollu, il-post tax-xogħol jintgħażel għal stħarriġ, dan għandu jwieġeb il-kwestjonarju (mibgħut bil-posta jew imwettaq fi żjara ta' min qed jirrapporta fuq il-post tax-xogħol). Inkella, jista' jkun suġġett ta' investigazzjoni legali.

*F. Dmirijiet ta' taħriġ (għall-impjegati)*
Min iħaddem hu responsabbli għall-miżuri marbuta mas-saħħa u s-sikurezza fuq il-postijiet tax-xogħol. It-taħriġ ta' l-impjegati hu wieħed mit-temi l-aktar importanti ta' l-OHS. Għalhekk, it-taħriġ għandu jingħata minn min iħaddem. It-taħriġ jista' jkun kemm intern u kemm estern skond il-bżonnijiet.

*G. Dmirijiet marbuta ma' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*
-

*H. Dmirijiet oħra*
-

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard,* full time *u għal żmien mhux determinat*
L-aktar alternattivi importanti għall-kuntratti standard huma l-kuntratti *part-time*, il-kuntratti ta' xogħol temporanju u l-kuntratti ta' *work-on-call*. Min iħaddem ma jistax jiddiskrimina bejn il-ħaddiema li għandhom kuntratt alternattiv u l-ħaddiema li għandhom kuntratt standard. Hemm ordinanza li tirregola li min iħaddem għandu jipprovdi s-servizzi tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol irrispettivament mit-tip tal-kuntratt. Id-dmirijiet ammistrattivi implikati minn dawn it-tliet alternattivi msemmija hawn fuq mhumiex differenti mill-kuntratti standard, *full time* u għal żmien mhux determinat.

---

**Ir-Renju Unit**

*A. Tassazzjoni u B. Kontribuzzjonijiet Soċjali*
Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni (IR) hu responsabbli mill-ġbir kemm tat-taxxi kif ukoll ta' l-Assigurazzjoni Nazzjonali (NI). L-ewwel pass li għandu jieħu min iħaddem huwa li jinforma lill-IR bit-telefon li hu se jibda jħaddem. Dawn għandhom normalment iċemplu lill-*helpline* ta' l-IR - 00 44 (0) 845 60 70 143 – fejn jintalbu jipprovdu d-dettalji tan-negozju tal-kumpanija.
Wara l-kuntatt mal-*helpline*, lil min ikun se jibda jħaddem jintbagħatlu awtomatikament in-"*New Employers starter pack*" ta' l-IR. Dan il-pakkett jinkludi CD-ROM ta' introduzzjoni li fuqha hemm pakkett interattiv ta' tagħlim, fuljett dwar "*Paying someone for the first time*", flimkien ma' sett inizjali ta' tabelli tal-lista tal-paga u formoli li għandhom jimtlew wara li jkun reklutat l-impjegat. Seperatament, lil min ikun se jħaddem jinħariġlu fuljett dwar il-"*paying in*" mill-uffiċċju lokali tiegħu ta' l-IR, li

miegħu l-kumpanija tibqa’ f’kuntatt regolari. Min jibda jħaddem jista’ jfittex aktar għajnuna mill-*Business Support Teams* ta’ l-IR. Dawn it-timijiet jorganizzaw *workshops*, jagħmlu żjarat f’kumpaniji biex id-ditti jifhmu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-list tal-paga. Għajnuna hi disponibbli wkoll fuq il-*website* ta’ l-IR: www.inlandrevenue.gov.uk/employers.

Min iħaddem ġeneralment iħallas lill-impjegati kull ġimgħa, kull ġimagħtejn, kull erba’ ġimgħat jew kull xahar. Huwa għandu jiżgura li ma jħallasx anqas mill-paga minima nazzjonali.
Min iħaddem jikkalkula u jnaqqas il-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u l-NI (ta’ min iħaddem u ta’ l-impjegati) meta jagħmel il-pagamenti lill-impjegati tiegħu. Min iħaddem jista’ fl-istess ħin ikollu jnaqqas it-tnaqqis għas-self ta’ l-istudenti, jikkalkula u jħallas krediti tat-taxxa, paga statutarja tal-mard, paga għall-maternità, paga għall-paternità u paga għall-adozzjoni, flimkien mal-kalkolazzjoni tal-lîf tal-maternità, paternità jew adozzjoni. Jista’ jkollu jnaqqas wkoll it-tnaqqis għall-għajnuna għat-tfal jew tnaqqis ieħor (eż. ordnijiet tal-Qorti) u jħallashom lill-organu rilevanti. Għandha tingħata karta tas-salarju lill-impjegati kull darba li jitħallsu. Rekords tal-pagamenti tat-taxxa tad-dħul u tal-NI, eċċ, għandhom jinżammu, u jiġu rrappurtati kull sena lill-IR.

Attivitajiet amministrattivi oħra
Il-paga statutarja tal-mard – min iħaddem, f’xi każi, jista’ jirkupra lura dak li jkun ħallas. Fil-prattika, dan aktarx ikun il-każ ta’ persuna li tħaddem impjegat jew tnejn.
Il-paga statutarja għall-maternità, għall-paternità u għall-adozzjoni. Fil-prattika, dawk li jħaddmu numru kbir ta’ impjegati b’obbligi annwali għall-NI ta’ aktar minn £45,000 għandhom jiffinanzjaw 8% huma stess. Min iħaddem ftit impjegati jista’ jitlob lura 104.5% ta’ l-ammonti mħallsa.

*Ċ.* Sikurezza *fuq il-post tax-xogħol*
Meta jirrekluta l-ewwel impjegat, min iħaddem hu mitlub jinforma lill-HSE billi jimla l-“*OSR 1 Notification Form*” u jibgħatilhom. Il-postijiet tal-kumpaniji se jkunu spezzjonati regolarment jew mill-HSE jew mill-awtorità lokali, skond in-natura tan-negozju li jkun qed isir. L-HSE tistenna li min iħaddem għandu juri fuq il-post tax-xogħol powster tal-“Liġi dwar is-Saħħa u s-Sikurezza” jew inkella kull impjegat għandu jingħata kopja tal-fuljett “Liġi dwar is-Saħħa u s-Sikurezza”. Barra minn hekk, il-kumpaniji li jħaddmu persuna jew aktar għandu jkollhom assigurazzjoni, u juru ċ-ċertifikat ta’ l-assigurazzjoni fil-post tax-xogħol tad-ditta.

*D. Eżamijiet mediċi*
Xejn.

*E. Dmirijiet ta’ Rappurtaġġ Statistiku*
Xejn.

*F. Dmirijiet ta’ taħriġ (għall-impjegati)*
Normalment, xejn.

*G. Dmirijiet marbuta ma’ l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni*

Skond l-Att dwar ir-Refuġju Politiku u l-Immigrazzjoni ta' l-1996: il-liġi għal min iħaddem maħsuba biex tevita x-xogħol illegali, min iħaddem hu meħtieġ li jivverifika li impjegat prospettiv għandu legalment id-dritt li jaħdem fir-Renju Unit. Il-*Home Office* (www.ind.homeoffice.gov.uk) jipprovdi lista ta' dokumenti li jistgħu jkunu aċċettati bħala konferma ta' status legali għax-xogħol, bħal pereżempju Passaport tar-Renju Unit. Min iħaddem huwa mitlub jivverifika wkoll li l-persuna li tippreżenta d-dokumentazzjoni tkun verament il-proprjetarja tagħha, pereżempju, billi jivverifika r-ritratt tal-passaport. Min iħaddem għandu jagħmel ukoll kopja tad-dokumentazzjoni u jżommha għal spezzjoni futura possibbli mill-awtoritajiet.

*H. Dmirijiet oħra*

Kuntratt tax-Xogħol – Fil-mument li applikant jaċċetta, mingħajr kondizzjonijiet, offerta ta' impjieg, jidħol fis-seħħ il-kuntratt tax-xogħol. It-termini tal-kuntratt jistgħu jkunu orali, bil-miktub, implikati jew taħlita tat-tlieta li huma.

Anke jekk ditta ma toħroġx kuntratt tax-xogħol, u jekk kumpanija tħaddem lil xi ħadd għal xahar jew aktar, din għandha dmir legali li tipprovdi lill-persuna dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-dettalji prinċipali ta' l-impjieg sa xahrejn mill-bidu ta' l-impjieg tagħha magħhom. Id-dikjarazzjoni bil-miktub fiha nnifisha mhix il-kuntratt iżda tista' tipprovdi evidenza tat-termini u l-kondizzjonijiet tax-xogħol bejn min iħaddem u l-impjegat jekk jinqala' xi tilwim aktar 'il quddiem.

Skond l-Att dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, ditti li jimpjegaw lil xi ħadd (qasir kemm ikun qasir il-perjodu) għandhom, 'sakemm ikun raġonevolment prattiku', jipprovdu faċilitajiet ta' ħarsien adegwati u xierqa għall-ħaddiema waqt li dawn ikunu qegħdin ix-xogħol. 'Faċilitajiet ta' ħarsien' huma dawk meħtieġa għall-benesseri ta' l-impjegati – bħall-post għall-ħasil, *toilet*, faċilitajiet fejn jistrieħu u jbiddlu, ilma għax-xorb, u post nadif biex jieklu u jixorbu waqt il-ħin tal-mistrieħ.

Il-kumpanija għandha tiżgura li l-faċilitajiet jinżammu nodfa u f'kondizzjoni tajba. Dan ifisser li għandu jkun hemm sistema effettiva biex dawn jinżammu fi standard għoli, inkluż permezz ta' tindif regolari.

Kull impjegat għandu jkun infurmat bil-miktub dwar ir-regoli u l-proċedura dixxiplinari tal-kumpanija. Notifika bil-miktub għandha, pereżempju, tkun ippreżentata fuq il-bord ta' l-avviżi tal-kumpanija jew tkun ipprovduta fi ktejjeb lill-ħaddiema. Fil-każi kollha, in-notifika għandha telenka t-tip ta' imġiba u tinkludi eżempji ta' kondotta ħażina li tirriżulta f'azzjoni dixxiplinari.

*I. Regoli għal kuntratti li* mhu*miex standard*, full time *u għal żmien mhux determinat*

-

## Anness IV: Dettalji tekniċi ta' l-Istħarriġ *Eurobarometer* fost Intrapriżi b'persuna waħda

L-istħarriġ fost "Intrapriżi b'persuna waħda" tmexxa bħala stħarriġ *flash* ta' l-*Eurobarometer* skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt qafas bejn l-*EOS Gallup Europe* u l-Kummissjoni Ewropea.

It-tweġbiet għall-mistoqsijiet ta' l-istħarriġ kienu miksuba permezz ta' intervisti bit-telefon, bil-ħidma ssir f'Ġunju/Lulju 2004 (l-eks 15-il pajjiż) u Settembru 2004 (Stati Membri ġodda).

Il-persuna intervistata kienet is-sid, jiġifieri l-persuna nfisha li tmexxi n-negozju (mhux membri tal-familja, eċċ.). L-intervistatur ivverifika l-identità ta' din il-persuna fil-bidu ta' l-intervista flimkien ma' l-eżatezza tal-karatteristiċi ta' l-intrapriża, primarjament is-settur u n-numru ta' persuni impjegati (żero).

L-istħarriġ sar f'19-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li a) kienu ħatru espert biex jieħu sehem fil-grupp ta' ħidma u b) li għalihom it-teħid ta' kampjuni kien teknikament u statistikament possibbli.

It-teħid ta' kampjuni għall-intervisti sar skond żewġ kriterji: Pajjiż u settur (kostruzzjoni, industrija, servizzi u kummerċ; is-setturi ta' l-agrikoltura u l-amministrazzjoni pubblika kienu esklużi).

Il-kampjun totali kien imqassam bejn iċ-ċelloli tat-teħid tal-kampjuni (definiti skond il-pajjiż u s-settur) b'mod li ma kienx isegwi d-distribuzzjoni attwali tan-negozji fi ħdan il-pajjiżi. Minflok, għall-pajjiżi ż-żgħar, intenzjonalment, ittieħed numru akbar ta' kampjuni sabiex jinkisbu riżultati sinifikanti għal kull livell ta' analiżi (jiġifieri pajjiż u settur). Matul l-ipproċessar tad-data, kull ċellola fid-distribuzzjoni trasversali tal-kampjun ingħatat piż differenti (aktar jew anqas) skond il-piż reali tagħha fid-19-il pajjiż. Għalhekk, ir-riżultati totali mhumiex milquta b'teħid żejjed jew anqas ta' kampjuni u huma rappreżentattivi ta' l-univers totali ta' l-intrapriżi b'persuna waħda.

Tabella 8 turi n-numru assolut u relattiv ta' l-intervisti li saru għal kull pajjiż kif ukoll il-piż użat għall-kalkolazzjoni tar-riżultati ġenerali.

Ir-riżultati ta' l-istħarriġ huma validi biss fil-limiti tal-marġni statistiku kkawżat mill-proċess ta' teħid ta' kampjun. Dan il-marġni hu affettwat mid-daqs tal-kampjun (fil-każ tagħna 3,929 intervista), mir-riżultat innifsu (aktar mar-riżultat jersaq lejn il-50%, aktar il-marġni jkun estiż) u mil-livell mixtieq ta' konfidenza statistika.

Fil-każ normali ta' livell ta' konfidenza statistika ta' 95%, dan ifisser pereżempju li jekk mistoqsija tkun twieġbet mit-3,929 intrapriża b'persuna waħda kollha u jekk 40% ta' dawn is-sidien ta' negozji jkunu wieġbu "iva" hemm livell ta' sinifikat ta' 95% li r-rata reali ta' *OPEs* li jwieġbu l-mistoqsija b'"iva" hi bejn 38.5% u 41.5% (jiġifieri 40% +/- 1.5 punti perċentwali). Fejn kien hemm numri iżgħar li wieġbu (pereżempju fil-każ ta' mistoqsijiet li jaqgħu taħt mistoqsijiet oħra) il-marġni huma aktar wiesa' (ara tabella 9).

**Tabella 8: Daqs u piż tal-kampjuni**

| | Intervisti | | |
|---|---|---|---|
| | **Assolut** | **% ta' l-intervisti kollha** | **Piż** |
| Il-Belġju | 201 | 5.1 | 3.2 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 200 | 5.1 | 12.2 |
| Id-Danimarka | 204 | 5.2 | 0.7 |
| Il-Ġermanja | 300 | 7.6 | 10.2 |
| L-Estonja | 102 | 2.6 | 0.1 |
| Spanja | 311 | 7.9 | 12.0 |
| Franza | 303 | 7.7 | 10.3 |
| L-Irlanda | 92 | 2.3 | 0.3 |
| L-Italja | 300 | 7.6 | 17.4 |
| Ċipru | 100 | 2.5 | 0.2 |
| Il-Litwanja | 215 | 5.5 | 0.1 |
| Il-Lussemburgu | 100 | 2.5 | 0.1 |
| L-Olanda | 200 | 5.1 | 1.9 |
| L-Awstrija | 200 | 5.1 | 0.6 |
| Il-Polonja | 300 | 7.6 | 10.2 |
| Il-Finlandja | 100 | 2.5 | 1.0 |
| L-Iżvezja | 201 | 5.1 | 0.9 |
| Ir-Renju Unit | 300 | 7.6 | 18.4 |
| Total | 3929 | 100.0 | 100.0 |

**Tabella 9: Marġni statistiku minħabba l-proċess ta' teħid ta' kampjuni (livell ta' konfidenza ta' 95%)**

| Riżultat osservat | 10% | 20% | 30% | 40% | 50% | 60% | 70% | 80% | 90% |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| n = 50 | 8.3 | 11.1 | 12.7 | 13.6 | 13.9 | 13.6 | 12.7 | 11.1 | 8.3 |
| n = 100 | 5.9 | 7.8 | 8.9 | 9.6 | 9.8 | 9.6 | 8.9 | 7.8 | 5.9 |
| n = 200 | 4.2 | 5.5 | 6.4 | 6.8 | 6.9 | 6.8 | 6.4 | 5.5 | 4.2 |
| n = 500 | 2.6 | 3.5 | 4.0 | 4.3 | 4.4 | 4.3 | 4.0 | 3.5 | 2.6 |
| n = 1000 | 1.9 | 2.5 | 2.8 | 3.0 | 3.1 | 3.0 | 2.8 | 2.5 | 1.9 |
| n = 2000 | 1.3 | 1.8 | 2.1 | 2.2 | 2.2 | 2.2 | 2.1 | 1.8 | 1.3 |
| n = 4000 | 0.9 | 1.3 | 1.4 | 1.5 | 1.6 | 1.5 | 1.4 | 1.3 | 0.9 |

## Anness V: Spjegazzjoni ta' xi termini tekniċi użati f'dan ir-rapport

**Punt ta' referenza** – Għal xi data kwantitattiva, ir-rapport jistabbilixxi punti ta' referenza. Il-punti ta' referenza huma stipulati ugwali għal valur tal-pajjiż li jaqa' eżatt fi ħdan il-grupp ta' 33% tal-pajjiżi bl-aqwa rendiment. Kienu biss dawk il-pajjiżi li ħadu sehem fil-grupp ta' esperti li kienu inklużi fil-kalkolazzjoni tal-punti ta' referenza.

Eżempju: Jekk f'sitt pajjiżi ċertu indikatur ikollu dawn il-valuri:

| Pajjiż | A | B | C | D | E | F |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Valur ta' l-indikatur | 10 | 15 | 20 | 30 | 40 | 50 |

u jekk valur aktar baxx ta' l-indikatur ikun jirrappreżenta riżultat "aħjar", f'dan il-każ, il-punt ta' referenza ikun 15.

**Indikatur dirett** – F'dan ir-rapport, indikatur dirett jirrappreżenta fattur li hu mistenni li se jħalli effett dirett fuq deċiżjoni tas-sid tan-negozju dwar jekk jirreklutax impjegat jew le. Eżempji tipiċi ta' dawn il-fatturi huma l-pagi, l-ispejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi, il-problemi previsti fil-każ ta' tkeċċija, l-ammont ta' xogħol ta' karti u burokrazija marbuta mar-reklutaġġ tal-ħaddiema, spejjeż għall-prevenzjoni ta' l-inċidenti, eċċ.

Fil-prinċipju dawn l-indikaturi jistgħu jitkejlu direttament (eż. billi jkun osservat u mkejjel iż-żmien li sid in-negozju jaħli fuq proċeduri amministrattivi f'ġimgħa partikolari) iżda minħabba l-limiti ta' ħin u ta' baġit, il-valur ta' l-indikaturi diretti kien f'diversi każi bbażat fuq stimi mill-esperti.

**Relazzjoni tax-xogħol** – dan it-terminu hu użat f'sens ġenerali, dan ikopri t-tipi kollha ta' kuntratti tax-xogħol, bil-miktub jew orali, *full time* jew *part time*, eċċ.

**Indikatur indirett** – għal kuntrarju ta' l-indikatur dirett, l-indikatur indirett mhux responsabbli direttament għal deċiżjoni potenzjali ta' min iħaddem dwar jekk jimpjegax jew le, iżda hu mistenni li jkun korrelatat ma' tali fatturi. In-numru ta' formoli li għandhom jimtlew għar-reklutaġġ jista', pereżempju, jindika l-piż amministrattiv reali tal-proċeduri ta' reklutaġġ.

Għal dan ir-rapport, intgħażlu diversi indikaturi indiretti li setgħu ikunu stabbiliti b'mod relattivament sempliċi u oġġettiv. Għandu jkun irrimarkat li f'ċertu każi l-indikaturi indiretti ma jkunux jistgħu jitqabblu bis-sħiħ bejn il-pajjiżi.

**Kuntatti legali u amministrattivi (għar-reklutaġġ)** - Il-kuntatti obbligatorji kollha ma' entitajiet, istituzzjonijiet u kumpaniji pubbliċi, semi-pubbliċi jew anki privati li huma meħtieġa għal min iħaddem sabiex jibda relazzjoni normali tax-xogħol. F'dan ir-rapport tniżżlu biss il-kuntatti obbligatorji. Jekk, pereżempju, persuna li tista' tibda

tħaddem tagħmel kuntatt b'mod volontarju ma' uffiċċju ta' l-impjiegi biex isib impjegat, dan il-kuntatt ma jitniżżilx. Jekk l-uffiċċju ta' l-impjiegi għandu jkun infurmat b'post battal, dan jitniżżel. Il-kuntatti obbligatorji ġeneralment ikunu ma' istituzzjonijiet pubbliċi jew semi-pubbliċi iżda f'ċertu każi jistgħu jkunu ma' entitajiet privati (eż. kumpaniji privati ta' l-assigurazzjoni li għandhom ikunu kkuntattjati għall-assigurazzjoni obbligatorja kontra l-inċidenti).

F'ċertu każi, min iħaddem jista' jkollu jipprovdi ċertu dokumenti u s-sors minfejn jikseb dawn id-dokumenti ma jkunx direttament involut fir-reklutaġġ (eż. nutar). Dawn il-kuntatti huma inklużi ħlief jekk intrapriża jkollha tikseb dawn id-dokumenti indipendentement mir-reklutaġġ.

**Proċeduri (passi) legali u amministrattivi fil-proċess ta' reklutaġġ** – il-proċeduri obbligatorji kollha li dawk li se jibdew iħaddmu għandhom iwettqu, pereżempju, jirreġistraw lilhom infushom, jinfurmaw entitajiet pubbliċi, jiksbu ċertu dokumenti, eċċ. Parti kibra mir-rekwiżiti amministrattivi fil-prattika jkunu jfissru li trid tinkiseb formola, timtela u tintbagħat lil xi entità pubblika. Dawn l-attivitajiet kollha huma meqjusa bħala pass wieħed. Jekk, madankollu, min iħaddem għandu jikseb ċertu dokument biex jehmżu ma' din il-formola, dan għandu jingħadd bħala pass separat.

Il-proċeduri/passi amminstrattivi huma meqjusa f'dan ir-rapport b'mod indipendenti mill-formola, jiġifieri ma tagħmilx differenza jekk in-notifika ssirx b'formola standard, b'ittra jew b'telefonata.

Attivitajiet li jikkonċernaw biss lil min iħaddem u lill-impjegat u li jsiru għal raġunijiet ta' negozju mhumiex meqjusa (pereżempju t-twettiq ta' intervista għall-impjieg, negozjati għas-salarju, eċċ.) sakemm dawn ma jkunux obbligatorji.

Xi kultant żewġ (jew aktar) servizzi huma pprovduti mill-istess istituzzjoni. F'dan il-każ, l-indikaturi jirreġistraw kuntatt wieħed iżda żewġ proċeduri (jew aktar). Xi kultant, żewġ servizzi jistgħu jkunu pprovduti mill-istess istituzzjoni iżda anke minn żewġ istituzzjonijiet differenti. F'dan il-każ, ġie meqjus l-aktar mod ta' imġiba komuni.

**Spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi** – il-kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi li jħallas min iħaddem u li huma relatati max-xogħol (dawn ta' l-aħħar ma jeżistux fil-pajjiżi kollha).

**Intrapriża b'persuna waħda (OPE)** – Persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati u negozji inkorporati li fihom is-sid jaħdem waħdu. Huma inklużi dawk li jaħdmu għal rashom *part-time* u dawk li jaħdmu għal rashom filwaqt li jkollhom impjieg ieħor.

**BIBLIJOGRAFIJA**

Agence des PME (2003), *Gestion du personnel et de l'emploi dans les petites enterprises*, Observatoire des PME, numéro 3, octobre 2003, Parigi.

Better Regulation Task Force (2000), *Helping small firms cope with regulations – Exemptions and other approaches*, http://www.brtf.gov.uk/taskforce/archive/previousreports.htm.

Bockel, J.-M. (2001), *Rapport sur la simplification de la creation d´entreprise, de la vie de createurs et de la gestion de leurs entreprises*.

Business Link (2003), *The No-Nonsense Guide to Government rules and regulations for setting up your business*.

Brunetti, A.; Kisunko, G.; Weder, B. (1998), *How Business Sees Government: Responses from Private Sector Surveys in 69 Countries,* World Bank Paper, International Finance Corporation Discussion Paper No. 33, Washington.

Chambre de Métiers, Grand-Duche de Luxembourg (1999), *L'artisanat et les charges administratives: Analyse et revendications,* Luxembourg.

Chambre de Métiers, Grand-Duche de Luxembourg (2004), *L'artisanat et les charges administratives en 2004*, Luxembourg.

Clare, Richard; Paternoster, Anne (2003), *Minimum wages. EU Member States and Candidate Countries*, January 2003, Eurostat, Statistics in Focus, 10/2003.

Kummissjoni Ewropea (1997), *Termination of employment relationships. Legal situation in the Member States of the European Union*, Luxembourg.

Kummissjoni Ewropea (2002a), B*usiness demography in Europe*, Observatory of European SMEs 2002, N0. 5.

Kummissjoni Ewropea (2002b), *Recruitment of employees: administrative burdens on SMEs in Europe*, Observatory of European SMEs 2002, No. 7.

Eurostat (2001a), *European social statistics. Labour costs, series 1988-1999*, Luxembourg.

Eurostat (2001b), *European social statistics – Labour force survey results 2000*, Luxembourg.

Geißler, O. (2001), *Der Unternehmer im Dienste des Steuerstaats*, Stuttgart u. a.O.

Institut für Mittelstandsforschung Bonn (2004), Bürokratiekosten kleiner und mittlerer Unternehmen, Gutachten im Auftrag des Bundesministeriums für Wirtschaft und Arbeit, Wiesbaden.

Mäki, K.; Pukkinen, T. (2000), *Työnantajaksi ryhtymisen kynnykset (Barriers to employment among Finish self-employed*), Studies and reports, Ministry of Trade and Industry, Helsinki.

Ministry of Labour of Finland (2003), *Industrial Relations and Labour Legislation in Finland.*

Niehof, J. (1999), *Barriers for hiring personnel. What barriers do Dutch small-business owners perceive in the decision-making process with respect to the hiring of personnel?*, EIM Economic & Business Research, Research Report 9807/1, Zoetermeer.

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, *OECD* (2001), *Businesses' views on red tape. Administrative and regulatory burdens on small and medium-sized enterprises*, Pariġi.

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, *OECD* (2004), *Working Party on Employment, Employment Protection Regulation and Labour Market Performance*, abbozz, Pariġi

Paternoster, Anne (2003) *Labour Costs Survey 2000. EU Member States and Candidate Countries*, Eurostat, Statistics in Focus 18/2003.

**TAQSIRIET**

| | |
|---|---|
| A | L-Awstrija |
| Av. | Medju/a |
| B | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| D | Il-Ġermanja |
| DK | Id-Danimarka |
| E | Spanja |
| EE | L-Estonja |
| EL | Il-Greċja |
| EUR | Ewro |
| F | Franza |
| FIN | Il-Finlandja |
| HU | L-Ungerija |
| I | L-Italja |
| IRL | L-Irlanda |
| ICE | L-Islanda |
| L | Il-Lussemburgu |
| LT | Il-Litwanja |
| LV | Il-Latvja |
| MT | Malta |
| NL | L-Olanda |
| NO | In-Norveġja |
| P | Il-Portugall |
| PL | Il-Polonja |
| RO | Ir-Rumanija |
| S | L-Iżvezja |
| SI | Is-Slovenja |
| SK | Ir-Repubblika Slovakka |
| TR | It-Turkija |
| UK | Ir-Renju Unit |